Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 110 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Fabian Fleri

Spettur James Grech

Vs

Dragana Mijalkovic

Illum 17 ta' Settembru 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, Dragana Mijalkovic, detentrici tal-Passaport Serb bin-numru 008678559, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-06 ta' Frar, 2016, u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament, bil-ħsieb li toqtol lil David Grant jew li tqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunatlu l-mewt;

2. Talli nhar it-12 ta' Ottubru, 2016, u/jew fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament, bil-ħsieb li toqtol lil Neville Ayers jew li tqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunatlu l-mewt;

3. Talli nhar is-06 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li kienet taf jew missha kienet taf lil David Grant, persuna ta' 67 sena, kien persuna anzjana jew

adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant isofri, jew ġabet fuq il-persuna ta' David Grant uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellha l-kura u l-kustodja ta' David Grant, persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant jew is-saħħa tiegħu issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant jitqiegħed f'sitwazzjoni li hu jew is-saħħa tiegħu tkun fil-periklu;

4. Talli nhar it-12 ta' Ottubru, 2016, u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li kienet taf jew missha kienet taf lil Neville Ayers ta' 78 sena, kien persuna anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers isofri, jew ġabet fuq il-persuna ta' Neville Ayers uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellha l-kura u l-kustodja ta' Neville Ayers, persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers jew is-saħħa tiegħu issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers jitqiegħed f'sitwazzjoni li hu jew is-saħħa tiegħu tkun fil-periklu;

5. Talli nhar is-06 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li kienet taf jew missha kienet taf lil David Grant, persuna ta' 67 sena, kien persuna anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, hlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant isofri, jew ġabet fuq il-persuna ta' David Grant uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellha l-kura u l-kustodja ta' David Grant, persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant jew is-saħħa tiegħu issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li David Grant jitqiegħed f'sitwazzjoni li hu jew is-saħħa tiegħu tkun fil-periklu;

6. Talli nhar it-12 ta' Ottubru, 2016, u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li kienet taf jew missha kienet taf lil Neville Ayers ta' 78 sena, kien persuna anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, hlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers isofri, jew ġabet fuq il-persuna ta' Neville Ayers uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellha l-kura u l-kustodja ta' David Grant, persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers jew is-saħħa tiegħu issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħlet jew ippermettiet li Neville Ayers jitqiegħed f'sitwazzjoni li hu jew is-saħħa tiegħu tkun fil-periklu;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata mill-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-Artikoli 225; 257A; 257C; 17; 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tat-2 t' April, 2019, fejn il-Qorti filwaqt li illiberat lill-imputata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames u tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31 u 257A(1)(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tat-tielet u tar-raba imputazzjoni, u ikkundannata hames snin u nofs prigunerija minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv.

[1] Fol. 1518

Inoltre` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' erbatax il-elf hames mija u erbatax l-ewro u tmienja u erbghin centezmu (€14,514.48) rapprezentanti spejjez peritali.

Ordnat wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

Finalment in vista tal-fatt li rrizulta li l-hatja m'ghandhiex permess tirrisjedi Malta, irrikmandat li hekk kif tkun skontat is-sentenza imposta fuqha, jittiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lill-Ufficjal Principali Ghall-Immigrazzjoni ai termini tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din titnehha minn dawn il-Gzejjer.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Dragana Mijalkovic, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 t' April, 2019, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokha f' dik il-parti fejn sabet ħtija fit-tielet u r-raba imputazzjoni u erogat il-piena imsemmija ta' prigunerija effettiva ta' ħames snin u nofs u ħlas tal-ispejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9, u tikkonfermha fil-bqija jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena u tinfliggi piena iktar ekwa u ġiusta;

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Li l-Onorabbli Qorti li ddeċiediet il-każ, li ma kienetx il-Qorti li semgħet il-parti kbira tax-xhieda sa mill-ewwel mumenti kienet ppreġudikata kontra l-akkuzata tant li lanqas assikurat l-aktar prinċipji bażiċi ta' smiegħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għal protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fost lamenteli oħra ;

2. Li l-Onorabbli Qorti fil-ġudizzju żbaljata tagħha ċaħdet lill-akkuzata milli jkollha il-ħin kollu interpretu bil-lingwa serb għaliex ddeċiediet, kmieni fil-proċess, li hi kienet tifhem kollox bl-ingliz u li r-rimanenti kien biss *messa in scena* ;

3. Li l-Onorabbli Qorti lanqas qatt ma kellha taħtar bħala espert sabiex janalizza il-faxxikoli mediċi tal-allegat vittma fil-kumpilazzjoni l-istess espert li kien inħatar fl-inkjesti peress li hu kien ġja esprima ruħu fuq il-kaz, u kien hu li instiga l-proċeduri odjerni.

4. Li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament zbaljata ta' liema stqarrijiet kienu legalment validi peress li dik meħuda fit-tnax ta' Jannar 2017 ma ingħatatx id-drittijiet kollha skond il-liġi li tkun assistita minn Avukat tal-fiduċja tagħha u li jkun presenti ukoll waqt l-interrogazzjoni u waqt it-teħid tal-istqarrija tal-ħdax ta' Jannar 2017 ma ġietx infurmata tajjeb li hi kellha dritt teżiġi li l-Avukat tal-fiduċja tagħha jkun presenti ukoll waqt l-interogazzjoni;

5. Li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljata tal-Liġi senjatament l-artikolu 257 A, kif ukoll meta aċċettat r-recordings bħala riperti parti mill-process ;

6. Li l-Onorabbli Qorti għamlet appreżżament żbaljata tal-provi li tressqu fis-sens li x-xhieda miġbura fil-kumpilazzjoni ma twassalx sal-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-akkuzata li tagħha intabet ħatja;

7. Li l-Onorabbli Qorti għamlet appreżżament żbaljata tal-aggravju imressaq dwar l-ispejjes tal-kawża ;

8. Li mingħajr pregudizzju għal-premess, fi kwalunkwe kaz, tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena inflitta hija eccessiva u mhiex ekwa;

**Dwar l-aggravji.**

**Dwar l-ewwel aggravju** l-esponent jisottometti li l-Onorabbli Qorti li ddeċidiet il-każ, li ma kienetx il-Qorti li semgħet il-parti kbira tax-xhieda sa mill-ewwel mumenti kienet ppreġudikata kontra l-akkuzata tant li lanqas assikurat l-aktar prinċipji bażiċi ta' smiegħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u taħt-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għal protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ;

Il-kummenti u attiduni tal-Qorti fil-konfront tal-proċess kif ukoll tal-akkuzata, kienu indikattivi ta' pregudizzju li l-istess Avukat difensur wasluħ kemm il-darba sabiex jikkunsidra r-rikuzar tal-istess ġudikant. Iżda zamm lura. Il-Qorti kif presjeduta kienet qed tgħaddi kummenti mhux f' lokhom waqt il-proċeduri, ma assikuratx li jkollha dejjem traduttriċi, kienet iebsa mingħajr bżonn fil-konfront tagħha, ( mhux meta xehdet għaliex hemmhekk tagħta iż-żmien kollu tgħid li riedet) kummenti li kienu juru li ma kienetx temmina sa mill-bidu li l-proċess, ġja mibdi, ġie assenjat lilha.

Jiġi rilevat okkazjoni waħda minn uħud, meta l-avukat difensur kien wasal tard fl-awla 14 fejn kienet qed tinstema l-atti tal-kumpilazzjoni, is-seduta kienet spiċċat u fl-awla kien hemm biss l-imputata, l-iskorta u s-sottoskritt. L-Avukat kellem lill-imputata fejn din kienet qed tispjegaliha x' qaltilha l-Qorti meta mis-siġrieta biswit ħareġ tiġri l-Qorti biex tikkonfrontha u tgħid lill-Avukat sottoskritt li mhux hekk kienet qalitilha.

Il-mod kif il-Qorti ma aċċettatx lit-traduttriċi Maya Brown , għall-ebda raġuni, u dan minkejja li l-imputata kienet ddikjarat li hi ma kienetx kuntenta bl-ewwel traduttriċi, (dik li kellha fid-depot tal-pulizija waqt l-istqarrijiet ) u kienet aktar komda b' Maya Brown.

L-insistenza li jinħatar espert li kien esprima ruħħu f' analizi oħra rikjesta. Minkejja l-oġġezzjonijiet voċiferi tad-difiza.

Il-preġuddizzju tkompla ukoll meta dawn l-esprti (Mario Scerri, Peter Ferry u lProfs Emanuel Farrugia) ġew biex jirrapportaw dwar il-konkluzjonijiet, il-Qorti riedet lill-Mario Scerri jitkellem fuqhom u kellha tkun id-difiza li terġa toġġezzjona.

Il-preġudizzju deher ukoll meta l-istess Qorti laqgħet talba għal bdil tal-kundizzjonijiet marbuta mal-ħelsien tal-arrest tagħha, dan wara li l-Avukat Generali kien biddel ir-rotta tiegħu, l-akkuzi li ried li titfaċċa l-istess imputata , bil-kundizzjonijiet imposti.

Il-kumment tal-Qorti waqt il-qari tas-sentenza meta l-imputata ppruvat tattira l-attenzjoni tal-Avukat sottoskritt tramita l-interpretu, konna għadna fil-bidu tal-qari tas-sentenza u l-Qorti kkumentat li kien ser jkollha biż-żejjed żmien tkellem lis-sottoskrit li dan setgħet tgħamlu meta tkun qed tiffirma l-karti tal-appell.

Il-mod kif tiddeskrivi l-azzjonijiet tal-imputata, kummenti li għaddiet fis-sentenza, kif tirreferi għal filmati bħala *speci ta' interrogatorju*.

Il-mod kif irreferiet għall-osservazzjonijiet ta' Mario Scerri meta ddeċieda li jieqfu jkelmu lill imputata. Il-Qorti tgħid *Illi din l-ażżjoni ferm astuta u f' waqta hi piena konformita ma dak li jipprovdi l-artikolu 355AU* ... Il-Qorti naqset milli tivverfika dwar l-informazzjoni li kienu ġja ġabru l-pulizija sa dak l-istadju, irrizulta mhux veritier dan miġjub bħala fatt, għaliex wara din id-data baqgħu jiġbru l-informazzjoni u kellhom ġja din l-osservazzjoni f' idejhom. Hi skorretta l-Qorti meta tgħid li l-imputata kienet sa dak iż-żmien *sempliċiment persuna li marret tirraporta s-sinistru*. Il-Pulizija baqgħu jkellmuha għaliex mill-istqarrijiet jirrizulta li kienu jafu ferm aktar informazzjoni dwar il-każ, bl-informazzjoni biss setgħu jiġu fformulati l-mistoqsijiet kif gew fformulati.

Il-mod kif irreferiet għall-siltiet mix-xhieda, tirrafermhom b'mod biex izziedilhom il-piż fosthom kummenti bħal *Ix-xhud b'sinċerit jispejga għaliex irrifjuta gest uman bħal ma hu dak li tippresta l-għajnuna lill-ħaddiehor fil-bżonn*. Insiet il-Qorti li hi ma kienitx semgħet lill-dan ix-xhud jixhed, xhed bit-traduttur u numru ta' mistoqsija ma irrispondiex għalihom. Kif tista Qorti tiġġudika dwar sinċerita ta' xhud li ma semgħtux jixhed ?

**Dwar it-tieni aggravju** li l-Onorabbli Qorti fil-ġudizzju żbaljata tagħha ċaħdet lill-akkuzata milli jkollha il-ħin kollu interpretu bil-lingwa serb għaliex ddeċiediet kmieni fil-proċess li hi kienet tifhem kollox bl-ingliz u li r-rimanenti *messa in scena* ;

Dwar dan jingħad li l-imputata ma kienetx komda bl-ewwel traduttriċi u fit-tieni seduta ssejħet traduttriċi oħra. Il-Qorti li ddeċidiet l-akkużi, wara numru ta' seduti ma aċċettatx lill-interpretu Maya Brown, waqfitha kemm il-darba u għamliha ċara li ma riditix ttitraduċi minkejja x-xewqa tal-imputata. Dan fisser li fil-maġġior parti tax-xhieda ma kelliex traduttriċi għall-lingwa serb, il-Qorti dejjem titlob sabiex nimxu mingħajr traduttriċi, pressjoni inutili li ma kellux jkun hekk, u meta inġabet, inġabet l-istess waħda li kienet prezenti meta ittieħdu l-istqarrijiet fid-depot.

Il-Qorti ddeċidiet, u esprimiet il-fehma kemm il-darba li l-imputata kienet tifhem ben tajjeb bl-ingliz u hawn kienet errata. Il-Qorti ddeċidiet li kienet qed tgħaddija bi-żmien u ergo ma assikuratx dan id-dritt fondamentali li ma għandux għal fejn jintalab iżda għandu jingħata *di diritto*.

Kienu il-Pulizija stess, li fl-ewwel seduta meta tressqet, ddikjaraw quddiem il-Qorti li *l-imputata ma tifhemx la bil-lingwa Maltija u lanqas bil-lingwa Ingliza, użda tifhem biss bil-lingwa serba*.

Dan wara li kienu ħadula erba stqarrijiet, ħafna minnhom bl-ingliz, u mhux ingliz li taf illum meta ilha l-ħabs aktar minn sentejn u tgħallmet ftit aktar l-ingliz, ingliz tagħha ta' sentejn ilu. Jekk illum tfarrak il-lingwa ingliza wieħed jista jikkonkludi x' kienet tagħmel bl-istess lingwa sentejn ilu.

Filwaqt li l-imputata titkellem bl-ingliz miksur illum huwa evidenti li sabiex tirrispondi għall-dawn l-akkuzi kellhom jkunu ċerti li qed tifhem mhux l-inġliż iżda s-sens ta' dak li qed jingħad u l-gravita tas-sitwazzjoni li kienet sabet ruħha fiha u li għaliha kienet sejra tirrispondi. Hemm differenza kardinali billi tikkomunika bl-ingliz u tifhem l-ingliz aktar u aktar ingliz legalistiku, inkluz l-akkuzi.

Id-diffikolta toħroġ aktar meta wieħed jaqra l-mod kif tesprimi ruħha bil-lingwa ingliza. Tinduna li hi mhux dejjem tifhem il-mistoqsijiet, anki l-Pulizija stess kienu l-hin kollu qed jgħidula titkellem bis-serb sabiex jinftehmu. Huwa evidenti iżda ( ħaga li l-pulizija dak il-hin ma fhemux) ma kienetx komda bit-traduzzjonijiet li kienet qed jsiru u għalhekk kienet teqleb għall-ingliz.

Ukoll fil-qari tas-sentenza l-imputata ma ingħattax dan id-dritt bażiku, fil-fatt ma kelliex interpretu għall-lingwa serb u kellha tifhem bl-ingliz.

**Dwar it-tielet aggravju** li l-Onorabbli Qorti qatt ma kellha taħtar bħala espert sabiex janalizza il-faxxikoli mediċi tal-allegat vittma fil-kumpilazzjoni l-istess espert li kien inħatar fl-inkjesti peress li hu kien ġja esprima ruħu fuq il-kaz, u kien hu li instiga l-proċeduri odjerni.

Il-Qorti insistiet li l-espert li kellu jinħatar sabiex, waqt il-kumpilazzjoni, meta waslu l-files mediċi mill-Ingilterra, jinħatar l-istess espert (Mario Scerri) li kien ġja inħatar fl-inkjesta u li kien ġja esprima ruħhu dwar l-akkadut. L-iskop ta' dan l-analiżi kien sabiex jiġi konkluz l-istat li kienu fiħ il-vittmi qabel ma waslu Malta, minn x'hiex kienu qed jbatu u x'trattament mediku kellhom bzonn.

Id-difiza, li riedet dan l-analiżi, riedet espert kompletament indipendenti sabiex jkun liberu jikkontradixxi l-konkluzjonijiet tal-istess espert Mario Scerri. Fil-fatt kif jirrizulta, mill-ftit li vverbalizzat l-istess Qorti ( verbal 5 ta' April 2018 fol 922) il-Qorti riedet terġa taħtar lill-istess espert Dr. Mario Scerri. Kienet id-difiza li oġġezzjonat bil-qawwa kollha li Mario Scerri ma kienx espert indipendenti peress li kien hu li instiga dawn il-proċeduri u kien hu li ġja esprima l-fehma tiegħu, kienet id-difiza li insistiet li jkun persuna totalment indipendenti, għaliex smiegħ xieraq hekk jirrikjedi, biss il-Qorti ma aċċettatx din it-talba. Baqgħet targumenta mad-difiza sa kemm fl-aħħar kkonċediet li jkunu hemm tlett esperti nominati, biss wieħed minnhom kellu jkun l-espert Mario Scerri. Id-difiza rregistrat l-oġġezzjoni tagħha u dan minħabba li z-zewġ esperti l-oħra ma kienux midħla tal-Qorti, u Mario Scerri kien jaf il-każ kollu, kien esprima ruħhu u meqjus mnn ħafna bħala awtorita f' dawn ir-rapporti.

Id-difiza minkejja kollox, permezz mhux tar-rapport iżda tal-kontro eżami li sar fuq ir-rapport, irnexxiela turi l-inġutizzja tal-akkuzi u twaqqgħet dik tal-omiċidju minnufiħ. Kellha tkun id-difiza li tiġbet, għal darba darbtejn l-attenzjoni tal-Qorti li dwar ir-rapport tagħhom riedet tisma l-esperti l-oħra u mhux lill-Mario Scerri li kien ġja

esprima ruħhu fuq dan il-kaz u kien ovvja li ma kienx ser jiġi l-quddiem u jbiddel fehmtu. ( fol 1454)

Dr. Peter Fenech : *Dan huwa rapport konġiunt, jiġifieri jiena irrid nisma, ħalhekk tlabt niex indipendenti, Dr. Scerri bir-rispett kollu lejħ diġa qalhomna dawn l-affarijiet*

Dr. Mario Scerri : *Iva diġa għedtu*

Dr Peter Fenech : *Ma jistax jinfluwenza lill-oħrajn li from their own intiaitives jgħidu l-affarijiet tagħhom. Jien l-Qorti diġa taf x' pozizzjoni ħadt fir-rigward fuq din is-sitwazzjoni u nerga nirrepetiha*

Qorti : *Iva imma xorta jibqa' espert u parti minn dawn it-tlieta*

Dr. Peter Fenech : *Mhux dak il-punt Sinjura Magistrat, il-punt huwa, rrid x'qed jgħidu l-oħrajn u ma hemmx għalfejn ku jiġi ripetut dak li diġa qal Dr. Scerri.*

**Dwar ir-raba aggravju** li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament zbaljata ta' liema stqarrijiet kienu legalment validi l-imputata ssostni żewġ fehmiet. Naturalment hemm qbil li l-ewwel żewġ staqrrijiet kienu inammissibli u l-osservazzjonijiet huma dwar it-tielet u r-raba stqarrija.

Dwar it-tielet istqarrija <u>tal-11ta' Jannar 2017</u>, filwaqt li l-imputata ingħatat id-dritt li tikkonsulta avukat hi ma ġietx infurmata li kellha dritt tkun assistita minn Avukat waqt l-interrogatorju kif sanċit mill-Qorti tal-Appell. Dan huwa dritt fondamentali li jassigura li l-proċess jsegwi qafas ta' smiegħ xieraq.

L-importanza ta' dan jikber meta wieħed jara l-mistoqisijet li saru u kif saru lill-imputata waqt l-istess.

Il-gravita hija rriaffermata mill-fatt li l-pulizija, fl-interrogazzjoni riferita użaw l-informazzjoni li huma ġabu mill-ewwel stqarrijiet, jew diskussjonijiet oħra li huma kellhom mal-imputata, stqarrijiet li kienu ddikjarati miġbura kontra d-dettami ta'

smiegħ xieraq u uzawhom bħala bażi u aktar għall-dak mistoqsi f' din it-tielet istqarrija. Mill fuq ċitat siltiet tal-istqarrija ma jistax jkun hemm dubbju li ma sarx hekk. La darba dik l-informazzjoni ma setgħetx titntuza wieħed ma jistax jibni fuqha għall stqarrija futura meħuda mill-istess investigaturi.

Dwar ir-raba stqarrija, dik meħuda fit-tnax (12) ta' Jannar 2017 l-imputata ma ingħatatx id-drittijiet kollha skond il-liġi li tikkonsulta u li tkun assistita minn Avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interogazzjoni u waqt it-teħid tal-istqarrija;

**Dwar il-ħames aggravju** li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljata tal-Liġi senjatament l-artikolu 257 A meta kkonkludiet li l-imputata kienet persuna li kellha l-kura u l-kustodja tal-vittmi ;

Dwar l-artikolu 257A li tagħha instabet ħatja l-imputata jingħad li l-elementi necessarji huma li persuna xjentement iġġiegħel jew tippermetti persuna adulta issofri uġiegħ fisiku u jew mentali jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna adulta tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tagħhom ssirilhom il-ħsara tkun fil-perikolu.

Dwar l-ewwel parti tal-artikolu l- elementi rikjesti huma

- Taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt,
- xjentement iġġiegħel jew tippermetti persuna adulta issofri uġiegħ fisiku u jew mentali
- jew iġġib fuq dawk il-persuni uġieħ fisiku jew tbgħatija mentali mhux ġustifikabbli

L-ewwel element jeħtieġ cirkostanzi li jwasslu għall-offiza gravi fuq il-persuna jew mewt. L-imputata ma kkontribwiet għall-ebda ċirkostanzi li wasslu għall xi offiza gravi jew il-mewt, iċ-ċirkostanzi li żviluppew, zviluppew b' mod naturali minħabba numru ta' ċirkostanzi uħud minnhom lanqas identifikabbli b' certezza mill-konsulenti mediċi stess.

It-tieni element jirrikjedi l-element tal-intenzjoni, il-liġi tuza l-kelma xjentement, fatt li fil-każ odjern ma ġiex ppruvat għaliex kien nieqes. Kull meta kellu xi ħaġa l-imputata

ħaditu spizerija, xtraw dak li kellu bzonn. Ma inġabet l-ebda prova kuntrarja li l-imputata xjentement kkawzat ħsara fisika jew morali lill-vittimi. Dak li l-Qorti kellha tara kien biss jekk l-esponent xjentement ippermettietx li dawn jsofru. Hi ħadet ħsieb il-vittmi minkejja li huwa sottomess li ma kelliex obbligi għajr li kienu fil-kumpanija tagħha bil-limitazzjonijiet ta' azzjoni li dan legalment jġib miegħu. Hi għamlitilhom kull ma kellhom bzonn, wieħed ma jistax jikkonkludi, sempliċiment għaliex, *dato ma non concesso*, sejħet għall-ambulanza tardivament, li hi ippermettiet li jsoffru uġiegħ fisiku, u dan jiġi sottomess għaliex ma kienx hemm aktar x'tgħamel in kwantu għal Ayers għajr tmur kontra d-deċizjoni u xewqa tal-istess Ayers, ħaga li għamlet hekk kif irrealizzat li hu ma kienx aktar f'pożiżżjoni li jieħu din id-deċizjoni. Ill-Qorti tikkontendi li din id-deċizjoni hi kellha tagħmilha qabel ma fil-fatt għamlitha. Qedgħin nitkellmu deċizjoni ta' ftit siegħat qabel ma ħaditha. Dan fiħ innifsu ma jistax jgħati lok għal ħtija taħt dan l-artikolu.

It-tielet element jirrikjedi l-intervent tal-imputata sabiex tikkawzalhom uġiegħ fisiku jew mentali. Dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mill-provi prodotti.

Dwar it-tieni parti tal-istess artikolu, jrid jiġi stabbilit jekk l-imputata kelliex kemm il-kura kif ukoll il-kustodja tal-vittma. Dan għaliex l-artikolu ma jgħatix l-għazla lill-Qorti, l-legislatur ried li sabiex persuna tinstab ħatja ta' offiza simili taħt dan l-artikolu l-imputata jrid jkollha l-kura u l-kustodja. Kjarament l-imputata żġur ma kelliex il-kustodja tal-vittmi. Ma setgħet qatt tiffirma għalihom jekk jidhlu l-isptar u jkun hemm bżonn ta' firem għal xi intervent hi mahiex in-*next of kin*, ma kellha l-ebda awtorita tiffirma għalihom jew għan-nom tagħhom, kienet biss persuna li kienet *room mate* ta' Neville Ayers għall ftit jiem, qed tqatta ħin ma Neville Ayers, legalment qatt ma seta ġab xi forma ta' kustodja fuqa. L-istess jingħad fuq David Grant, l-imputata qatt ma kellha l-ebda kustodja fuqu. It-tieni parti tal-artikolu 257A żġur mhuwiex applikabbli ħal-każ odjern.

Il-Qorti tiċċita l-kaz ta' Repubblika ta' Malta kontra Omissis Concetta Decelis et. Fejn il-familja Declis naqset li ssejjaħ għall-għajnuna ta' persuna li evidentement kellha overdose. Hemmhekk kellek sitwazzjoni il-familja kienet ukoll qed tipprova tipproteġi lil binha minn reat oltre persuna li kienet qed ssofri minn overdose u li kienet it-tfajla

ta' binhom. Il-Qorti tiċċita ukoll lill Blackstone li ukoll ma jasserix ċertezza għar-responsabilitajiet f' sitwazzjonijiet simili, juza l-kliem may incur.

Il-Qorti skartat il-fatt li ħawn kellek adult, David Grant li kien qed jitlef il-bilanċ fuq saqajħ filwaqt li t-tieni vittma Neville Ayers kien konxju sa ftit minuti qabel il-mewt tiegħu, kellu titjira lura id-dar l-għada tal-mewt tiegħu, titjira pprenotata fuq insistenza u bl-għajnuna tal-istess imputata, l-vittma ma riedx jmur l-isptar ġewwa Malta u l-imputata imxiet ma dak li ried il-vittma. **It-tobba esperti Profs Farrugia u Peter Ferry jaqblu li anki huma jsibu diffikolta ma jimxux ma' dak li jrid il-pazjent aħseb u ara kemm hu aktar diffiċi għal persuna bħall-imputata sabiex tiegħu hi dik id-deċizjoni.**

<u>Il-Qorti ma kelliex il-provi lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li kienu jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi sabiex tinstab ħtija tħat dan l-artikolu.</u>

Apprezzament żbaljat ta' liġi sar ukoll dwar l-ammissibilita tar-recordings li ffurmaw l-unika prova li effettivament ressgħet il-prosekuzzjoni fil-każ odjern. Dan l-aggravju huwa imressaq minħabba li r-recordings issemmgħu għall-ewwel darba fl-istqarrijiet li kienu ġew dikjarati li ma kellhomx valur probabtorju, ergo inammissibli. Dan il-punt tqajjem quddiem il-Qorti biss l-Qorti sostniet li abbazi tal-artikolu 349 sub inċiz 2 tal-Kap 9 dawn kienu permissibli. Il-Qorti straħet ukoll, fl-interpretazzjoni tagħha ta' dan l-artikolu fuq il-fatt li *reggġet għamelt riferenza għal dawn il-filmati fil kors tal-istqarrijiet tagħha tal-11 u 12 ta' Jannar 2017.*

B' kull rispett il-Qorti ma waslitx għall-interpretazzjoni korretta tal-liġi. Fl-ewwel lok dawn ma ssemmgħux mill-akkuzata iżda, b' mod dirett ġiet mistoqsija dwarhom minħabba li kienu ġabru l-informazzjoni fl-istqarrijiet preċedenti u fit-tieni lok l-interpretazzjoni tal-artikolu 349 hija zbaljata u jekk le tinċidi fuq nuqqas ta' smiegħ xieraq.

**Dwar is-sitt aggravju** li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljata tal-provi li tressqu fis-sens li x-xhieda miġbura ma twassalx sal-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-akkuzata li tagħha intabet ħatja;

Il-Qorti għamlet diversi osservazzjonijiet dwar meta issejħet l-ambulanza għal Neville Ayers. Il-konkluzjoni tal-Qorti dwar id-dewmien hija fattwalment skorretta. Haralan Matev jgħid li telaq l-appartament bejn 6.30pm u 7.00pm, skond hu sa dak il-ħin kien għadu fil-kċina fuq is-siġġu. L-istess Matev jgħid li l-imputata niżlet ssejjaħ għall-għajnuna fil-bar madwar nofs siegħa wara. ( Wieħed jiddubita jekk il-ħin huwiex korret hawn, seta biss kien aktar tard). F'xi 7.45pm Marilyn Mizzi daħlet fl-appartament biex tieħu shower u sa kemm telqet, ftit minuti wara, meta kollox kien normali fl-appartament, ma innotat xejn mhux tas-soltu. Jirrizulta li dwar Neville Ayers l-ewwel telefonata għall-għajnuna fl-isptar Mater Dei daħlet 20.02 (xhieda Doris Vella Cassia). Daħlet telefonata oħra fil-Mosta Health Clinic 8.45pm ( xhieda Dr. Ivan Vella). L-Ambulanza waslet fuq il-post wara d-9.15pm jew wara għaliex Dr. Joseph Saliba iċċertifkaħ mejjet lil Neville Ayers fid-9.20pm. L-imputata marret isfel issejjaħ l-għajnuna darbtejn. Żgur li marret ftit qabel it-tmienja meta ċemplet għall-ambulanza, il-ħin recordjat meta daħlet it-telefonata Mater Dei kien 20.02. Il-pulizija ( PS 419 Anton Buttigieg) jgħid li l-imputata marret l-għassa tal-Puliżija 20.30pm għall-għajnuna. Dan il-ħin bil-fors żbaljat, bil-fors kien aktar tard għaliex l-imputata nizlet fil-Bar għall-għajnuna it-tieni darba ftit qabel 20.45pm għaliex dan kien il-ħin meta daħlet it-tieni telefonata din iddarba fil-Mosta Health Clinic għall-ambulanza. Dan jsegwi allura li għand il-pulizija marret wara li marret fil-bar għall-għajnuna, kienu madwar id-9pm.

Minn hawn jidher li l-Qorti fixxklet l-iter tal-għajnuna li ġiet imfittxija mill-imputata dak nhar li miet Neville Ayers. Minn hawn jirrizulta ukoll li l-imputata kellha ragun, l-ambulanza waslet tard ħafna fuq il-post, dames tal-anqas siegħa u kwart skorruti, l-ewwel telefonata daħlet 20.02 u t-tabib iċċertifika lill-Ayers mejjet 21.20. It-tieni punt

It-tieni punt huwa dwar il-ħin meta Ayers qaleb għall-agħar u kem damet l-imputata sabiex ċemplet għall-għajnuna. Matev jgħid li hu letal mill-apparatment bejn 6.30 u 7pm , Mizzi tgħid li marret tieħħu shower fis 7.45pm. Matev jgħid li l-imputata niżlet għall-għajnuna ( tgħajjat) xi nofs siegħa wara li hu tleaq mill-appartament. Mela bil-fors li Mative tela ftit wara s-7pm u Mizzi telgħet ftit qabel 7.45pm għaliex huwa inkontestat li l-imputata niżlet għall-għajnuna zgur għall-ħabta tat-8pm. Mela minn ħawn wieħed jista jgħaraf lill hinn minn kull dubbju li Ayers qeleb għall-agħar ftit qabel it-tmienja ta' fil-għaxija u li l-imputata ftixxe tl-għajnuna minnufiħ.

Il-Qorti tikkumenta li skond il-*current incident report* meta l-pulizja marru fl-apartament sabu lill Ayers ġja kiesaħ. Hawn ukoll allura l-Qorti ġibdet konkluzjonijiet żbaljati u ddikjarat li l-imputata naqset fl-obbligi tad-duty of care. Oltre l-fatt li l-Pulizija għandhom il-ħin ħażin ta' meta marret l-għassa għall-għajnuna l-imputata, ma kienx 20.30pm iżda żgur wara 20.45 għaliex dak il-ħin regħet niżlet fil-Bar għall-aktar għajnuna. Il-Pulizja marru magħha biss wara dan il-fatt għaliex meta kienet mal-Pulizija ma kelliex għalfejn tidħol fil-bar titlob għall-għajnuna.

Il-Qorti għamlitha fatta li għaliex Ayers kien kiesaħ dan jfisser li kien mejjet. Din hija konkluzjoni gratwita u żbajata, il-fatt li l-gisem jkun kiesaħ huwa biss indikattiv li t-temperatura tal-gisem jkun niezel u mhux li persuna tkun mejta.

It-tabib mill-Mosta Health Centre ma jmerieħ ħadd, dan iċċertifikaħ mejjet fid-9.20pm u din kien bla dubbju dettat mir-raguni l-ewwel ħaga li għamel meta aċċeda fl-appartament, invista l-vitma.

Huwa ċar hawnhekk ukoll li l-Qorti żbaljat fil-konkluzjoni tagħha ukoll fuq dan il-fatt. Il-Qorti issaqsi l-għaliex ma ċemplitx hi għal ambulanza. Kien evidenti li l-imputata ma kientx ħassita kunfidenti biz-zejjed sabiex ċċempel għall-ambulanza minn ġol appartament u niżlet isfel biex iċċempel. Wieħed ma jridx jinsa li tal-ambulanza jistaqsu ħafna mistoqsijiet u kienet din ir-raġuni, kif qalet meta mistoqisja sussegwentement, ir-raguni l-għaliex talbet lill-terzi jgħinuha cċemepl.

Il-Qorti tiskarta kompletament, qisu xejn mhu xejn, <u>li talbet l-għajnuna fil-bar u hadd ma ċċalaq</u> ! Il-focus kien fuq ħtija tal-imputata u l-mitigazzjonijiet ġew skartati għall-kollox.

Il-Qorti tagħmel enfazi fuq il-fatt li David Grant kien jaqa ta' spiss – Dan fiħ innifsu ma jffissirx li kien qed jmut jew li kellu jiġi rikoverat l-isptar. Miet għall raguni kompletament differenti u li setgħet tiġri lill kulħadd – Trombosi.

Il-Qorti tikkumenta, qisu kien jiġri ta' spiss dwar il-fatt li Ayers kien fil-banju bla ilma ġurnata qabel ma miet. Ir-risposta ħarġet fix-xhieda, din seħħet darba waħda biss u qatt ma ġrat qabel dak inhar, biss ma riedx joħrog u neħħiet l-ilma sa kemm johroġ. Din kienet il-kefrija li Qorti tant tkemmet dwarha. Nevita aktar kummenti għaliex bla dubbju numru ta' ġenituri jafu jispiċċaw akkuzati bl-istess akkuzi u jinstabu ħatja taħt l-artikolu 257 A. Kien okkazjoni ta' darba, ma setax kien ta' aktar għaliex kien ilu ftit jiem biss fl-appartament, saħtu marret lura fl-aħħar jumejn, ma kientx kwistjoni ta' kifrija kif ġiet impinġija iżda biss pressjoni biex joħroġ mill-banju.

Il-Qorti għażlet li tiskarta evidenza li taw l-istess xhieda l-aktar importanti l-esperti li analizzaw b' mod indipendenti minn kull prgudizzju dan il-kaz, u dan peress li evidentement din timmilita lejn l-iskolpar mill-akkużi tal-akkuzata.

Il-Qorti ser jkollha l-ħin kollu tifli l-atti kollha tal-kawża u għalhekk ser ssir riferenza fil-qosor ta' dak l-aktar saljenti a skans ta' ripetizzjonijiet.

Il-Qorti kellha tiddeċiedi l-każ fil-qafas taċ-ċirkostanzi kollha li kellha quddiema, inkluz l-persuna li kienet imputata quddiema. Il-Qorti sabiet ħtija a tenur tal-artikolu 257A tal-Kap 9. Hawnhekk il-Qorti għamlet ħafna ċitar ta' dak li qal l-espert Mario Scerri, persuna li kien beda dawn l-investigazzjonijiet, il-persuna li mexxa lill Pulizja f' din id-driezzjoni. Bħala prova ta' din ssir rifernza kemm għax-xhieda tas-surgent tal-Għassa tal-Qawra li qal li Mario Scerri ddeċieda li hi ma kientx qed tgħid il-verita, hekk fi ftit sekondi li hu jgħid li kien qed jkellimha ! Iżda jsir ukoll riferenza għax-xhieda ta' Mario Scerri stess ( fol 900) fejn mill-ewwel, dwar l-ewwel inkontru tiegħu magħha juri li kien ifforma opinjoni mingħajr ebda investigazzjoni, analizi tal-fatti, ezaminazzjoniet u all works meta jgħid il-Qorti

*Din darba iltqajt magħha. Iġifieri kienet taf min jien eċċetra* ( għaliex ppretenda li kulħadd jaf min hu t-Tabib Mario Scerri)( meta qed titkellem fuq persuna li ftit minuti qabel ġarbet mewt fil-prezenza tagħha) *u bdiet tispjegali x' ġara u ma garax, igifieri kienet on the, one the, mhux defensive , qisha trid tgħid ħafna affarijiet biex tiskolpa ruhha minn xi ħaġa, qisha.* Kif jiġi maħtur tabib sabiex jiġbor xhieda kruċjali bħal din u mhux avukat jew tal-anqas fil-prezenza ta' avukat, f' inkesta hekk serja, ma tinftihemx.

Dr. Peter Fenech : *Din assunzjoni*

Dr. Mario Scerri : *Iva din assunjoni.*

Qorti : *Inti dak li dehrlek li bdiet tgħid iġifieri .*

Il-Qorti għażlet li tiskarta l-ispejgazzjoni li tat l-istess akkużata meta mistoqsija l-għalfejn sar ir-recordings. Jidher li kien dan il-fattur ewlieni li l-Qorti ta' Ġudikatura kriminali ma kkondividietx mal-imputata kif qalet fis-sentenza, għadet tieħu dawn ir-recordings fl-istat tiegħu flok ma sejħet għall-għajnuna.

L-imputatat tgħidlek, kif irrizulta li hi kienet tiegħu diversi ritratti u videos, ħaġa normali li jgħamlu diversi persuni, biss dwar din is-sitwazzjoni hi tgħid hekk

Spt Fleri : *Why did she feel that she needed to record this and also that she needed to record the fact that he did not want to go to hospital ? Why did she do that?*

Traduttriċi : *She is trying to explain that she was so scared that he was refusing that he 's going in hospital and she was feeling and she was seeing that he's not well. He has the ticket next I mean day for the flight and he did'nt want to go in the hospital*

DM : *He has he want in England to go to hospital not here.*

- Kien evidenti minn din is-sitwazzjoni li hi hassitha li ma kelliex is-setgħa ma tgħatix kaz ix-xewqat tal-vittma, kif deskritt aħjar bl-ingliz to over ride his wishes.
- Irridu niftakru li hu kien ben konxu tas-sitwazzjoni tiegħu li kif qalet huwa stess ried jmur l-isptar l-Ingilterra għaliex l-għada kellu titjira lura d-dar l-ingilterra.
- Irridu niftakru li hi ma hiex espert mediku .
- Irridu niftakru li wieħed jrid jinterpreta d-deċizjoni li ħadet l-imputata fiċ-ċirkostanza kollha tagħha f' dawk il-mumenti u mhux tagħna inkuż il-Qorti fil-kalmezza kollha tas-sitwazzjoni li fiħa, qedgħin nisemgħu il-fatti kif ġraw u l-konsegwenzi tagħohm kolla. Il-gudizzju tagħna qed jsir bil- *benefit of hind sight* li hi ma kelliex.

Irridu niftakru ukoll li dan kollox seħħ fi ftit siegħat, il-vittma Neville Ayers mar lura fl-aħħar jumejn, mar lura ħafna fl-aħħar ftit siegħat. Kienu l-kummenti ta' xi persuna li f' dawk iċ-ċirkostanzi rrealizzat li kellha turi li hi ppruvat tagħtieħ parir li kellu jmur l-isptar. Għamlitu fl-istil tagħha, tista taqbel u taqbilx, jihdru ċ-ċirkostanzi tiegħu fl-sitat tiegħu u dan spiċċa biex minflokk ta' ġdid ħadem kontra tagħha.

**Il-Qorti ma tistax telimina mill-kunsiderazzjonijiet tagħha l-fattur uman, li tiegħu deċiżjoni fiċ-ċirkostanzi li tkun għaddej minnu dak li jkun.**

Ta' importanza kbira huwa l-fatt li Ayers baqa jgħid li hu kien qed jħossu tajjeb – Fatt ukoll skartat mill-Qorti.

Irridu inzommu f' moħna li ħawn m' aħniex qedgħin nittrataw ma persuna ordinarja żġur mhux professjonali ta' xi esperjenża medika, persuna essenjalment refuġġjata Malta, weħeda mingħajr ħadd li seta jgħinha fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom. Huwa f' dan il-qafas li wieħed għandu jikkonsidra dawn il-recordings.

Il-Qorti filli tgħid li temmen lill-Bulgaru Matev u li huwa bniedem sinċier u filli tiġbed konkluzjoni ( li biha qed tikkonkludi li l-Bulgaru gideb) li dwara tibni hafna mill-konkluzjonijiet li wasluha biex ma temminx lill-akkuzata u ssiba ħatja. Il-kwistjoni tirrivolvi dwar fejn waqa Ayers, fil-kamra tal-banju jew fil-kcina. Il-Qorti ma rrealizatx li fil-banju kien waqa preċedentement u meta titkellem dwar dan il-fatt il-Qorti tqabbilha max-xhieda tagħha li waqa fil-kċina u sejjhilha *inkonsistenza li timmina l-kredibilita taghħa u aktar tard tikkumenta liema hija l-verzjoni korretta.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li hu preċizament biex tindirizza l-inkonsistenza bejn dak li qalet lis-surgent u sussegwentement lill-Ispettur Fleri, meta qaltlu li Ayers waqa fil-kamra tal-banju, li l-imputata ddeffes lil Bulgaru fl-istorja. Tipprova tirratifika din l-inkosistenza. Pero quddiem il-Qorti terga tbiddel il-verzjoni għal darb oħra u tgħid li Ayers waqa fil-kċina.* Insiet il-Qorti li dan il-persuna li l-Qorti tirreferi għalieħ bħala bniedem sinċier ddikjara bil-ġurament tiegħu li Ayers waqa fil-kċina. Fil-verita l-imputata kienet konsistenti hija l-Qorti li ma fehmitx.

Importanti ukoll kienu l-osservazzjonijiet tal-Qorti li Neville Ayers instab mal-art ġdejn issodda. Dan għaliex jikkonferma li l-imputata dejjem għalet il-verits. Il-fatt li waqa mal-art u hi ma felħitx terfgħu juri li hi qatt ma setgħet ġarrietu weħed mill-kċina lejn is-sodda. Mela x-xhud Matev ma kienx għid jgħid il-verita meta xehed minkejja l-l-Qrti emnitu.

<u>Ta' rilevanza straordinarja hija it-testimonjanża tal-esperti mediċi</u> li tqabbdu sabiex janalizzaw il-files mediċi tal-vittmi flimkien mar-recordings għall-dik li kienet kundizzjoni tagħhom. Dan il-fatt, li l-Qorti tgħamel riferenza għaliha ukoll ġie skartat fil-konkluzjonijiet, meta fil-verita kien il-fatt ewlieni.

Kif intqal preċedentement, iż-żewġ tobba gerjatriċi, li huma dawk l-aktar li għandom esperjenza f' dawn iċ-ċirkostanzi, għaliex it-tielet espert mhuwiex konsulent iżda tabib u l-Qorti tużaħ għall-kollox, kull tip ta' analizi medika li jkollha bżonn, sabu diffikolta kbira biex ħadu d-deċiżjoni tagħhom x'kienu jgħamlu f' dawk iċ-ċirkostanzi. Meta jiġi mistoqsi mill-istess Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li inċidentalment ukoll jurik moħħ il-Qorti, fl-imparżjalita kollha tagħha fejn kienet sejra, fl-istadju tal-provi meta konna biss stadju tal-prosekuzzjoni :

Spt : *U l'persuni f' din il-kundizzjoni*
Qorti : *Fejn hu posthom*
Pferry: *Id-dar posthom* (u jkompli jikkjarifika u jikkawtela professjonalment x' jkollu jsir)

Dr. Ferry jikkonferma li l-persuni kienu dgħajfa minn qabel ma iltaqgħu mal-imputata, kienu it-tnejn morda, li persuna f' dawn iċ-ċirkostanżi mediċi *jistgħa jmut f' salt għaliex il-problemi ta' ċirkolazjoni kull ma trid ikollok cappa demm zgħira li teħillek jew fil-qalb jew fil-moħħ u tista toqtlok instantanju.*

Tal-istess fehem kien l-konsulent Profs Emanuel Farrugia li jgħid għalkemm jidher li l-pażjent jgħid kemm il-darba li ma rridx immur l-isptar, hemmhekk hemm diffikolta jekk inti you overrule the person or not, u ddiskutejna ħafna aħna u qbilna at that point in time we would have over ruled what the patient was saying. Dan mhux qed ngħiduha lightly għax aħna nemmnu ħafna li l-pazient għandu dejjem the last say.

Evidentement anki l-esperti kellhom diffikolta jaslu għal konkluzjoni li fl-aħħar mill-aħħar huma kienu jmorru kontra l-volonta tal-pażżjient, biss il-Qorti dan mhux biss skartatu fil-kunsiderazzjonijiet, għażlet li timxi fuq l-opinjoni tagħha u ta' Dr Mario Scerri u mhux fuq dik ta' esperti mediċi konsulenti gerjattriċi li kienu qedgħin jgħidulha bl-aktar kliem sempliċi li din għat-tobba kienet ukoll deċizjoni diffiċili li tmur kontra il-volonta tal-istess pazjient. Ergo jsegwi kemm kien aktar diffiċili sabiex tgħamila Dragana Mijalkovic l-imputata. Il-Qorti iżda kienet ġja għamlet l-apprezzament żbaljat tagħha sa minn dan l-istadju relattivament bikri, tant huwa minnu dan li pprovat, hekk kif indunat l-linja tal-esperti, Peter Ferry u l-Profs Farrugia tipprova twassalhom sabiex jesprimu ruħhom negattivament fuq l-imputata u tissugerixxi ( fol 1457) kliem f'halq l-espert Profs Farriugia, bl-leading suggestion diretta li izda hu ma jaqax għaliha :

Qorti : *U fl-istadju li kien, kien b' dawk il-medikazzjoni, sitwazzjoni pwerili biex ngħid hekk li kienu jinsabu fihom, kien konxju ta' dak li qed jgħid <u>jew seta b'xi mod jiġi indottrinat biex jgħati risposta</u>* ( enfazi miżjuda f' din in-nota)

Profs Farrugia : *Jekk tkun marid xi daqqiet lanqas tkun taf x' qed tgħid*
Dr. Peter Fenech : *Imma naħseb il-mistoqsija mhux f' posta*
Qorti : *Iva imma qed insaqsi, fl-opinjoni tat-tobba*
Dr. Peter Fenech : *Tpoġġiet bħala statement, noġġezzjona għal dik it-tip ta' statement*
Qorti : *Le bħala jekk inti you are always susceptable to suggestion*
Dr. Peter Fenech : *Always*
Pros Farrugia : *Ejja ngħidu it is likely but not, we can never be sure*
Qorti : *We can never tell, no, but I am saying if it is likely*
Profs Farrugia : *You can never be sure... why take the videos, għalina* (tinterrompi l-Qorti)
Qorti : *Instead of Picking up the phone u asking for help.*

Il-Profs Farrugia ġie mistoqsi mid-difiza jekk kienx jaf li l-imputatat kienet ċemplet għall-għajnuna u irrisponda li ħadd ma kien qallu dan ( lanqas l-espert Mario Scerri li kien magħhom fl-analiżi u kien jaf id-dettalji kollha tal-kaz, kien hu li istiga dawn il-proċeduri fil-verita. Wieħed għandu jistaqsi l-għaliex Mario Scerri ħass li dan id-dettal

ma kellux jġibu għal konjiżżjoni tal-esperti medċi li kienu ser jgamlu ġuddizzju ħekk serju) Minn naħa l-oħra għal-espert mediku dan kien fattur ewlieni importanti u jirrispondi :

**Profs Farrugia : Jekk għamlet hekk naqlala l-Kappell.**

Il-Profs Farrugia jikkonferma li David Grant miet mewta naturali, rizultat ta' trombosi u jgħid li assolutament ma tistax torbot il-mewt ma kwalsiasi nuqqas ta' trattament. (fol 1459). L-istess jgħid fuq Neville Ayers, seta ingħata trattament jekk daħal l-isptar li seta jgħinu biss qatt ma tista tikkonkludi li l-mewta kienet relatata.

Dr. Peter Ferry mistoqsi direttament in kontro eżami jekk kienx hemm negligenza bħala l-kawza tal-mewt ta' Neville Ayers jirrispondi bl-aktar mod ċar Fil-konkluzjoni tagħna ma semmejnix hekk.

Jkompli fuq mistoqsija oħra jispjega kemm hu diffiċili għal lay person li tieħu dik id-deċizjoni. Jiddikjara, fatt ieħor kruċjali l-Qorti ħalliet għaddejja li, *f' dan il-kaz mill-informazzjoni li għandna ma nistgħux niddeterminahwha din ( kelliex ssajjeħ għal ambulanza..*

**Mela l-esperti ma setgħux jiddeterminaw l-lay prson f' dawn iċ-ċirkstanzi x' kellha tgħamel, kelliex tmur kontra l-volonta tal-persuna, u minkejja l-parir tal-esperti tagħha stess l-Qorti issib il-ħtija proprju fuq dan il-punt, nuqqas tal-obbligu tad-duty of care.** Il-Qorti iżda tikkonkludi li Ayers ma kienx kapaċi jiddeċiedi għalieħ, ma kienux l-esperti li qalu dan, u għalhekk ġie imċaħħad minn attenzjoni medika. Konkluzjoni għal kollox grawita.

**Dwar is-seba aggravju** li l-Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljata tal-aggravju imressaq dwar l-ispejjes tal-kawża ;

Il-kwistjoni tal-ispejjes kien fattur ewlieni ta' nuqqas ta' qbil lejn l-aħħar ta' dawn il-proċeduri meta irrizulta li r-rapport tal-espert Marisa Cassar (fol 194) irriżulta li kien intaxxat fl-ammont ta' aktar minn disat' elef ewro. L-esponenti stieden lill-Qorti tikkonsidra jekk, fl-interess tal-gustizzja fil-qafas ta' smiegħ xieraq, l-imputata għandiex

tiġi rinfaċċata, jekk tinstab il-ħtija, b' spejjes li apparti li ħadd ma jikkontrolla għajr l-espert innifsu, li jgħamel dawk it-testijiet kollha li jidhirlu hemm bzonn, ma jitlobx awtorizzazzjoni fuq in-numru ta' testijiet li ser jeffettwa, jirrediġi l-kont tiegħu, il-kont ma jiġiex kontestwat u spejjes mhux marbutin mal-akkużi li rrinfaċċjat l-akkuzata, imposti awtomatikament a tenur tal-artikolu 533 awtomatikament fuq il-ħati.

Fil-kaz odjern dan il-kont waħda jfisser sena ħabs mingħajr mal-akkuzata jkollha l-ebda kontroll fuqhom. Sempliċiment ġie ppresentat faxxikolu bir-riżultati li lanqas ħadd, inkluż il-Qorti, ma tat każ. Dawn l-ispejjes kienu ukoll fattur determinanti l-għaliex il-partijiet waslu sa fejn qedgħin illum.

Fil-proċeduri saret refernza għal-kawza deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija v Louis Spiteri fejn f dan il-każ il-Qorti ppresjeduta mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri kienet laqgħet in parte l-aggravju ta' l-appellant rigward l-ordni għall-ħlas tal-ispejjes peritali. Il-Qorti irritjeniet li l-ispiza pjuttost ingenti li ġiet inkorsa meta l-perit tekniku thalla fil-liberta kollha jiddetermina l-andament tal-perizja ma kienetx ragjonevoli u naqset l-ammont tal-ispejjes li l-appellant kellu jħallas b' mod konsiderevoli.

Fil-każ odjern l-ispejjes inkorsi mill-esperti Marisa Cassar kienu kollha għal xejn, kienu kollha irrelevanti għal fini tal-artikoli li l-Avukat Generali spiċċa biex ppresenta fil-konfront tal-imputata. Mhux biss ma intużat l-ebda waħda minn dan l-analiżi li sar fil-proċeduri odjerni iżda lanqas QATT ma saret riferenza għalihom. L-anqas ħadd ma kien jaf li ammontaw għall-dan l-ammont ħlief meta, frott iċ-ċirkostanzi, l-avukat sottoskritt indaga fuqhom.

Wieħed jistaqsi għalhekk, sempliċiment għaliex ordnhom għal verifiki l-Magistrat inkwirenti fi stadu iniżjali u pre matur ġġal-kull konkluzjoni, awtomatikament ġġandhom jkunu ad inkarigu tal-imputata li tinstab ħatja, irrelevanti minn jekk dawn kellhomx rilevanza.

Il-Qorti ma abbraċċatx dan ir-raġunament, għaliha 35 kampjun li ġġeneraw ħlas ta' fuq disat elef ewro kienu ragjonevoli. Il-Qorti sostniet li l-espert ma kelliex mano libera

għaliex il-magistrat ta' direzzjoni ta' dak li kellha tghamel. Fil-verita il-Magritrat dejjem jgħati l-istess inkariku, l-istess frazi tinkiteb u d-deċizjonijiet ta' dak li jsir jitħallas kompletament f' idejn l-espert. Il-kwistjoni tal-ispejjes tal-periziji kemm fil-kamp kriminali kif inhu ukoll fil-kamp ċivili huwa materja ta' kontroversja. Il-legislatur, fil-kamp kriminali kien biddel il-Liġi għaliex *chi commanda fa la legge* u poġġa l-ispejjes kollha, huma x'inhuma, a kariku ta' dak l-akkuzat lii jinstab ħati. Wieħed jista jifhem dan ir-ragunament iżda miegħu din it-tibdila ġġib aktar responsabilita fuq il-magistrat inkwirenti għaliex dawn huma spejjes li l-akkuzat ma jista qatt jikkontrolla, li flus għalihom ħafna drabi ma jkollux u jispiċċaw konvertiti f' ħabs li lanqas jibbenefika minn remission fuqhom. **Magistrat għandu jkun hu li japprova l-analizi proposti** mill-esperti, izda l-aktar element importanti huwa li **dawn l-ispejjes għandhom jkunu a karigu tal-imputata biss jekk fl-ewwel lok jirrizultaw rilevanti għall akkuzi li wieħed jispiċċa biex jirrinfaċċja** u fit-tieni lok jekk jintuzaw fil-proċeduri fil-konfront tiegħu u mhux għax sempliċiment saru fl-investigazzjoni jiġu awtomatikament addebitati lilu.

Il-Qorti bbazat il-konkluzjoni tagħha billi ssottolinejat il-fatt li kien qed jigi investigat potenzjalment omiċidju. B' kull rispett il-Qorti ma fehmet xejn, mhux qed jiġi kkontestat id-dritt li l-Magistrat inkwirenti jgħamel kull analizi li jistgħa jgħinu fil-qadi tal-inkarigu tiegħu, <u>biss dawk minnhom li ma jkunux rilevanti għall-akkuzi li jirrinfaċċa akkuzat ma għandhomx jiġu awtomatikament addebitati lilu</u>.

**Dwar it-tmienja aggravju** li minghajr pregudizzju ghal-premess, fi kwalunkwe kaz, tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena inflitta hija eccessiva u mhiex ekwa;

Il-Qorti infliġġiet piena karċerarja ta' ħames snin u nofs tenut kont li peress li kien hemm żewġ vittmi l-piena tizdied bi grad jew tnejn. Il-pieni massima għar-reat fuq persuna waħda hija ta' ħames snin, il-Qorti tat prattikament il-massimu għal persuna waħda u ziedet sitt xhur fuq it-tieni vittma. Il-Qorti ma semmiet xejn għall-fatt li l-imputata kienet *a first time offender*.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-Ufficjali Prosekuturi bil-gurament qaraw u pprezentaw l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata. Gew ipprezentati l-fedina penali bhala Dok FF1, id-dikjarazzjoni ta' rifjut tad-dritt ghall-assistenza legali bhala Dok FF2 u l-passaport tal-imputata bhala Dok FF.

Skont il-verbal tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) Benjamina Mifsud esebiet process verbal bin-numru 762/16 redatt mill-Magistrat Dr Monica Vella dwar il-mewt ta' David Grant gewwa l-fond numru 12, Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016).

Il-Qorti fl-istess seduta kkonfermat in-nomina tal-esperti kollha nominati fl-inkjesta.

L-**Ispettur Fabian Fleri** xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn qal li fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs) certa Dragana Mijalkovic li gharaf bhala l-imputata kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn kienet infurmat lil Pulizija li xi ghoxrin, tletin minuta qabel kienet cemplet ghall-ambulanza biex tigi taghti l-assistenza ghal persuna li kien mitluf minn sensih fl-appartament taghha u din l-ambulanza kienet ghadha ma gietx. Il-Pulizija marru immedjatament fuq il-post, akkumpanjati minnha stess fl-appartament bl-isem ta' Diana Apartments, li jinsab Triq Merluzz, il-Qawra li jigi fuq il-Watson's pub. Waslet ukoll l-ambulanza u meta dahlu fl-appartament instab certu Neville Iriers, persuan ta' tmienja u sebghin (78) sena ta' nazzjonalita' Ingliza bin-numru tal-passaport 515127951 mwieled Lowsoft l-Ingilterra fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tletin (1938). Dan kien qieghed ma jiccaqlaqx, mal-art, bejn il-gwardarobba u s-sodda. Irrizulta li ma kellux polz, ma kien hemm l-ebda sinjal ta' hajja u fil-fatt kien wasal fuq il-post Dr Ivan Micallef mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta li ccertifika lil persuna bhala mejta. Fuq il-persuna tieghu il-Pulizija setghu jinnotaw griehi fuq idejh it-tnejn bejn il-minkeb u l-polz, qishom sinjali ta' sliegh. Huwa ma kienx hemm. Lil Pulizija, is-Sinjura Dragana qaltilhom li kienet ratu l-ahhar hames minuta qabel ma giet l-Ghassa tal-Pulizija u hi giet mehuda l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, fejn irrizulta mill-passaport taghha li hija ma kellhiex l-ebda awtorizazzjoni biex tibqa' Malta iktar minn tlett (3) xhur, fil-fatt keient ila Malta ghal diversi snin. L-Ispettur Maurice Curmi informa lil Magistrat tal-

Ghassa Dr Aaron Bugeja li kien ordna biex issir inkjesta magisterjali. Hu hatar diversi esperti, fosthom lil Dr Mario Scerri, lil Dr Ali Safraz u lil Profs Marie Therese Camilleri, Dr Stephen Farrugia Sacco, Dr Marisa Cassar, is-Surgent 659 Jeffrey Hughes, Dr Michael Scotham u lil Perit Richard Aquilina. Sa dak il-hin ma kienx hemm suspetti.

Xehed li eventwalment is-suspetti gew ghaliex Dr. Mario Scerri kien mar fuq il-post u rrizulta li fl-istess appartament fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) jigifieri disa' (9) xhur qabell, kien miet pesuna ohra certa David Grant ta' sebgha u sittin (67) sena, wkoll ta' nazzjonalita' Ingliza, detentur tal-passaport 514010219 imwieled Middlesborough l-Ingilterra, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u erbghin (1948). Meta l-ghada saret l-awtopsja fuq il-kadavru tas-Sur Neville Ayers, irrizulta li l-cause of death kien asphyxia, blockage of the airway. Dan kien assista ghall-istess awtopsja, kien hemm ukoll l-Ispettur James Grech u ma setghetx tigi determinata ezatt il-*cause of death* bhala forma naturali. Imbghad ittiehdu xi samples ghat-tossikologija.

Fl-appartament kienu nstabu xi elf u seba' mitt ewro (€1700) u l-imputata kienet tat diversi verzjonijiet kif dawn il-flus gew ghandha. Fl-istess appartament kien miet David Grant fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) prattikament kienu l-istess cirkostanzi. Qal li hemm erba' (4) stqarrijiet, qeghdin audiovisual cds. Spjega li l-ewwel cd, stqarrija li rrilaxxat l-imputat fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) prezenti kienu hu u l-Ispettur James Grech u WPC 374, it-tieni CD hija l-interogazzjoni tal-imputata tal-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), kienu prezenti hu u l-Ispettur James Grech. It-tielet CD, l-interrogazzjoni li ttiehdet fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) prezenti kienu hu, s-surgent 1337 Kevin Curmi u l-interpretu s-Sinjura Svetlana Kabanic. Ir-raba' CD huwa tal-interrogazzjoni tal-imputata tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017). Prezenti kien hemm hu, s-Surgent 1337 Kevin Curmi u l-istess interpretur Svetlana Kabanic. Prezenta CD ohra, li huma filmati li nsabu fil-laptop tal-imputata u fil-mobile tal-imputata, li kienet hadithom hi stess, filfatt ikkonfermat, fl-ahhar interogazzjoni. Dawn huma filmati li hi hadet lil vittmi. Jghid li hemm seba' (7) filmati tas-Sur David Grant u wiehed u ghoxrin (21) filmati tas-Sur Neville Ayers. Il-laptop u l-Ipad gew elevati mill-Pulizija. Xehed li llum qeghdin ghand Dr Stephen Farrugia Sacco li kien l-espert mahtur mill-Qorti u li kien

ghamel l-extraction tad-data kollha u b'ordni tal-Magistrat Inkwirenti, kien ghaddielu d-data kollha biex jezaminawha huma, jaraw x'jistghu jsibu li kien ta' importanza ghal din l-investigazzjoni. Ikkonferma li ghadu ma rrelatax.

Kien infurmat l-Ispettur James Grech u l-ghada kien assista ghal awtopsja tas-Sur Neville Ayers u rrizulta ukoll li f'dan l-appartament fejn kienet toqghod is-Sinjura kien maqsum fi kmamar li kienu juzaw l-istess bathroom u l-istess kcina. Fil-kmamar l-ohra kienu joqghodu certa Harlan Drumev Matev persuna Bulgara u f'kamra ohra kien joqghod Farbrizio Faniello u kien ikun akkumpnjat minn certu Marilyn Mizzi. Hu, l-Ispettur Grech kienu kelmu lil dawn it-tlett persuni fejn Harlan Drumev Matev kien qal li hu kien innota li xi kultant l-imputata Dragana Mijalkovic kienet ssakkar lil Neville Ayers ghal hinijiet twal fil-kamra tal-banju. Xehed li qalulu li meta kienu kelmuha kienet qalet li kien ghena ggor lil vittma Neville Ayers minn mal-art ghal fuq is-sodda u kien innega kompletament. Sussegwentement kienu hadu erba' (4) stqarrijiet lill-imputata. Fl-ewwel stqarrija kienet qalet li kienet taf lil Neville Ayers madwar disa (9) snin, l-ahhar li ratu kien fil-Milied tal-elfejn u hmistax (2015) u kienet iltaqghet mieghu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) b'kumbinazzjoni fil-promenade tal-Qawra. Dawn iddecidew li hi tmur toqghod mieghu gewwa s-Seablue hotel, il-Qawra ghat-tul tal-btala li kellu hawn Malta. Kien fil-kamra 2633. Fl-ewwel interogazzjoni qalet li fl-erbgha (4) ta' Ottubru kellu jmur lura pajjizu izda nqalghet xi problema bil-flight u ddecieda li jibqa' hawn Malta sat-tnax (12) ta' Ottubru. L-ewwel ippruvaw jibqghu fl-istess Lukanda izda hi qalet li kien full up, allura gie deciz minn naha taghhom illi huwa joqghod maghha. Ghalhekk ittrasferixxa kollox ghandha. Qalet li kellhom kuntatt ta' xulxin meta hu kien l-Ingilterra izda hu ma qallhiex li kien gej Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru. Dragana giet mistoqosijia kinitx taf jekk jiehux xi tip ta' medicini, fl-interogazzjoni qalet mal-ewwel it-tip ta' medicina bl-isem, id-doza ta' kull medicina li kien jiehu, ghal xiex kien jiehodha u meta kien jiehodha. Dragana fl-ewwel interogazzjoni qalet li hi kienet taghtih il-pilloli, qalet li ma kellha l-ebda prescription, ma kellha l-ebda taghlim dwar nursing jew dak it-tip ta' taghlim. Dwar meta kienet tghix fil-lukanda mieghu l-ewwel qalet li tal-lukanda kienu jafu u mbaghad qalet li ma kintix taf jekk qalilhomx. Bidlet hafna verzjonijiet. Bdiet tghid li wara t-tmienja u ghoxrin (28) ta''Settembru is-Sur Neville Ayers ghamel tlett ijiem ma jistax jaghmel '*toilet*', kienu marru ghand l-ispizjar

il-Kappara u kien isugerixxa biex jinghata xi suppositorji, izda dan ma riedx u b'hekk tah pilloli. Wara dawn it-tlett ijiem hi qalet li f'daqqa wahda s-sitwazzjoni nqlbet u dan beda l-hin kollu jaghmel, anzi hi spjegat li kull sieghat, li gew fl-estrimeita' li fl-ahhar bdew jixtrulu n-nappies ghax lanqas kien qed jinduna li beda jaghmel. Qalet li darba marru B'kara u dan waqa' mal-art, b'hekk kellu l-griehi f'idejh. Umbghad kien qabdu tal-linja u kien waqa ' l-Hamrun. Qalet li meta waqa' l-Hamrun fuq tal-linja kienu waqfu quddiem il-knisja ta' San Gejtanu fejn dan kien gie medikat minn Spizjara go spizerija. Fil-fatt dan gie kkonfermat. Qalet li kien ta' sikwit jaqa' gol-kamra tal-banju, qalet ukoll illi kien ihobb jaghmel hinijiet twal fil-kamra tal-banju, specifikament gol-banju ghax qalet li kien jiehu pjacir joqghod jixxarrab bl-ilma fietel. Qalet li diversi drabi kienet staqsitu jekk iridx imur l-isptar izda hu nnega. Qaltilhom li kienet iffilmjatu jghidilha li ma jridx imur l-isptar, qaltilhom li iffilmjatu bl-Ipad u jista' jkun li anke bl-Iphone. Dawn kienu gew sekwestrati u kienu ga ghand l-espert Dr Stephen Farrugia Sacco. Talbu li meta tigi estratta d-data kollha, talbu lil Magistrat Inkwerenti biex din l-informazzjoni tghaddi mal-ewwel ghandhom halli huma jkunu jistghu jezaminaw il-kontenut taghha. Fit-tnax (12) ta' Ottubru hija qalet li s-Sur Ayers, kien qam fis-sebgha u ghaxra ta' filghodu, kiel xi haga, mar fil-kamra tal-banju, ghamel hin twil fil-kamra tal-banju, hareg wara xi saghtejn, rega dahal u qalet li kellha complaints mit-tenants l-ohra ghax dawn riedu juzaw il-kamra tal-banju u dan kien il-hin kollu qieghed hemm gew. Hi qalet illi hin minnhom waqa' fil-kamra tal-banju u hi ghenitu jpoggi fuq siggu fil-kcina. Ftit hin wara waqa minn fuq is-siggu tal-kcina u qalet li kienet dak il-hin li kienet talbet l-ghajnuna tas-Sur Harlan Drumev Matev u qalet li dan ghenha billi garrewh, hi minn saqajh u dan minn idejh u poggewh fuq is-sodda. Dan dejjem gie nnegat mis-Sur Harlan. Qalet li fuq is-sodda ma bediex jirrispondi, beda qisu jaghmel mossi b'halqu li xtaq naqra ilma u kienet ferratlu naqra ilma f'halqu. Fuq is-sodda kien hemm ix-*shower curtain* ghax perres li kien il-hin kollu jhammeg il-lozor, hi kienet ghamlitha hemmhekk biex ma jkomplix ihammeg il-lozor u hin minnhom ipprova jdur wahdu u waqa minn fuq is-sodda u qalet li marret darbtejn tiprova ggib l-ghajnuna u ccempel l-ambulanza.

Rigward l-elf u seba' mitt ewro (€1700) li kienu nstabu ghandha, kienet tat diversi verzjonijiet kif waslu ghandha izda fl-ahhar minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija

rrizulta li kwazi elf ewro minnhom kienet rebhithom mill-kumpanija izibet fl-istabbiliment taghhom tal-Qawra.

Dragana fit-tieni interogazzjoni qalet li kemm is-Sur David Grant u kemm is-Sur Neville Ayers kienu jhallsuha kollox, David Grant kien anke jhallsilha l-kirja tal-flat taghha. Huma talbu informazzjoni rigward l-imputata mill-Awtoritatjiet Serbi u l-Awtoritajiet Serbi kienu nfurmawhom li fl-elfejn u tnejn (2002) u fl-elfejn u erbgha (2004) is-Sinjura kellha zewg kazijiet relatati ma' economic crime u frodi. Talbuhom aktar informazzjoni izda huma talbuhom ittra rigatorja f'dan is-sens li ntbaghtet bl-Awtorita' tal-Magistrat inkwirenti. Fit-tieni interogazzjoni regghu komplew jistaqsuha rigward jekk hux vera jew le li ghenha s-Sur Harlan Drumev Matev u hi qalet li le, qalet mhux vera li kienet issakkar lis-Sur Neville Ayers fil-kamra tal-banju. Qalet li meta lis-Sur Neville Ayers minn fuq is-siggu tal-kcina kien habat rasu u hariglu xi demm, habatha hemm bieb tal-aluminium. Qalet li hadd ma ghenu meta waqa minn fuq is-sodda u waqa wahdu. Qalet ukoll li meta kien l-ajruport kien iddecidha li jibqa disat' ijiem ohra u kien cempel lil wahda Yasmine. Qalet li David Grrant ghamel b'kollox disa' (9) xhur maghha qabel miet. Sussegwentement fl-erbatax (14) ta' Ottubru giet rilaxxata bil-police bail.

Komplew bl-investigazzjoni u rrizulta li fl-ghaxra (10) ta' Novembru kien instab wallet gol-Oracle Casino li kien tas-Sinjura u kienu ssejhu l-pulizija, issejhet hi fuq il-post biex jinghatalha dan il-wallet lura izda l-Pulizja f'dan il-wallet sabu zewg credit cards tas-Sur David Grant li kien miet fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Kienu baqghu ghandha. Irrizulta wkoll li kien hemm il-health insurance card tas-Sur David Grant u dawn gew issekwestrati mill-pulziija tal-Qawra u gew mghoddija lilhom. Huma bghatu ittra rogatorja lil awtorttajiet Inglizi biex jaraw mis-sitta (6) ta' Frar sal-lum il-gurnata, dawn il-credit cards gewx uzati jew le u xehed li ghandhom qed jistennew risposta. Fil-frattempt Dr Stephen Farruga Sacco ghaddilhom d-data kollha li nstab fuq l-ipad u l-iphone u rrizulta li kien hemm ritratti taz-zewg vittmi, kien hemm ir-ritratti tal-medicina li jiehdu, kien hemm seba' (7) filmati tas-Sur David Grant lit tiehdu mill-imputat, f'filmati minnhom David Grant jidher mal-art u l-imputata taghmillu bhal speci ta' interrogatorju u tistaqsih ghalfejn waqa u kif waqa, ghaliex mhux qed juza l-bastun u hafna mistoqsijiet minn dawn. Kien hemm filmati ohra fejn

dan is-Sur David Grant jidher bilqeghda fuq is-sodda u jirrispondi b'mod li ma tantx jinftiehem ghall-mistoqsijiet tal-imputata u jidher qisu bhal meta l-bniedem iccassat. L-ahhar filmat li nstab tas-Sur David Grant kien gurnata qabel ma' miet u fih l-imputata bdiet tistaqsih hafna mistooqsijiet bhal ihobbhiex, x'jixtieq jaghmel maghha, jridx imur l-Ingilterra, lura l-Ingilterra maghha u diversi mistoqsijiet ohra.

Fir-rirward ta' Neville Ayers instabu wiehed u ghoxrin filmat b'kollox. Il-maggoranza ta' dawn il-filmati jidher is-Sur Neville Ayers gharwien fil-banju. Jghid li hemm filmati minnhom fejn jidher ukoll imhammeg bil-hmieg tieghu stess. Is-Sinjura tistaqsih hafna mistoqsijiet ghalfejn ma jridx johrog mill-banju u dawn it-tip ta' mistoqsijiet. Ir-risposti tieghu bilkemm jiftehmu. L-ahhar filmat kien l-istess gurnata qabel fejn ghal ftit sekondi ghax il-filmat beda jidher biss lizar imma ghal ftit sekondi l-camera tghola u jidhrli s-Sur Ayers kien qieghed fis-sodda u hi tistaqsih kontinwament iridx imur l-isptar u fl-ahhar jinstema jghid no.

Mill-filmati, fl-opinjoni tal-investigaturi bdew jaraw li dawn kienu fi stat vera negligenti z-zewg viittmi u meta regghet giet lura bil-police bail, regghu tawha d-drittijiet kollha. Qabel l-ewwel intrerrogazjoni kienu nghatawlha d-drittijiet kollha taghha u kienet ghazlet dak iz-zmien li tiehu parir minghand Dr Martin Fenech li kien l-Avukat tal-ghajnuna legali. Meta regghu kelmuha fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienu tawha d-drittijiet kollha u rrifjutat li tiehu parir tal-Avukat jew inkella li jkollha l-Avukat prezenti waqt kull forma ta' interrogatorju. Fit-tielet interogazzjoni regghet ikkonfermat il-medicina kollha li kienu qed jiehdu z-zewg vittmi. Spjegat li s-Sur David Grant kien jiehu ezattament l-istess medicina li kien jiehu s-Sur Neville Ayers. Din id-darba bidlet il-verzjoni fis-sens li qalet li mhux hi kienet qed ittihom il-medicina izda kienet tpoggihomlhom hdejhom u jiehduha wahedhom. Qalet li fl-ahhar gurnata is-Sur Neville Ayers il-medicina ma hadhiex, ikkonfermat li rrekordjathom izda din id-darba qalet li Neville Ayers kienu tlieta (3) jew erba' (4) darbiet u qalet li s-Sur David Grant iktar minn darba. Meta staqsewha ghal liema raguni bdiet tiffilmajhom fl-ewwel interogazzjoni qalet '*As I don't want to be blamed for anuthing.*', meta regghu staqsewha fit-tielet interogazzjoni bdiet taghti verzjonijiet differenti, imma l-aktar li bdiet tinsisti maghha, kienet biex hi turihom jekk aktar il-qudiem jistaqsuha x'kien gara, tkun tista turihom x'kienu qed jaghmlu u li kienu qed

jirrifjutaw li jmorru l-isptar. Ikkonfrontawha fuq il-fatt li f'wiehed biss mill-filmati tistaqsihom jekk iridux imorru l-isptar. Staqsiha kieku kien missierha, li qed jirrifjuta li jmur l-isptar imma tarah f'dak l-istat qalet li xorta kienet titlob ghal assistenza medika, saqsewha ghala lil missierha iva u lil dawn le qalet ghax hi t-tifla tieghu. Staqsiha kinitx tahdem hawn Malta u qalet li tahdem *on and off* imma kienet ila xi sena tahdem u meta staqsiha kif kienet qed tghix il-hajja taghha qalet li kienet tircievi xi flus minn barra. Regghu kkonfrontawha fil-fatt li l-Bulgaru ma kienx ghena izda hi baqghet tghid li ghena. Qalet li l-medicina kemm David Grant u Neville Ayers gabuha maghhom mill-Ingilterra. Ma nxtratx minn hawn Malta u mbaghad bidlet il-verzjoni, fil-fatt illi s-Sur Neville Ayers ma telaqx minn Malta mhux ghax kellu problema fil-flights imma ghax ried jibqa' maghha. Giet ikkonfrontata bil-fatt li l-Awtoritajiet Serbi qallhom li kellha zewg kazi izda baqghet tghid li s-serbja qatt ma kellha kazi li giet investigata taghhom.

Meta staqtsiha fuq il-credit cards ta' David Grant qaltilhom li l-pin numbers kienet tafhom izda kienet insiethom izda qatt ma uzathom. Wara li miet David Grant xtaqet tmur l-Ingilterra flimkien mal-gisem tieghu biex tara li jindifen fejn kien xtaq. Fir-raba' interogazzjoni gew murija l-filmati kollha lilha. Ikkonfermat kemm l-identita' taghha bhala l-persuna li qed tiehu l-filmati, ikkonferma li l-persuni li qed jidhru fl-ewwel seba' filmati kien David Grant u l-persuna l-iehor li jidher fil-filmati l-ohra huwa s-Sur Neville Ayers. Baqghet tinsisti li dawk il-persuni li jidhru fil-filmati huma nies b'sahhithom. Hadu parir minghand l-Avukat Generali rigward ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fil-fatt Dragana Mijalkociv giet imressqa bl-akkuzi l-Qorti.

Ipprezenta il-filmat f'cd u l-erba' (4) stqarrijiet, zewg credit cards li ghamel referenzza ghalihom, kif ukoll il-health insurance card flimkien mal-ircevuta ffirmata mill-impuata. Ipprezenta rcevuta rigward il-qbid tal-passaport tal-imputata bhala FF4[2]. Bhala Dok FF5 prezenta l-ircevuta tas-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€945) li nghatghu lura lill-imputat. Bhala Dok FF6 giet ipprezentata l-ircevuta tat-tablet u tal-mobile phone li nghataw lil Dr Farrugia Sacco biex ikunu jistghu jigu ezaminati. Dok FF7 hija ircevuta tal-*mail*[3] scrapings u l-vocal swab ta' Dragana Mijalkovic li

[2] Skont id-dokument Dok FF4 a fol 85 l-ircevuta hija rigward l-ammont ta' 1695 ewro.
[3] Ghalkemm ix-xhieda taqra 'main scrapings', skont ma jirrizulta minn DD6 a fol 88 din ghandha taqra 'nail scrapings';

ghaddew lil Dr Marisa Cassar. Dok FF8 l-email li rcevew mill-Awtoritajiet Serbi, fir-rigward li ssinjura hija registrata maghhom fuq zewg reati ta' frodi u ta' economic crime, fl-elfejn u tnejn (2002) u elfejn u erbgha (2004). Ir-rapport rigward il-mewt ta' Nevile Ayers bhala Dok FF9 u r-rapport rigward il-mewt ta' David Grant bhala Dok FF10.

Fil-hin li l-imputata rrapurtat il-mewt ta' Neville Ayers kien hemm hi biss, l-ohrajn meta gew mitkellma s-Sur Harlan u s-Sinjur Faniello u Marilyn Mizzi kienu barra dak il-hin. Ir-rapport sar l-Ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Sa fejn jaf hu fir-rigward ta' David Grant ghamlet telefonata wahda ghall-assistenza medika. Il-Pulizija gew infurmati mit-tim mediku meta wasal fuq il-post. Ghar-rigward ta' Neville Ayers, hi kienet nizlet go xi bar, l-ewwel kienet qalet li saret telefonata wahda mbghad qalet li saru zewg telefonati u mbaghad hi marret l-Ghassa. Qatt ma talbet assistenza medika qabel ghax iccekjaw jekk dahlitx xi telefonata biex imorru go dak l-indirizz jew biex johorgu fuq dawk iz-zewg persuni.

Dwar Neville Ayers li miet fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-filmat tal-gurnata ta' qabel jidher fis-sodda mghotti, kemm jidher wiccu u jidher fi stat mitluq hafna, fl-ahhar speci ta.

Mistoqsi fejn kienet l-imputata meta s-Sur Ayers kien hazin hafna, spjega li fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) is-Sinjura kienet l-izibet, Dolmen street, Qawra u kienet rebhet is-somma ta' disa' mija u tmienja u erbghin ewro u sittin centezmu (€948.60). Hi anke tikkonfermah anke fl-interogazzjonijiet taghha li gieli kienet thallih wahdu fl-appartament u hi kienet tmur taghmel xi qadi u rrizulta wkoll li kienet anke tmur tilghab. Prezenta korrispondenza bejn l-Pulizija u d-Diretturi tal-kumpanija izibet fejn tawhom din l-informazzjoni, din hija mmarkata bhala Dok FF11. Irrizulta wkoll li l-Oracle Casino ukoll saret korrispondenza maghhom li hija klijenta regolari hafna. Fl-erbatax (14) ta' Ottubru meta giet rilaxxatata kienet marret u laghbet somma flus mhux hazin.

Mistoqsi jirrizultalux fil-hdax (11) ta' Ottubru b'liema flus marret tilghab qal li skont hi kien taghha xi flus Neville Ayers, fl-interogazzjoni taghha bdiet tghid li kien taghha xi flus biex tirranga anke snienha u kien jiehu hsieb immantniha.

David Grant huwa l-ewwel vittma. Jigifieri miet fis-sitta (6) ta' Frar elfejn u sittax (2016) u dawn instabu fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Jigifieri ghaxar (10) xhur. Miet fl-appartament taghha, ghaxar (10) xhur wara kienu ghadhom ghandha. Pero' ghadhom ma jafux jekk intuzawx jew le. Spjega li ntbaghtet ittra rogatorja lill awtoriatjiet Inglizi u qed jistennew risposta. Il-karti ta' kreditu kienu rilaxxati minn Banek Inglizi. Wahda kienet Halifax Visa li kienet tiskadi fl-ahhar ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2016) kienet fl-isem David Grant u l-ohra tal-Yorkshire Bank li kienet tiskadi l-ahhar ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016). Kienet ukoll f'isem David Grant.

Mistoqsi jekk investigawx l-assi li kellhom dawn il-persuni Ayers u Grant wiegeb li baghatu ittra rogatorja estensiva lil Awtoritajiet Ingliza kemm anke minhabba l-medical files ghax ma kienx jafu x'jista jkun li qed jiehdu bhala polloli. L-inkjesta ta' Ayers ghadha mhiex konkluza. Xehed li fadal pendenti ir-rapporti tossikologici u li ghadhom ma sabux il-kawza tal-mewt. Qieghda inconclusive, *Asphyxia due to blockage of the airway*. Is-Sur David Grant pulomanry oedema, imnizzel jew huwa mewt naturali u ta' Ayers asphyxia. Jahseb li l-patologisti rrelataw. Tas-Sur Grant saret l-inkjesta mmexxija mill-Magistrat Dr Monica Vella. L-inkjesta ta' Ayers mill-Magistrat Aaron Bugeja. Saru l-ittri rogatorji tramite dik l-inkjesta. Mistoqsi jekk huwa ma jaqbilx li David Grant miet mewta naturali wiegeb li le jaqblu li miet b'dak il-mod izda qed jghidu li jekk hu ma hax il-kura jew ma giex ittrattat tajjeb seta' wassal ghal mewt li ma kellhiex tasal dak iz-zmien.

In kontro-ezami dwar il-pilloli qal li ma ghandux risposta mill-Awtoritajiet Inglizi imma kien jiehu Ramperil tat-10 mgs li hija ghal pressjoni, li kien jiehu wahda filghodu, amlodepine tat-10 mgs li kien jiehu wahda filghodu, asperina tas-75mgs li kien jiehu wahda filghodu u simvastatin tat-10mgs li hija kontra l-cholestoral li kien jiehu wahda filghaxija wara l-ikla ta' filghaxija.

Mistoqsi jekk irrizulalhomx li kienet titiehed din il-medicina wiegeb li r-rapport tat-tossikologija ghad ma ghandhiex risposta definittiva. Spjega li gabuhom maghhom mill-Ingilterra u l-pilloli ma nxtrawhx minn hawn Malta. Ricetta taghhom ma nstabitx. Mistoqsi kif kienet taf li kellhom jiehdu dawn il-medicina wiegeb li hija kienet qaltilhom li huma qalulha imma kienet tafhom bl-amment. Qalet li jiehdu l-istess pilloli. Qalet li David Grant xi snin qabel ,xi hames (5) snnin qabel kien sofra xi stroke imma kien l-Ingilterra. Ma hawnx tobba kuranti hawn Malta, huma l-Ingilterra. Baghat ittra rogatorja l-Ingiltera fejn talbu biex jigu rintraccati l-medical files kollha ta' qabel ta' dawn iz-zewg vittmi u jintbghatulhom jew inkellha tintbaghat kopja, biex jiccekjaw l-affarijiet li qed tghid l-imputata maghhom. L-unika darba li marru ghand tabib kien meta marru ghand dik l-ispizerija l-Kappara ghax qalet li ma setghax jaghmel *toilet* is-Sur Neville Ayers u tah xi pilloli. Qal li l-ispizjara tal-ispizerija fejn tal-Hamrun immedikatlu idu wara li waqa' fuq ta-linja u taghtu xi bioflor biex jghinu jirregola l-intestini li huma pilloli biex tnaqqas id-diarhea. Dwar li nstabu elf u seba' mitt ewro (€1700) qal li kienu tawha somma lura u l-parti l-ohra se tigi prezentata l-Qorti. Qalet li kienu jhallsulha kollox. Fl-interrogazzjni kienet tghid li kien hemm okazzjonijiet li tghid li kienet tmur maghhom jigbdu l-flus bil-credit card u jtuhomlha. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kien jghidulha biex tmur tigbed hi, bil-credit card taghhom. Fil-fatt issemmi wkoll li kemm il-pin numbers ta' David Grant kienet taf u anke l-pin number tas-Sur Nevile Ayers. Tathom diversi verzjonijiet rigward il-flus kif kienu jaslu ghandha minghand is-Sinjuri.

Skoprew mill-British High Commission li s-Sur Neville Ayers ghandu partner u ghandu tifla l-Ingilterra. Rigward David Grant ghadhom qed jistennew risposta. Kienet qaltilhom li taf li ghandu huh l-Ingilterra u hi qalet li meta hi riedet tmur l-Ingilterra, l-British High Commission ma tathiex vis au qalet li b'xi mod kienet kellmet lil huh bit-telefon imma kull ma qalilha li hi ma ghandha xejn mill-wirt tieghu u ma tkellmux aktar. Visa ma nghatatilhiex u l-Ingilterra ma marritx. Il-gisem tas-Sur David Grant kien intbaghat wahdu u l-informazzjoni li ghandhom li llum il-gurnata l-gisem tieghu huwa kremat.

Dwar kif wasal ghal konkluzjoni li z-zewg vitmi kienu fi stat negligenti wiegeb li fil-filmati kollha s-Sur Neville Ayers qieghed gharwien fil-banju, mitluq, hemm filmati

minnhom fejn qieghed b'dahru jserrah mal-hajt u saqajh hergin il-barra minn gol-banju. Mahmugin litteralment mill-warrani tieghu sal-ghaksa miksi bil-hmieg tieghu stess. L-akkuzata waqt li tiehu l-filmarti qed tistaqsihom hafna mistoqsijiet, literalment qishom jiccassaw fil-vojt. Neville Ayers, ir-rispost tieghu tant kien qed iharhar biex jghidha li bilkemm tiftiehem.

In ri- ezami dwar il-kundizzjoni ta' Neville Ayers meta gie Malta qal li l-imputata stess tghid li l-ewwel gurnata li gew filghaxija kienu hargu, marru go Bar, ghadu jkantaw il-karaoke, xorbu, jigifieri wasal ghal konkluzjoni li kien tajjeb imbghad litteralment iddeterjora f'daqqa. Hi kienet tghid ukoll li meta kien fil-lukanda kien ukoll jaghmel tahtu, izda meta huma maru jinvestigaw gol-lukanda u rrintraccaw anke lic-chambermaid qaltilhom li fl-ebda hin ma sabet lozor imcappsin jew dak it-tip ta' affarijiet. Jigifieri mill-investigazzjoni li ghamlu, ddeterjora f'dawk it-tmint ijiem li huwa ghamel gol-appartament taghha, s-Sur Neville Ayers.

**Svetlana Kabanic** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tal-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ikkonfermat li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet prezenti fl-interogazzjoni f'dan il-kaz, kien hemm Dragana Mihajkovic, hi u l-Ispettur Fleri. Ikkonfermat li Dragana Milhajkovic kienet informata dwar id-drittijiet taghha u li hi ghamlet traduzzjoni mill-Ingliz ghas-Serb biex tista' tifhem ahjar. Giet muriha fol 14 bhala Dok FF2 u cioe' r-rifjut ghal assistenza legali u kkonfermat li ghamlet traduzzzjoni ta' din u gharfet il-firem tal-Ispettur Fleri, Dragana Mihaljkovic u kien hemm hi ukoll li anke ffirmat fuq il-karta ukoll. Ikkonfermat li ma talbitx ghal Avukat jew persuna ohra biex tkun prezenti waqt l-interrogazzjoni. Hi kienet prezenti waqt l-interrogazzjoni, gharfet il-firma taghha fuq id-okument u gharfet lil Dragna Milhajkovic fl-awla.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) **Benjamina Mifsud** esebiet Dok BM li huwa proces verbal redatt mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja PV 249/17 dwar 'ragel brittaniku ta' 78 sena li kien Malta ghal btala u nstab mejjet f'cirkostanzi suspettuzi fit-12 ta' Ottubru, 2016'. Il-Qorti kkonfermat l-esperti kollha ta' matul l-inkjesta.

Fl-istess seduta ta-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** bil-lingwa Ingliza li gie muri process verbal immarkat bhala Dok BM u qal li fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal habta tat-tmienja u nofs (20:30hrs) l-akkuzata li gharaf hawn marret u cioe' fi kliemu '*called*' l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra '*in a rather frantic mood and she reproted that she needed medical assistance urgently.*' Persuna li kienet qieghda tghix fl-appartament taghha gewwa flat hdax, (11) Daina Flats, Triq il-Merluzz San Pawl il-Bahar kellu bzonn assistenza medika urgenti. Qalet li kienet diga cemplet ghal ambulanza izda tletin minuta wara kienet ghada ma gietx fuq is-sit u ddecidiet li tmur l-Ghassa tal-Pulizija ghall-assistenza. Sussegwentement mar fuq is-sit. Il-persuna li kellha bzonn l-assistenza kienet Neville Irers bil-passaport Brittaniku 515127951. Kellu fuq is-sebghinijiet, kellu tmienja u sebghin (78) sena u apparentement sal-hin li waslet l-ambulanza u t-tabib mill-Mosta Health Center, Neville Ayers gie ddikjarat mejjet.

Minn aktar investigazzjonijiet maghmulha fuq is-sit, ghal bidu deher li kellu xi tbengil fuq gismu li dehru suspettuzi u bhala rizultat gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr Aaron Bugeja li eventwalment gie fuq is-sit. Ghamlu ukoll investigazzjoni ghax kien *crime scene.* Spjega li '*there were several aspects in the way he was positioned and all that suggested a possible foul play and also, on her person the sum of one thousand and ninety five euros were found, which obviously she couldn't give a proper explanation to where she had got them from.*' Aktar tard qalet li rebhet lotterija. F'dak l-istadju numru ta' esperti tal-Qorti kienu nominati mill-Magistrat inkluz Dr Mario Scerri, u patologista, il-Perit Richard Aquilina, Dr Stephen Farrugia Sacco u SOCO personnel u anke Dr Marisa Cassar u Dr Michael Scotham, toxicologist. Dawn komplew l-investigazzjoni.

**WPS 9 Abigail Fenech Pomroy** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ix-xhud giet murija fol14 fejn u xehdet li gharfet ir-rifjut ghall-assistenza legali li kienet iffirmata mil-ispettur Fleri, minnnha, mill-akkuzata u mill-interpretu. Hija gharfet l-akkuzata fl-awla.

**WPC 274 Wendy Cachia** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) qalet li kienet mal-akkuzata fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-

sena elfejn u sittax (2016) matul l-investigazzjoni. Tkellmet ma' Avukat u ix-xhud kienet prezenti waqt l-interorgazzjoni.

**Fabrizio Faniello** xehed bil-lingwa Ingliza fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn mistoqsi fejn kien qed jghix f'San Pawl il-Bahar f'Ottubru tas-sena l-ohra, qal li kien qed jghix f'appartament tal-Euro Club Hotel f'Bugibba. Ma jiftakarx l-indirizz. Kien qed jghix mat-tfajla tieghu Marilyn Mizzi. Kien ilu jghix hemm ghal tlett xhur, erba' xhur. Spjega li '*we were just sleeping there or having a shower, and we were eating and doing toilet in the Euro Club Hotel or Watson. So practically that was our time spending at that flat.*' Spjega li Watson huwa pub ta' Euro Club Hotel. Spjega li s-sidien tal-lukanda kienu qeghdin jaghtuhom kamra f'dana l-appartament peress li kienu '*stranded*' dak iz-zmien, ma kellhomx fejn jghixu u ghalhekk tawhom l-opportunita' biex jghixu f'kamra f'dan l-appartament. Mistoqsi kemm kien ihallas lil Watson's wiegeb li '*I used to work there as a singer and I used to help them as well in the restaurant and by the pool bar.*' Lil Dragana Mijalkovic spjega li '*I know her at the bar and obviously she used to live as well next door to us in the same apartment but she had her own room and I know her from there. And from the Watson's Pub.*' Mistoqsi '*with whom did she used to live in this apartment?*' wiegeb '*Ok, at that time I remember her together with this friend of hers, he was an old guy but I don't remember his name.*' Spjega li '*.. we had the same door where to enter and then she was staying in the first room and then there was the toilet and then the kitchen and then our room and then further up, there was another room where a Bulgarian guy used to live.*' Spjega li '*on that day I wasn't there so, I was working, I had a show and practically that day I got in just for 15 to 30 minutes. So when that incident happened I wasn't present.*' Kien barra l-appartmanet. Ma rax il-partner ta' Dragana. Spjega li '*I used to see them sometimes, because as I said, I recall before, I used to go there to have a shower and sleep of course. And then we used to be out all the time. And I used to see, sometimes helping him because he had some problems. He used to do some personal things on himself, so she used to help him. And once I saw her as well having a drink with him. That's all. Never seen something bad.*' Dak in-nhar fil-bar, deher ok ir-ragel. Spjega li '*I recall him just for maybe a week and a half. But after a few days I saw him already having some problems, because I recall that he had to go abroad, but then he had problems and obviously she was taking care of him.*' Spjega li '*before we never used the bathroom and not even the kitchen. We used to do toilet in the Watson*

*or else in the Euro Club Hotel, and as well, we were eating there.*' Huwa gharaf lill-akkuzata fil-Qorti.

In kontro-ezami kkonferma li qal li hi kienet tiehu hsiebu.

**Marilyn Mizzi** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017). Xehdet li Fabrizio Faniello huwa l-boyfriend taghha. F'Ottubru tas-sena l-ohra kienu qeghdin jghixu f'Euro Club f'appartament. Kien appartment li kienu jaqsmu ma ragel Bulgariz u mara mis-Serbja. Hija gharfet lis-Serba fl-awla bhala l-akkuzata. Mal-akkuzata kien hemm ragel xih. Ma kinitx tafu sew, forsi ratu darbtejn, kien madwar tmenin (80), hamsa u tmenin (85) sena. Dak in-nhar kienet xoghol '*and I think that from work it was about 7:45 in the evening, I went upstairs and just showered because I had a hen party. So I showered quickly and went out. So actually I don't see them at that time and I just went to the party.*' Qalet li cemplet lil Fabrizio u qalilha li r-ragel xih kien miet. Kienet qieghda tghix fl-appartament ghal madwar xahrejn. Qatt ma uzat il-kamra tal-banju izda huma uzawha. Spjegat li '*she always was angry about the bathroom because he stayed there for a long time, in the bathroom. But for me it was not a problem. But for the Bulgarian man, she was a bit complained about that.*' Gieli ratu fil-kamra tal-banju lil dan ir-ragel.

Spjegat '*I saw him without water. And I told her: "What happened, because he is without water. And he is going to get cold." And she told me: "Now I removed the water because he wants to stay there and for any chance he is going to get cold and he came out from that bath." And he was cleaning up his room, their room insomma.*' Ikkonfermat li kien fil-banju minghajr ilma. Spjegat li '*because she had her room open and I saw her cleaning up her room. Because he did mess and I told her: "What happened?" And she told me: "I am cleaning up the room." And I told her that he was without water. And she told me: "Yes I know, I just now removed the water, to get up from the bath."*' Dak in-nhar li telqet barra mid-dar, ma tafx minn kien hemm, il-kmamar kollha kienu maghluqa. Qatt ma rat tabib jew ambulanza fl-appartament. Spjegat li '*When I go from the party, I just saw the forensic people, and they told me: "You cannot go to your room."*' Gieli marret fejn Fabrizio kien ikanta. Mistoqsi jekk qatt rat ir-ragel anzjan il-bar, qalet li ratu, kienu normali, kienu qed jiehdu drink. Kien madwar tlett gimgha qabel l-incident, deher ok pero huwa ragel xih.

**Haralan Matev** xehed bil-Bulgaru u x-xhieda tieghu giet tradotta fil-lingwa Ingliza fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn mistoqsi ghall-indirizz fejn ghex f'Ottubru tas-sena l-ohra qal li kien il-Euro Club Hotel f'Bugibba go appartament *shared*. Fl-appartament kien hemm tlett kmamar tas-sodda, '*each was a private bedroom*.' Spjega li Fabrizio kien qed jghix f'wahda mill-kmamar mal-girlfriend, kien hemm mara jisimha Dragana tghix fil-kamra l-ohra u hu kellu t-tielet kamra. Ikkonferma li qed jirreferi ghal Fabrizio li ta' x-xhieda tieghu qabel u t-tfajla. Gharaf lill-imputata fl-awla. Spjega li '*In the apartment besides the bedrooms, which were private, which were of the persons which I have already mentioned, there was also a kitchen and a bathroom. And the corridor. The kitchen, the bathroom and the corridor were common and where for the use of everyone who lives in the apartment. However, I can say for myself and I can also say for Fabrizio, we were almost not using at all the kitchen and the bathroom, because of the type of my job. I am working as a pool attendant, I spend most of the day by the pool, I work there, I eat there and sometimes I even take a shower there before I go to my room. So practically I am not using the common bathroom in the apartment*.'

Dwar Ottubru tas-sena l-ohra qal li '*No, she was not living alone. She was living with a man, who came to live with her. I know that he was in another hotel before that, but then he moved and he was living with her*.'

Jghid li '*The only thing that I can say is, I do not remember the name of this person. I can only say that I knew his nationality and I know that he was British. I cannot say that I knew his exact age but he was my age or older. But I do know his exact age.*' Ix-xhud ghandu tnejn u sittin (62) sena. Xehed ukoll li '*I cannot say that I had a conversation with this person but Dragana asked me once, to help her to bring the luggage of a person who was going to move in and live with her. But I replied to her that I was busy that day and I refused to help. Later on I saw the person that she was refrring to had already moved to the apartment and the same night or the night after, I was introduced to that person, down in the bar, underneath the apartment. But that was only on one occasion and since then, I have not spoken or had any conversation with him.*' Dragana kienet li pruvat tintroducieh ma din il-persuna, grat isfel fil-bar u kien l-unika darba li attwalment ra il-persuna u kien introdott lilu. Spjega li '*When she was*

*trying to introduce me to him, she said to him that I am a very nice person, a friend of her and to me she said that he was person who had moved to live with her form another hotel.*'

Spjega li '*when I was first introduced to the gentleman in question, he was, well, normal and active, in the sense that, that evening they were at the bar having a drink. They were talking to each other. So he was absolutely ok, but in a few days time, maybe in 2 or 3 days time, I noticed that his condition had changed and on 1 or 2 occassions, I saw him in the bathroom and his condition has changed to the extent that sometimes he was naked in the bath, lying, and his condition was visibly getting bad. Worse, from what it was in the beginning.*' Xehed li '*the condition of the gentleman was changing because on the first day when I saw him, he was walking on his own, he was talking on his own, he was pretty active, but in 3, 4, days, the situation had changed with him, in the sense that in the bathroom he was visibly unable to move freely on his own. He was either lying in the bath naked and sometimes he had done a pipi or koko in the bathroom or he was outside leaning out and even on 1 occasion, Dragana had asked him if he can give him some clothes, because apparently this person had no clean clothes to wear. And he had given a pair of his jeans to her so that the person can wear a pair of jeans.*'

Mistoqsi jekk pruvax ikelmu jew isaqsih x'ghandu jew jekk kellux bzonn ghajnuna qal li '*it would have been impossible for him to ask because the state of this person was getting so bad that he was not really able to speak or to say anything. So, he was in such a state that he was not even to speak or to say anything. Besides that, he said: "I didn't want to get involved in what was happening. And I was trying to stay in the apartment as little time as possible. I was just coming in to change and I was going down to work."* Spjega li '"*I mean that I have my own work, I have my own problems, then when I see this, it is something which I do not do, which I don't like, so therefore for me this is something which I really want to stay away from and keep away. And don't get involved at all.*" Jghid li '*I can say that I have probably seen him maybe 3 times, in a period of maybe one week or one week and 2 days. And the reason that I have seen him not more than 3 times is the fact that sometimes, the door of the bathroom was locked.*'

Spjega li '*I can say that I never locked the room of the bathroom myself. I am pretty sure in my conversation with Fabrizio, because they have noticed this as well, that they have not locked neither he nor his girlfriend, locked the bathroom themselves. The only person who had the key*

*for the batroom was Dragana, so, excluding them and myself, I tend to believe that probably she was locking the door.*'

Spjega li '*I can confirm that on a number of occasions, when I was going up to the apartment, Dragana was not in the apartment but the door of the bathroom was locked. And I can assume that when she was going out, to either do shopping or do something else, she was locking the door of the bathroom and the person in question was in the bathroom.*' Xehed li '*on the day when the gentleman in question passed away, for me it was a normal working day. I got up early in the morning as usual, and I went downstairs to do my job near the pool. At around 11 o'clock I went back to my room to change, I usually go and change at around that time and at around that time, I did not see the gentleman but I assume that he was probably still in the bathroom because normally most of the time he was in the bathroom. The second time that I went up to my apartment to change it was between 3 or 5 in the afternoon and on that occasion when I went up, I saw the gentleman in question in the kitchen, he was not in the bathroom but he was in the kitchen, and Dragana was in the kitchen as well. She asked me to help her to put him on the bed but I told her that I don't want to help her. I changed and I went down to continue with my work.*'

Mistoqsi kif kien fil-kcina qal li '*He was not dressed at all, he was naked completely. In the same condition of absolutely un controlling himself, he was not sitting on a chair but he was like bending on his knees near the chair, trying to hold to the chair with one of the hands.*' Mistoqsi jekk kienx '*leaning on the chair*' qal '*Yes, I can confirm that he was partly, his knees were on the floor, definitely on the floor, he was not sitting. He was kind of leaning over the chair, trying to hold to the chair with his hands.*' Spjega li '*I saw that he had a bandage on 1 of his hands, in the lower part of the hand before the elbow, a white bandage but I also saw that there was some blood on it. So probably there was some blood coming through. There was probably a wound or a scratch and it was covered with a bandage and you could see the blood.*' Spjega li '*he did not speak. He was in the stat which he was not able to speak, according to him.*'
Xehed li '*I can confirm that I did not touch the gentleman, I did not help Dragana to do anything with the gentleman, I just changed and went downstairs. When I went downstairs I was near the bar. I am usually around the bar at this time because an hour later, at around 8, I usually go for my dinner in the restaurant.*' Spjega li '*Approximately between 30 minutes to an hour, after I went down by the bar, Dragana came down and she was shouting and screaming*

*and asking me to go up and help her, but she was not asking only me. Near the bar there was the bar attendant and there was another male person and me to go and help her, but I told her "No, I was going to help you, " and in fact I turned around and I went near the pool.*' Mistoqsi jekk qabel dan, gieli ra ma irgiel ohra, qal li '*Yes, I know that she has been frequenting with other men. sometimes she had told me about it and sometimes I have seen her myself.*' Spjega '*usually these gentlemen which are older men, elder than me, he said and I know that she had told me once or twice that she had spent a weekend at Santana on all inclusive basis with one of them. With someone else she had spent the weekend at Bugibba Hotel on all inclusive. Going out to certain bars and casinos with them.*'

Bhalissa ma huwiex jghix fl-istess appartament. Qieghed jghix f'appartament iehor hdejn Murphy's Pub, qieghed jaqsam appartament ma habib u qieghed ifittex biex isib post iehor biex imur wahdu.

In kontro-ezami qal li kien ilu jghix fl-appartament bejn hames u seba' xhur. Dragana kienet tghix fl-apaprtament ma din il-persuna bejn tnax (12) u hmistax (15) il-gurnata. Ma jafx li din il-persuna kellu problemi fil-*bowel* jew li kien qieghed jaghmel tahtu. Qal li kien ilu jaf lil Dragana ghal ammont ta' zmien. Ikkonferma li vizibilment dan ir-ragel kellu bzonn l-ghajnuna xehed li '*visibly this man needed help. Yes, he needed help. However he did not offer any help, in fact he refused to help Dragana because he had known her for over 2 years and from the knowledge, from the experience that he had with her, there was a period in time that he was not talking to her and he was sharing that apartment simply because he had no other place to go. But he was not willing to get involved. Besides she had made it clear to him that she is taking care of this person and she doesn't want anyone to get involved.*' Dwar dak in-nhar jghid li '*I did not refuse help to this man, I refused what she was asking me. Because she always asked for something. And in principal, whatever she asks me, I always tell her no.*' Xehed li '*On that particular day, she asked me to help her not to help the gentleman. And I can repeat again that I had a past experience with her in another apartment and I refused to help her.*' Spjega li '*On that particular occasion she asked me to help her with this gentleman. But I refused because of my past experience with her.*'

Mistoqsi jekk irraportax li dan ir-ragel kellu bzonn l-ghajnuna wiegeb li '*I did not report because this occasion was not the first occasion in which the person was in this state, I have seen*

*him in that state for the past probably 10 days , on a number of occasions, therefore I did not report it. I have seen him a few days before in more or less the same situation, on his knees in the bathroom with his hand on the bath. Therefore I did not report it.*' Spjega li '*He was not able to speak not only on that occasion but since his condition had changed, he was not speaking.*' Issugeriet lilu li ma rraportax dak in-nhar ghax filfatt kien ghena tpoggih fuq is-sodda wiegeb '*No, that suggestion is definitely not correct, not true. I did not help her. I went downstairs because of my explanation already that I do not like her company and I do not want to stay close to her. I went downstairs and it was only after 30 minutes to hour that she came down, shouting and screaming for help, but I did not help her.*'

Mistoqsi ghal x'relazzjoni kellu mal-akkuzata, jekk kienx qed jiggieled jew ma kienx imur tajjeb maghha qal li '*I have known the accused for nearly 3 years and my first contacts with her were not very pleasant ones and I believe that she was instrumental for me to lose one or two of my jobs. When we were sharing an apartment she was always stopping the water, locking doors, not giving me keys, talking to other people behind my back, against me. In fact there was a period of time for almost 2 years when I did not speak to her and it was only recently when she moved to that apartment when I started to talk to her. But I cannot say that our relationship was a good one or a bad one. But I was trying to stay away from her and I didn't want to have anything to do with her and in what she was doing.*' Mistoqsi jekk huwiex korrett li tghid li ma togbux *wiegeb* '"*no*" *that I don't like her but I do not agree with her lifestyle and what she does. It doesn't meman that I don't like her, but I don't agree with her lifestyle.*' Ikkonferma li ma kienx komdu jghix f'appartament wiehed maghha. Wara li telqet dan il-flat, qal li probabli ghamel madwar ghoxrin (20) gurnata jew xahar iehor jghix hemm.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed l-**Ispettur Chris Galea Scannura** bil-lingwa ingiza u b'referenza ghad-dokument numru 59 qal li korispondenza mill-Awtoritajiet Pulizija Serbi rigward l-akkuzata u ghala hija maghrufa mal-Pulizija Serbi. Il-kliem ezatt ta' kif wiegbu l-Pulizija serbji kienu '*She is known for crime of fraud and a crime related to the economy. In 2004.*'

**Doris Vella Cassia** xehdet bil-lingwa Ingliza fid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u qalet li qeghda tixhed fil-kapacita' taghha ta' *customer care officer* fl-isptar

Mater Dei. Ma tafx l-akkuzata. Qalet li ghanda dokumenti mill-Emergency and Accident Department, meta cemplu izda ma tafx tispjegahom ghax mhiex fuq il-linja tal-medicina. Id-data dwar David Grant hija s-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u dwar il-pazjent l-iehor kull ma hemm miktub 'Navy' ghax ma tawx isem meta cemplu. Id-Dipartiment tal-Emergenza iccekjaw minn cempel dak il-hin. Id-dokumenti gew ipprezentati bhala DVC 1 u DVC 2. Bhala DVC 3 hemm dikjarazzjoni mill-manager ta' Mater Dei fejn hemm dikjarat li ma hemmx medical files relatati mal-individwu. L-isem ta' min cempel dwar l-ewwel wiehed huwa Patrizio. Il-persuna li hadet it-telefonata kienet Mandy Vassallo. Huma fittxew ghad-dokumenti flimkien mal-Emergency chairperson Dr Spiteri. L-informazzjoni hija dwar jekk kienux rikoverati l-isptar Mater Deir. Wiehed mill-pazjenti miet qabel ma dahal Mater Dei. Ma tafx tghid jekk il-persuni li xehdet dwarhom kienux rikoverati Mater Dei. Ikkonfermat li f'Mater Dei hemm lista ta' inpatients. Qalet li l-ufficju tal-medical records responsabbli biex izomm u jamminista din l-informazzjoni. Ikkonfermat li l-manager tal-Medical records hija Margaret Baldacchino Cefai.

**PS 419 Anton Buttigieg** xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn qal li fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal habta tat-tmienja u nofs (20:30) Dragana Mijalkovic li gharaf fl-awla dahlet fl-Ghassa tal-Pulizija tghajjat ghal ghajjut u pruvaw jikkalmawha u staqsewha x'gara. Qalet li '*roommate had collapsed in the flat and he was not moving.*' Spjega li 'I rushed to the mentioned address which is "Diana", flat numebr 11, Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar, where between the second single bed and the wardrobe, I found the body of Neville Ieres who was only wearing a nappy on the floor. Lying on the floor and who was not moving. Same was certified dead by Dr. Ivan Micallef from Mosta Health Center.' Informa lil ispettur Maurice Curmi li umbghad informa lil Magistrat Dr Aaron Bugeja li ordna inkjesta magisterjali u nnomina numru ta' esperti tal-Qorti biex jassistuh fl-inkjesta inkluz Dr. Mario Scerri.

Fuq is-sit kellem lil Dragana u kif iccekja l-passaport irrizulta li kienet f'Malta, over staying u kienet illegali hawn Malta. Ma kelliex visa u ma kelliex resident permit allura nformaha li kienet illegali f'Malta u informaha dwar l-arrest. Staqsa diversi mistoqsijiet, wahda dwar il-flus jekk kelliex flus u qalet li ma tahdimx f'Malta u li kellha elf u seba'

mitt ewro (€1700) f'cash. Meta staqsha dwar il-flus, qaltlu li kien fil-coat fil-gwardarobba, ghaddiela l-coat u meta fittxet ma sabithomx, rega saqsiha ghal flus u qalet li kienu f'borza zghira tal-plastic fil-gwardaroba ma nstabux. Qalet li x'imkien fil-kwardarobba u aktar tard sabhom '*pink case, small plasitc case*' u kien hemm elf, sitt mija u hamsa u disghin ewro (€1695). Fil-frattemp arresta lis-suspettata u hadha l-ghassa tal-Pulizija u aktar tard Dr Mario Sceri wasal fuq is-sit u immedjatament gharaf il-post li kien hemm '*sudden death*' ohra li kiene grat. Meta l-espert tal-Qorti gie fil-flat, hu u l-espert marru l-Ghassa tal-Puizja u kif ra s-suspettata mmedjatament identifkaha bhala l-istess persuna li keinet involuta, kienet ilmentat dwar il-mewt fsalt l-iehor. Bdew isaqsu mistqosijiet u f'punt Dr Mario Scerri issuspetta li mhux tghid il-verita ghalhekk iddeciedew li jiefqu jsaqsu mistqosijiet. Aktar tard madwar fis-siegha ta' filghodu (7:00am), is-suspettata kienet fic-cella, qalet li kellha l-flus, qabel meta kienu fil-flat qabel ma eskorataha lejn l-Ghassa saqsiha minn fejn gabet il-flus u qalet li l-vittma li kien mal-art kien weghda li jekk tiehu hsiebu sew kien jizzewgiha u jaghtiha l-flus. Fis-siegha ta' filghodu (1:00) meta kienet fic-cella ghajtitlu u qaltlu li kienet gidbitlu u li l-elf (1000) mill-ammont kienet rebhithom minn rebh il-gurnta ta' qabel. Umbaghad informa lis-superjuri li hadu over il-kaz.

Huwa esebixxa r-rapport li prepara hu. Dan gie esebiet bhala Dok. AB.

Fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) id-difiza ezentat lil Qorti milli terga tisma x-xhieda gia mismugha u mhux qed toggezzjona ghal xi xhieda u verbali li saru bil-lingwa tal-Ingliz tenut kont li dan sar sabiex l-imputata tifhem ahjar.

Fis-seduta tat-tmiennja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Edwina Farrugia Bajada**. Qalet li tahdem l-Ispizerija l-Chemimart il-Hamrun u hija l-Managing Pharmacist. Din tinsab St Joseph High Street, Hamrun, li hija ftit il-fuq faccata l-knisja ta' San Gejtanu. B'referenza ghall-imputata ikkonfermat li giet l-ispizeija. Spjegat li kienet akkumpanjata ma' ragel anzjan. Dahlet ghaliex l-anzjan kien waqa minn fuq il-karozza tal-linja u kellu xi griehi fuq idejh minhabba l-waqa. Qaltilha hi. Hu seta' jitkellem imma ma tkellimx. Tkellmet hi. Jidhrilha li kien x'imkien f'Ottubru tas-sena elfejn u sitttax (2016). IL-griehi kienu f'idejh mal-parti ta' fuq. Mill-minkeb l-isfel u

kienu t-tip ta' gerha li tista tirrizulta minn waqgha, il-gilda tal-anzjani tkun xi ftit jew wisq irqieqa allura tkun inqalghet xi naqra minn mal-id. Kien hemm id-demm ovjament. Kienu tip ta' slieh fuq zewg idejn fin-naha ta' fuq mill-minkbejn l-isfel. Xtaqet xi haga ghalihom jigifieri biex tipruva iddewwuhomlu. F'dak il-punt offrietilha l-ilma bil-melh u xi garezz biex tghattihom biha u ngwent antisettiku. Staqsietha tistax iddewih ix-xhud biex kemm jista jkun ovvjament tissolva l-problema malajr. Ikkonfermat li dewwietu ix-xhud.

Hu fl-ebda hin ma tkellem. Ma staqsietu xejn. Qalet li kien ragel anzjan, kien pjuttost kwiet, kien jidher li kien ghadu kif gralu xix haga. Dak il-hin ma laqatha xejn barra mill-ordinarju. Staqsieta ukoll ghal pakkett hrieqi tal-adulti. Tathomla, hallsu kollox u telqu. Xtraw hrieqi, l-garez, l-ilma bil-melh u l-antisettiku. Ma regatx rathom. Ikkonfermat li l-ilma bil-melh xi saline solution, fjali zghar tal-ilma bil-melh.

In kontro-ezami ikkonfermat li fl-ispizerija jidhlu hafna nies kull jum. Timmagina li mijiet fil-gimgha jidhlu. Mistoqsija kif baqghet tiftakar qalet li l-pulizija staqssewha jekk kienux dahlu ragel u mara u qalulha bl-incident li kien waqa' minn fuq il-karozza tal-linja. Il-Pulizija kelmuha bejn gimgha jew gimghatejn wara.

**Stephen Micallef** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn qal li qieghed in rapprezentanza ta' Oracle Casino. Prezenta kull dokument li ghandu relatat mal-imputata inkluz it-transazzjonijiet taghha li kienu saru fil-cash desk. Il-visti taghha tul iz-zmien minn meta rregistrat fil-Casino kif ukoll anke bhala loghob li ghamlet fuq l-islot machines. Irregistrat l-ewwel darba fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Prezenta l-lista tal-visti kollha li kellha bhala Dok SM. Prezenta kopja tar-ritratt li ttiehed fir-registration taghha kif ukoll kopja tal-karta tal-identita' bhala Dok SM1. Prezenta kopja tal-loghob li kellha tul dak il-perjodu msemmi fuq l-islot machines, immarkat bhala Dok SM2. Spjega li Dok SM3 jindika t-transazzjonijiet kollha li saru fil-cash desk. Prezenta CD kif ukoll rapport datat l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) rigward sejbien ta' wallet li kien instab fl-ismoking area tal-Oracle Casino fejn meta nfetah mis-Security u r-Receptionist irrizulta li kien tal-imputata. Jaf ghax sabu dokument tal-identita' go fih. Gie infurmat permezz ta' telefonata li barra d-dokumenti taghha kienu nstabu zewg bank cards li

kienu jappartjenu lil D. Grant. Peress li ma kienx kaz bhal tas-soltu fejn instab oggett lost and found jghadduh lil sidu, peress li nstabu dokumenti ta' terzi persuni, hass li kellu jinforma lil Pulizija. Gew PS 914 u PC 675 kienu fethu l-wallet, tkellmu mal-imputata fir-reception area tal-Oracle Casino. Ghandu kopja tas-CD tar-reception fejn kienet tkellmet f'dan ir-rigward. Ic-cd fiha meta l-Pulizija tkellmu mal-imputata rigward il-wallet. F'dik l-okkazzjoni u kien hemm okkazzjoni ohra fil-gimgha ta' Lulju, ta nofs Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ukoll kienu gew involuti l-Pulizija. Ir-reazzjoni tal-imputata kienet wahda ta' certu rabja li kienu dahlu l-Pulizija. Ma kienx prezenti meta kelmuha l-Puliziaj izda ilmentat mieghu. Rabja ghaliex dahlu l-Pulizija. Qaltlu li ma kellhomx ghalfejn idahlu l-Pulizija f'dawn iz-zewg kazijiet. Kemm f'dak li xehed dwaru u anke fil-kaz li kien f'nofs Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn wara iversi drbai tigi nfurmat abiex ma thallix il-bagalja personali taghha fir-reception desk tal-Casino li hija kontra l-process tas-sigurta taghhom, baqghet taghmilha ripettutament u titlaq mill-premises. Thalli l-bagalja hemmhekk u titlaq ghal hinijiet twal u thalliha anke overnight. Minhabba ragunijiet ta' sigurta dawn l-afarijiet huma ma jhalluhomx. Kienet thalli l-bagalja fir-reception desk minflokk tigbora qabel ma titlaq. Ma kienux jifthu l-bagalja. Din kienet qisha hand luggage. Wara diversi drabi tigi nfurmata biex ma taghmilx hekk, kien ta struzzjonijiet lis-Security biex itellghu din il-bagalja l-Ghassa tal-Pulizija. Anke f'dik l-istanza giet tilmenta mieghu ghaliex hadu l-bagalja taghha l-Ghassa u hu infurmaha li peress li kienet infurmata diversi drabi biex ma taghmilx hekk, baqghet tippersisti fl-azzjonijiet taghha. Wara dik l-okkazzjoni, giet baned milli tidhol fil-Casino ghal perjodu ta' tlett (3) xhur. Kien hemm zewg istanzi ohra fejn hi giet baned, li huma fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal tlett xhur u fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Ir-raguni fir-rigward tal-hdax ta' Lulju ma ghandux irrekordjata ghax kien gie moghti struzzjonijjiet mis-superjuri tieghu pero' rigward id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru kienet qed targumenta hafna mal-klijenti. Kellhom rapport minn diversi klijenti likienet qed targumenta maghhom.

In kontro-ezami b'referenza ghal dokument SM2, qal li l-ewwel kolonna hija effettivament il-flus li hi tkun tefghat fl-islot machine sabiex tilghab, it-tieni u t-tielet huma total in u total out u ma l-points li tellghat waqt il-loghob taghha, it-tieni wahda huma flus li tiggenera mill-loghob. Jghid li qieghda minn taht bi 15,000. Tkun tefathom

cash. Spjega li tkun uzat registration card li tuza biex tidhol kull jum, jista jkollok kaz fejn titfa flus fil-magna pero ma jkunux rregistrati fuq il-card ghax ma tkunx dahhaltha. 240.257[4] huma kemm iggenerat fil-loghob matul is-snin.

**Sergio Cappitta** xehed fis-seduta tat-tmieja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn qal li jahdem mal-kumpanija Gaming Operations Limited, kumpanija li hija licenzjata mill-Malta Gaming Authority li topera numru ta' betting outlets illicenzjati mill-istess Awtorita'. Il-betting outlets huma bl-isem ta' Easy bet. Gie muri fol 68 immarkat bhala Dok FF11 u qal li kien email li rceva hu mill-Ispettur James Grech fejn kien qed jitlob informazzjoni dwar player partikolari bl-isem ta' Dragana Mijalkovic. Kien qed jistaqsi rigward history tal-istess klijent, jekk kienx hemm xi forma ta' history fil-hwienet taghhom b'mod partikolari lejn in-north. Irrizultalu li l-klijenta kienet player taghhom, kellha l-ahhar vista fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn f'dik il-gurnata kienet rebhet disa' mija u tmienja u erbghin ewro u sittin centezmu (€948.60).

Ivverifika qabel ma rrisponda lill-ispettur Grrech u kkonferma l-email mahruga minnu.

**PS 941 Ivan Mifsud** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn b'referenza ghal Dok FF2 a fol 83 envelope li fih zewg credit cards u health insurance card kif ukoll ghal Dok FF3, qal li fl-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena l-ohra ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) gew infurmati minn certu Felix Caruana li hu manager id-Dolmen Hotel li kienu sabu wallet fl-Oracle Casino li jinsab fi Triq it-Trunciera San pawl il-Bahar u fih kien fiha xi credit cards ta' ragel Ingliz u karta tal-identita' ta' persuna Serba. Mar fuq il-post u x'hin iccekja l-portmoni ikkonferma li dan kellu zewg credit cards fuq l-isem ta' Mr Grant u health card fuq David Grant ukoll. Kien hemm ukoll karta tal-identita' Serbjana ta' Dragana Mijalkovic. X'hin iccekja mas-sistema taghhom, tar-rapporti tal-Pulizija sar jaf li dan David Grant kien irrapurtat mejjet. Dak il-hin ghajtu lil Dragana biex tigi hdejhom u giet fejn ir-reception. Wara li tawha t-twissija qatlu li dawk kienu ta' habib taha li kien miet u kien tahomla hu. Ikkuntatja lill-Ispettur u qallu biex jelevahom u jaghmlilha rcevuta. Hareg ircevuta li gharaf bil-handrwriting tieghu bhala Dok FF3. Dakinhar kien cempel lill-Ispettur

[4] F'Dok SM2 hemm imnizzel €240,257.99

Maurice Curmi izda mhux hu kien l-ispettur tal-Ghassa. Gharaf il-firma tieghu u ta' Dragana li gharaf bhala l-imputata fl-awla fuq l-ircevuta. Jghid li ghamel rapport dwar dan l-incident bin-numru 9V573 u prezenta kopja bhala Dok IM.

Xehed li fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena l-ohra ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' bil-lejl gie infurmat minn Dennis Cutajar li kien hemm kommossjoni fir-reception ta' Soreda Hotel fi Triq Andrew Cunningham San Pawl il-Bahar ghax kien hemm persuna Serbjana fil-kumpanija ta' ragel anzjan Ingliz li hu residenti fil-lukanda u huma ma rieduhiex hemmhekk u hi ma riditx tohrog mis-Soreda hotel. Mar fuq il-post u sab lil Dennis Cutajar li kein id-duty Manager u ndikalu lill-imputata li din kienet fil-prezenza ta' certu Ingliz Edward Stabley li twieled fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tletin (1935). Din kienet fil-kumpanija tieghu, hu beda jghid li l-lover tieghu u l-habiba tieghu u ma jridiex titlaq mill-lukanda. Ma kintix guest u ma kinitx 'wanted' ghax kellhom incidenti ohra maghha qabel. Dan qalulu Dennis Cutajar. Fir-reception dan l-Ingliz baqa' jinsisti li riedha mieghu u hi qalet li anke kienet hadet breakfast mieghu u marret fil-kamra mieghu. Jghid li lil ingliz kellmuh u kien hemm xi turisti Inglizi ohra u gharfuha peress li kien hemm fuq xi gurnali Inglizi u x'hin spjegawlu min kienet qal li ma jridx jibqa' habib maghha u kellimha ix-xhud. Accettat li titlaq u jghid li '*hi meta tkellimha tibda tixxena u tghid li ghax imqabbdin maghha u hekk*'. Sar rapport immarkat bhala IM 1 bin-numru 9V5843/2016 iffirmat ukoll.

In kontro-ezami ma kienx jaf jghid jekk dawk il-credit cards qatt intuzaw wara li miet dak il-persuna. Kien ghaddihom lill ispettur u ma jafx x'gara wara. Dakinhar kien informa lill-Ispettur Curmi pero mhux hu kien tal-ghassa.

L-**Ispettur Fabian Fleri** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li dwar il-credit cards qal li l-Pulizija ghamlet zewg itttri rogatorji fil-mori tal-inkjesta, saret ittra rogatorja lill-awtoritajiet Inglizi fejn talbu l-file mediku kollu tas-Sur Neville Ayers u l-file mediku tas-Sur David Grant. Wiehed minnhom wasal u qieghed esebit. Talbu wkoll dettalji ta' dawn iz-zewg credit cards biex l-Awtoritajiet Inglizi jiccekkjaw mal-Banek koncernati, it-transazzjonijiet kollha li saru, specjalment wara d-dati tal-mewt taz-zewg vittmi. Dik il-parti kif ukoll wahda mill-medical files ghadhom qed jistennew ir-risposta. Intbaghtet ukoll ittra rogatorja lill Awtoritajiet

Serbi. Hemm dokument esebit ukoll ghax meta bghatu *through mutual assistance*, lil Awtoritajiet Serbi kienu nfurmawhom li l-imputata kellha zewg kazi ta' frodi fis-Serbja u jekk mhux sejjer zball lura fl-elfejn u erbgha (2004). Meta talbu aktar dettalji qalulhom li jridu jibghatu ittra rogatorja u baghtu ohra f'dak is-sens u ghadhom jistennew risposta.

L-**Ispettur James Grech** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbbatax (2017) fenjn qal li nhar ittnax (!2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) kien xoghol night patrol jigifieri xoghol sat-tlieta ta' filghodu u ghal habbta tas-siegha u nofs ta' filghodu tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) gie infurmat mis-surgent tal-Qawra s-surgent 419 Buttigieg li kellhom anzjan barrani mejjet ta' nazzjonalita' Ingliza certu Neville Iers. Dak il-hin staqsa lis-surgent x'kien il-kaz u qal li dan kien gie rapurtat minn mara ta' nazzjonalita Serba Dragana Mijalkovic li dan kien miet fil-post taghha u meta hu acceda fuq il-post mal-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri minhabba li kien hemm inkjesta Dr Mario Scerri gharaf bhala post li kien diga mar go fih fi Frar fuq kaz simili ta' anzjan ta' nazzjonalita Ingliza mejjet fl-istess post u minhabba li dawn l-affarijiet graw fl-istess sena fl-istess post ghand l-istess sinjura tqanqal suspett li seta kien hemm xi haga mhux qieghda *sure*. Qallu li jistennew issir awtorsja ha jaraw x'jirrizulta u l-ghada fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) tard filghodu wara li nforma lill-ispettur Fabian Fleri li kien l-ispettur tal-ghassa b'dak li kien gie infurmat hu fis-siegha u nofs ta' filghodu attenda ghall-awotpsja tas-Sur Neville iers. Tkellem mal-patologisti u ma Dr Mario Scerri wara l-awtospja fejn gie infurmat li l-mewta ta' Neville Iers kienet suspettuza hafna minhabba l-fatt li rrizulta li kellu diversi external injuries li kienu jidhru fuq gismu, irrizulta li miet b'asphysixa due to blockage of the airways. Informa lill-Ispettur Fleri b'dan kollu li kien ghadu kif gie infurmat u minhabba li Dragana Mijalkovic kienet ghadha mizmuma taht arrest, gie infurmat li kienet inzammet matul l-lejl l-Ispettur Fleri u hu setghu ikelmuha fuq dak li kienu ghadhom kif gew infurmati. Qabel dan tkellmu man-nies li rrizulta li joqghodu fl-istess flat ghax huwa flat li fih diversi kmamar, hemm tlett kmamar tas-sodda u common kitchen u bathroom. Wahda kienet mikrija lis-Sinjura Dragana Mijalkociv li mbaghad irrizultalu kien hemm dan is-Sinjur Neville Iers ghal dik l-ahhar gimgha u nofs. F'kamra ohra kien hemm is-Sur Harlam Drumev Matev jekk mhux sejjer zball ta' nazzjonalita' Bulgara u f'kamra ohra kopja Fabrizio Faniello u

Marilene Mizzi. Kelmuhom kollha ha jaraw x'jafu dwar Neville Iers, kollha jiftakruh li beda joqghod ghand is-Sinjura Dragana Mijalkovic ghal dik l-ahhar gimgha, gimgha u nofs. L-iktar wiehed li setgha jaghti dettlaji kien Harlan Drumev Matev peress li kien jahdem mal-istess kumpanija u fil-break imur fil-kamra tieghu jaghmel in-nofs siegha break hemm. Kien jahdme mal-istess kumpanija li tikri l-kamra jew flat lil Dragana Mijalkovic. Qalilhom li dak in-nhar tat-tnax (12) ta' Ottubru mar ghal break bejn l-10:30 u 11:00 ta' filghodu u s-sur Iers kein msakkar fil-kamra tal-banju fl-common bathoom, imsakkar bic-cavetta *under lock and key*. Ma setax jidhol is-sur Drmev Matev. Rega mar ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar u qalilhom li lanqas ha shower minhabba l-fatt li s-sur Iers kull meta mar kien qed jokkupa l-kamra tal-banju u rega jghid li s-sur Iers kien imsakkar fil-bathroom. Il-bieb tal-kamra tal-banju kien imsakkar. Qalilhom li hu ghamililhom cara li la jerga' jigi filghaxija jrid isib il-kamra available biex ikun jista' jinhasel u rritorna d-dar ghal habta tal-hamsa u nofs, is-sitta ta' filghaxija fejn dak il-hin is-Sur Iers kien fil-kcina fl-art u jghid li kien '*crouched near a chair*'. Dak il-hin l-imputata talbitu biex jghina jpogguh fis-sodda. Hu spjegalhom li ma ridx jinolvi ruhu ghax ghal dik l-ahhar gimgha ra hafna affarijiet jsiru, ra lis-sur Iers maghkus u jixrob il-whisky flimkien mal-imputata, raha fil-banju diversi drabi u ghalhekk ma ridx jidhol. Kien qed iqatta hafna hinijiet fis-shower hafna drabi anke fil-banju minghajr ilma mitluq fil-banju ghal hin twil. Jidher li kien jqatta' hafna hin, kien ihossu ahjar fil-banju minghajr hwejjeg biex ikun jista' joqghod minghajr hwejjeg. Jghid li s-Sur Drumev qalilhom li kien diga ghena qalilhom erbat'ijiem qabel minn gol bathroom ghal gol bedroom minhabba li kien waqa' ukoll is-sur Iers, kien jidher hazin pero' xorta filghodu kienu jixorbu l-whisky flimkien hu u l-imputata. Jghidilhom li kienet issakkru bic-cavetta gurnata shiha fil-bathroom.

Dan l-istess persuna li kien joqghod gharwien fil-banju, jigifieri is-Sur Iers il-vittma. Jghidilhom li f'gimgha gimgha nofs kull ma semghu jitkellem kien darbtejn biss, il-bqija qatt ma semghu jitkellem. Tkellmu ukoll mas-Sur Fabrizio Faniello u mas-Sinjorina Marilene Mizzi. Marilene qaltilhom li gieli ratu lis-sur Iers bla ilma u anke irrimarkat lil Drgana Mijalkovic bhal speci dak x'qed jaghmel fil-banju bla ilma, dak ser jiksah. Is-Sur Fabrizio Faniello jghidilhom li huwa kien qed jahdem bhala kantant il-Watson's pub li jigi taht il-binja fen toqghod is-Sinjura Mijalkovic, jghid li s-sur Iers kull ma rah ghal dik il-gimgha, gimgha u nofs ma kienx jafu qabel pero' dik il-gimgha u nofs ghal bidu kien

jarah fil-pub jiehu drink u jizfen kien jidher b'sahhtu pero' f'daqqa wahda ma rahx iktar u fi zmien gimgha miet.

Minn dak li huma gabru, tkelmu hu u l-Ispettur Fleri ma' Dragana Miljalkovic nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u regghu tkelmu maghha fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016). Fl-ewwel stqarrija hallewha tesprimi ruhha ta' kif saret taf lil Iers u kemm ilha hemm Malta u fejn kienet qed toqghod mieghu pero' dan bazikament hareg mill-istatement taghha li s-Sur Iers kellu jitlaq minn Malta fl-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) pero' gara xi haga fil-flight jew kellu xi zball fuq il-biljett u ma setax jitlaq u ddecieda li jibqa' Malta sat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u minhabba li l-kirja tieghu l-hotel kienet spiccat, is-Sinjura Dragana invitat u laqghtu ghandha f'din il-kamra f'dan l-appartament. Qaltilhom ukoll li kienet taf li jiehu xi medicina, qaltilhom li kif jiehodha, li hija kienet taghtih il-medicina biex jiehodhom anke jekk ma kellux ricetti ta' din il-medicina. Kienet taghtih it-Ramperil ghal blood pressure, wahda filghodu u l-Amblode pill wahda filghodu ukoll u l-asperina wahda filghodu ukoll u Sinvastitin ghal cholesterol wahda filghaxija wara l-ikel pero' tghidilhom li ghalhekk qatt ma studjat medicina u ma kienx hemm prescription, kienet taghtihomlu kif suppost jiehodhom.

Wara irrizultalhom li s-Sur David Grant li miet fi Frar tal-istess sena ukoll kien jiehu l-istess medincina u s-sinjura kienet taghtih l-istess medicina. Irrizulta li f'daqqa wahda s-sur Iers kellu problemi biex jaghmel toilet u ghalhekk inghata l-bioflor marret tixtrilu l-bioflor minghand chemist gewwa l-Qawra u minn hemmhekk ghal kuntrarja beda jaghmel toilet minghajr kontroll, jaghmel tahtu, jithammeg, ihammeg il-hwejjeg, ihammeg il-lozor. Dan xtratu minghand il-chemist tal-Qawra. Il-Hamrun marru fil-frattemp wara li s-sur Iers waqa fuq tal-linja, rega waqa l-bankina l-Hamrun xi erbat' ijiem qabel u ghalhekk marru l-Ispizerija tal-Hamrun High Road Hamrun. Tghid li s-Sur Iers dejjem irrifjuta li jkun assistit medikament u fil-fatt tghidilhom li ffilmjaw bl-ipad jew bl-iphone jghid dan id-diskors li ma jridx ghajnuna medika u ghalhekk il-pulziija elevat kemm l-ipad u kemm l-iphone biex dawn jigu ezaminati. Tghidilhom ukoll li anke fil-kaz ta' David Grant li miet fi Frar tas-sena elfej n u sittax (2016) hija kellha filmat li qed jghidilha li ma jridx assistenza medika. Tghid li kif huma kienu

jghidulha li ma jridux assistenza medika biex imbaghad wara ma jghidux li ttraskurathom, kienet tigbidilhom filmat qed jghidu dan id-diskors.

Dak in-nhar tat-tnax (12) ta' Ottubru li miet is-Sur Neville Iers qaltilhom li qam fis-sebgha u ghaxra ta' filghodu, ghamel in-nofs ta' nhar ta' filghodu kollu fil-bathroom u anke waqa' fis-shower, ghenitu biex imur fil-kcina minn fuq is-siggu fejn regha waqa fix-shower, ghenitu biex imur fil-kcina minn fuq is-siggu fejn reggha waqa ukoll ghal mal-art. Tghid li is-Sur Harlan Drumev Matev ghena biex iggorru mill-kcina ghal kamra tas-sodda xi haga li s-sur Harlan Drumev Matev innega li ghamel, u wara li huma spjegawla li s-Sur Iers miet minhabba blockage of the airwys, qaltilhom li meta ratu qieghed hazin fuq is-sodda, ferratlu ftit ilma go halqu biex ikun jista' jixrob. Dak l-hin huwa beda jhares lejn l-hajt u ma jwegibx lura jidher li kien unconscious u hi nizlet tigri halli titlob ghall-ghajnuna. Rigward il-flus qalet li kellha madwar elf u seba' mitt ewro (€1700) u dawn instabu go pouch roza fl-istes skamra. Meta iccekjaw maghha din kemm ilha Malta u qatt ma hadmet minn fejn gabet dawn l-elf u seba' mija (1700) qalet li gieli tmur tilghab l-Izibet jew il-Casino u xi gurnata qabel kienet ghadha kif rebhet. Irrizulta li s-sinjura kienet rebhet disa' mija u tmienja u erbghin ewro (€948). Hija kellha elf u seba' mija (1700) fuqha, staqsewha minn fejn gabithom il-flus u hi qalet li kellha access liberu biex tuza l-card u l-fondi tas-Sur Neville Iers biex tkun tista' tixtrilu dak kollu li kien hemm bzonn u biex tixtrilu n-nappies minhbba l-problema li nholqot f'dawk l-ahhar erbat' ijiem u ghalhekk minhabba li kellha dak l-access gibdet il-flus biex tista' tilghab imbghad taghtihomlu wara li tirbah ghalhekk is-sinjura kienet giet moghtija lura l-ammont li kienet rebhet pero' kienu ttiehdulha seba' mija u hamsin ewro (€750) li hadet u laghbet mil-fondi tas-sur Neville Iers il-mejjet li prezenta go envelope issigillat bhala JGZ. Ghalhekk tawha lura l-ammont li rebhet u zammew il-flus kontra ircevuta ta' dak li kienet laghbet minn dawk li huma kienet qed tghid li huma l-fondi ta-Sur Neville Iers, dan jirrizulta minn ircevuta a fol 86 li hareg is-Surgent tieghu PS 426 Anthony Portelli fl-erbatax' (14) ta' Ottubru tas-sea elfejn u sittax (2016) ircevuta bil-firma tas-Sinjura Dragana Mijalkovic u s-Surgent 426 li qed jaghtiha lura disa' mija u tmienja u erbghin ewro (€948). Dan kollu li tkellem mas-sinjur tal-Izibet Sergio Cappitta baghtu email u rcieva lura l-istess emial li qed jaghraf a fol 97 tal-process fejn ikkonfermalhom li s-Sinjura kienet qed tilghab l-Izibet tad-Dolmen Street Qawra fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) jigifieri gurnata qabel is-

Sur Iers miet imbghad hemm record ta' meta s-sinjura kienet tmur tilghab f'dan il-casino.

Is-Sinjura kienet regghet giet mitkellma l-ghada l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) minnu u mill-ispettur Fleri minhabba xi inkonsistenzi li kienu hargu waqt l-ewwel statement kemm rigward l-ilma li qalet li ferratlu f'halqu u l-esperti qalulhom li ma kienx il-kaz, kemm li qalet s-Sur Harlan Drumev Matev qalet li kien ghena biex igorru mill-kcina ghal gol kamra tas-sodda fejn filfatt hu innega li ghamel dan, fejn kienu qalulhom xi xhieda ohra li kienet issakru fil-bathroom pero' hi baqghet tghid li s-Sur Harlan Drumev Matev kien ghena u baqghet tghid ukoll li hi qatt ma sakkret lis-Sur Iers fil-kamra tal-banju. Tghidilhom ukoll li kemm is-Sur David Grant li miet fi Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) kif ukoll is-Sur Neville Iers l-ahhar persuna li mietet u cioe f'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) kieu jhallsu l-kirja tal-post taghha. Rigward l-injuries esterni li kellu fuqu apparti li ssemmi li waqa waqt li kienu ghaddejjin fit-tragitt fil-karozza tal-linja fl-istess gurnata waqa anke l-bankina u tghid ukolll i anke waqa minn fuq is-siguu u habat rasu mal-bieb tal-aluminium li hemm fil-kcina. Bazikament wara t-tieni stqarrija minhabba t-terminu tal-arrest hi giet rilaxxata bil-Police bail u komplew bl-investigazzjoni f'dak li ghandu x'jaqsam bl-ipad u l-iphone li gew elevati mis-sinjura. Dawn fil-fatt xehed dwarhom L-ispettur Fabian Fleri ghax kien il-persuna li analizza dawn il-filmati.. Gew infurmati ukoll li fl-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) is-Sinjura Mijalkovic kienet instabet fil-pussess ta' zewg credit cards wahda Halifax Visa u l-ohra Yorkshire Bank Maestro it-tenjn fuq isem ta' David Grant li miet fi Frar u ghalhekk is-Sur Fleri fl-istqarrijiet ta' wara seta' jistaqsiha dawn x'kienu qed jaghmlu fil-pussess taghha minn Frar sa Novembru tas-sena elfejn sittax (2016) pero' dak imbaghad xi haga li jikkonfermaha l-Ispettur Fabian Fleri fix-xhieda tieghu.

**Dr Yanika Camilleri** xehdet fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn qalet li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet inghatat l-inkarigu sabiex tirtira d-dokument FF1 u taghmel traskrizzjoni tal-istess CDs. Hija rritornata l-erba' CDs u pprezentat ukoll it-traskrizzjoni. Dan gie mmarkat bhala Dok YV.

**L-Ixjenzat Godwin Sammut** xehed fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li kien inghata inkarigu mill-Magistrat Inkwerenti. Gie moghti xi dokumenti mis-Scene of Crime minn PS385. L-esebiti kienu kollha medicini, ma kienx hemm bzonn li jsiru analizi ghax kienu kollha gol-blister packets kollha ssigillati. Kull ma ghamel kien rendikont x'kien hemm li huma kolha medicinali. Ir-rapport gie mmarkat bhala Dok GS. Kien inkarigat fl-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Raymond Ayers. Halef l-inkarigu u rrirtora d-dokumenti li ghaddewlu s-scene of crime.

**Dr Ali Safraz** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ikkonferma li kien appuntat bhala pathologist f'inkjsta. Qal li id-dokument a fol 28 gewwa l-ewwel volum huwa rapport li ghamel flimkien mal-Professur Camilleri fuq il-katavru ta' David Grant. Qal li l-kawza tal-mewt kien '*pulmonary ambulism*' li jfisser '*blood clot which blocked the main artery to the lungs.*'

Prezenta rapport bhala Dok AG dwar Neville Ayers u qal li '*Cause of death as stated in this report is pneumonia. He had quite a few not fatal injuries but he had other injuries which are listed in the report.*' Spjega li '*There is bruising of the upper eylid of the right eye extending to the lower eyelid, there is a laceral contused wound also in the upper eyelid. There are lacerations of the lower posterior aspect of the left arm and medium border of the left forearm. There is also bruising over the left forearm. There is a bruise on the posterior aspect of the left arm and there is a superficial tear of the left lobule. There are bruises and superficial skin loss of the right arm. There is a bruise on the right cheek. There is a superficial wound of the left thumb. There is a bruise on the lateral side of the right knee. There is a haematoma over the right temporal rgion. There is a large area of bruising over the rightal region extending to the oxibital region. These are the external injuries.*' Jghid li jahseb li l-ispontaneous bruising u lacerations kienu kawza ta' '*repeated trauma*'. In kontro-ezami qal li l-*cause of death* tibqa '*pneumonia*' li mhijiex relatata mad-diversi griehi. Xehed ukoll li '*He has multiple injuries on different sides. So I don't think it is an accidental fall.*'

**PS586 Mario Azzopardi** u **PS385 Emanuel Dalli** fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) halfu l-inkarigu moghi lilhom. Ir-rapport sar meta gew nominati mis-Scene of Crime fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) dwar il-mewt li kienet sehhet fit-tnax (12) ta' Ottubru gewwa l-fond Diana, Flat

11, Room A, Triq il-Merluz, San Pawl il-Bahar. Il-mewt ta' Neville Ayers. Ghandhom r-ritratti li ngibdu waqt ix-xoghol taghhom kif ukoll dokument tal-medicina li giet elevata minnhom li giet moghtija lill-Ispizjar Godwin Sammut. Xehed li hadha hu personalment ghand is-Sur Sammut.

Xehed **Dr Mario Scerri** fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie muri fol 32 tal-process u 204 li huma zewg rapport li ghamel hu. Xehed li l-ewwel wiehed kien tal-Magistrat Monica Vella, inkjesta fejn instab mejjet David Grant, f'residenza f'San Pawl il-Bahar, nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), ezaminah, hadlu xi ritratti, kien prezenti ghall-awtopsja u ikkonferma il-kontenut tar-relazzjoni, u li ma ghandux xi jzid jew xi naqqas.

Sussegwentement nhar it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Magistrat Aaron Bugeja gie inkarigat biex jezamina katarvu ta' Neville Ayers u meta dahal f'din ir-residenza ftakar li ftit xhur qabel kien dahal u ftakar li sab ukoll anzjan, Neville Ayers li kien mejjet u kellu xi lezjonijiet fuq gismu. Eamina lil Neville Ayers dik il-gurnata. kien prezenti ghall-awtopsja, kellu ukoll xi lezjonijiet, ha x-xhieda ta' Dragana Mijalkovic li kienet qed tghix mieghu jew hu kien qed jghix maghha, u li kienet tghid li tiehu hsieb, bhal ma kienet qalet dak iz-zmien li kienet tiehu hsieb il-iehor. Huwa kkofnerra r-rapport. Il-kawza tal-mewt tal-ewwel wiehed deher li kien natural, it-tieni wiehed li deher li kien deher li kien natural, instabu xi hemorrhages u petachiae fil-pulmun u dawn qajmu certu dubji, suspetti. Dawn li nstabu fil-pulmun jistghu jindikaw xi haga u jistghu ma jindikawx. Ghax jekk persuna tkun debilitated hafna u forsi meta mietet kellha rasha l-isfel, kif jista jkun li kien ghaliex il-katavru kien gie mcaqlaq qabel ma wasal hu, jista' jkun li jimmarkawlek il-petechiae. Jigifieri jistghu ikunu incidental fndingg. Jista' jkun ukoll li jindika traumatic asphyxia. Xi kultant katavri li jsibuhom rashom l-isfel gieli jkollhom petechiae ukoll fil-pulmun. Iz-zewg persuni kellhom medicina, Ayers suppost kien jiehu xi benzodiazipines, pero' hu mar l-Ingilterra, ha l-kampjun u konkluzjonijiet '*Neville Ayers was not intoxiated through alcohol when he died and there was no evidence to suggest that he had recently taken any of the drugs tested for*' inkluz il benzodiazipin li suppost kien qieghed fuqhom. Ma kienx hemm evidenza farmakologika li dan kien qieghed jiehodhom. Jigifieri ma kienx taht l-influenza taghhom meta miet u ma kienux l-kawza tal-mewt. Grant ma jafx jekk

marrux ghat-toxiocology ghax dak kien l-ewwel wiehed, u -ssuspett qam il-ghaliex fi ftit xhur mar fl-istess residenza u kien hemm l-istess qishom cirkostanzi, zewg anzjani kollha kellhom lezjonijiet fuqhom, qishom certu element ta' neglect u dejjem kien hemm din l-istess common factor din il-mara din Dragana u allura qajjem is-suspetti. L-ewwel wiehed ghadda as a natural case.

Hu ma rax ricetta ta' medicina ta' Neville Ayers. Kieku qieghed fuq valium, benzodiazipine u kien qieghed jiehodhom regolari, kien jimmarkalu fit-toxicology wara l-mewt tieghu *at therapeutic levels*. Il-fatt li ma mmarkax, ovjament li ma kienx qieghed jiehodhom qabel ma miet. Benzodiazipine huma kalmanti. Simastatin huma pilloli ghal kolesterol. Dawk ma gewx ittestjati ghalihom ghax dak mhux toxic. Enteric Ecol forsi ghal kolesterol. Lacto-flor huwa bhal Clin-flor u Bio clor ghar-reconstitution tal-bacterial flora. Amlodipine huma calcium blockers ghal pressjoni, dialeters tal-arterji.

Xehed li amiodipine jista' jmmarka fit-toxicology report. Simvastin ma jittestawx ghalihom. Huma ittestjaw ghal opiate drugs bhal heroine, Morphin, Codaine, Dihydrocodine u Pholcodine. Amphetamine bhal drogi bhal extasy u hekk, metadone, benzodiazipines, li l-valium huwa inkluz u kien negattiv. Jghid li '*a range of chemically based drugs, including certain anti-depressants, anti-histamines, igifieri dana general screen ta hemm therapeutic, aw ta prescribed drugs u non-prescribed drugs*.' Kollox gie negattiv. Ma kienx qed jiehu *a wide spectrum of drugs* u ma kienx qeighed jiehdu xejn minnhom. Mistoqsi jekk ikollok bzonn tixtri minnhom jekk ghandek bzonn xi karti qal li Amlodiphine tista tiehu, benzodiazipine bir-ricetta l-hadra, simvastatin tista' tixtri u bio-flor tista tixtri ukoll suppost brr-ricetta imma mhumiex restricted skont l-ispizerija li ssib. L-unika wahda li hija restricted hija l-Benzodiaziphine ghax dik bir-ricetta l-hadra. Ma jiftakarx li ghaddewlu prescription.

Dwar Dragana Mijalkovic qal li '*Dina kienet hyperactive hafna, bhall mma dejjem dejjem tkun, bhall ma kienet l-ewwel darba. Trid tghid hafna affarijiet f'daqqa wahda.*' Ma jiftakarx li taghtu prescription. Lilha ma hadieliex xhieda peress li kien hemm suspetti li setghet kienet gejja investigata. Ma jiftakarx li taghtu xi medicini. Jaf li lilha, lil Dragana hadilha finger enscrapings u haditilha buccal swab biex jigu analizzati minn Marisa Cassar pero rigward xhieda ma jidhirliex li hadilha.

Spjega li '*Neville Ayers m'humiex grievous injuries, kellu lezjonijiet, bazikament bruises, li kienu in different stages of healing, igifieri li ma sarux f'okkazzjoni wahda. Kien hemm xi lacerazzjonijiet, dik tista tghidilha grevious, ghax fuq l-id. Kien hemm xi lacerazzjonijiet fuq l-id il-leminija, dawna iffotografati, kien hemm xi abrazzjonijiet ukoll. Bazikament huma pressure points dawn, il-pressure lesions illi forsi ghamel xi zmien fl-istess pozizzjoni, lacerazzjonijiet illi jistghu ikunu kompattibli ma blunt trauma, tbengil ma blunt trauma in different stages of healing, imbaghad kien liebes hwejjeg illi dana, gharwien kien f'dak, u l-kaz kien fit-12 t'Ottubru. Kien il-bard u kien mal-art. Igifieri kien hypothermic zgur dar-ragel.*'

Dwar kif laqghatu fuq il-post l-imputata qal li '*Din darba iltqajt maghha. Igifieri kienet taf min jien ecceteara u bdiet tispjegali x'gara u ma garax, igifieri kienet on the, on the, mhux defensive, qisha trid tghid ahfna affarijiet biex tiskolpa ruhha minn xi xhaga, qisha*'. Ikkonferma li din hija assunzjoni. Qal li '*Jien bdejt, jien rajtha illi qed tirreagixxi b'mod li mhux, li mhux, speci allright, kien hemm wiehed mejjet eceatera. Bdiet tiregaixxi b'mod, assunzjoni tieghi kif hassejtha jien.*' Spjega li '*qisha bdiet tispjega hafna affarijiet f'daqqa. Hekk qisha. Ghax imbaghad meta ghidtilha jiena gejt hawnhekka darb ohra. Imbaghad bdiet, Dr. Mario. Wara imbaghad qaltli speci kienet taf x'jisimha u hekk. Din darba ltqajt maghha fuq il-kaz ta' qabel.*' Huwa gharaf lill-imputata fl-awla.

In kontro-ezami qal li kien anzjan, u ikkonferma li meta tkun anzjan kif tolqot mill-ewwel ikollok pressure point. Ikkonferma li jdumu biex ifiequ. In ri-ezami mistoqsi jekk fuq Ayers irrizultalux jekk kien marid qal li jiftakar li ftit granet qabel kien niezel il-bar ta' tahthom anke talab lil Fabrizio Faniello biex idoqlu xi diski, ikantalu xi diski li jaf huwa skont ix-xhieda ta' Fabrizio Faniello kien fuq saqajh ftit granet qabel.

Il-**Profs Marie-Therese Camilleri Podesta** xehdet fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u kkonfermat li kienet fl-awtopsja ta' David Grant li saret fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u sabu li l-kawza tal-mewt kienet pulmomary trumbo embolism. Jigifieri kien hemm cloth. Kien hemm cappa demm maghqud u kien hemm allura ic-cirkolazzjoni fil-pulmun tieqaf. Tista' tigi minn hafna affarijiet, tista anke tigi minn lack of mmobility, jigifieri bniedem ikun fis-sodda jew ma jiccaqlax, id-demm jaghqad u jekk ma jkunx qed jixrob bizzejjed ikun hemm inqas likwidu li tiffavorrxi dawn l-emboli. Esternament David Grant kellu ferita fuq ir-right

*the lady who was ...*'. Qalet li '*take him for ... ... and I am ... ... ... and we put him in the bed until I go to ask for help.*' Dan kien madwar is-sitta, sitta u nofs, sebgha, ma tistax tiftakar ezatt. Pero filghaxija. Ikkonfermat li Neville Ayers kien ma jiflahx filghaxija kmieni u l-Bulgariz ghena tpoggih fis-sodda. Qalet ukoll li '*He left. He just helped me to put him there and I asked him, "Please call somebody to help me! Please call an ambulance. " He never called nobody.*' Qalet '*I go myself, I leave Neville alone in the room and I go down to call ambulance.*' Nizlet ghand il-mara u oht is-sid, kienet taf li kienu fir-restaurant isfel. Nizlet isfel u habtet fuq bieb u ma kien hemm hadt u nizlet fir-restaurant li huwa tas-sid Michael Ciapara u bintu ghax jghixu fl-istess binja kollha li huma. Hi cemplet l-ambulanza. Qalet li '*I told them that it is very important to coming and my owner's sister give them address. That is why I am asking her to say it properly address to them because me if I am say address maybe they do not understand me. Then I went up to the flat. Then after I ... ... he was on the bed. Then I come again down. There was the pub full of English people, British people there, starting to enjoy the songs -*' Spjegat li ''*I am asking all people, "please somebody come to help me. I have old man upstairs. I do not know what to do. I am waiting for ambulance." Everybody ignoring me like I am a crazy and I have to get back ... ... ... ... He was sit on the chair, on the bed like that. Then I go on the balcony I was watching for the ambulance, ambulance did not come ... ... ... ... and I was ten, twenty minutes on the balcony and I stand there watching and I shouting down this music-*' Qalet '*Nobody want to come up with me. I say to them to people down, Barman also, he say, "Please do not cry. We are calling ambulance." The barman of the pub was down because ... ... nobody come to help me. I do not know what to do*'. Kienet fil-gallarija u hu kien fis-sodda. Umbghad marret ghand il-Pulizija. Qalet '*I go to ask where is ambulance, why not coming to help me. I come to police station in Qawra, I say, "surgent, help me please I have old man." Ambulance is not coming. He say, "Sinjura, calm down." "Where is apartment?" and we go with the car. ... ... ... they fine him ... ... ... few minutes after doctor ambulance go round and round ... ... the right addres. And when my lawyer asking that man he say "m'ghandix karozza" ... ... ... ambulance.*'

Iddiskriviet lil Neville Ayers bhala '*Big man*'. Qalet li l-verita hi li l-Bulgaru ghena u li kien qed jigdeb. Kien irrabjat ghax tilef xoghlu u dejjem iwahhal fiha li tilef xoghlu. Tixtieq li sar DNA fuq Neville Ayers ghax il-Bulgariz kien ghena, ma setghetx iggorru wahedha. Qalet li '*When he fell one time in the door I am trying to put him up and he was very*

*heavy.*' Tghid li qatt ma sakret lil Neville Ayers fil-kamra tal-banju, li l-Bulgariz qed jigdeb.

Mistoqsija ghala hadet il-video ta' Neville Ayers qalet li '*when I am go and put down the pampers and I say to all people there my neighbours, Maltese people, I told them this old man he does not want to go to hospital and he is wetting himself and I ... ... sometimes I carry the bags and they can see pampers, and they told me, Your Honour, "miskina, if something happen to him, they will blame you." Then, Your honour Magistrata, I go upstairs on my apartment and record him "I am asking you want to go hospital? Call ambulance? He say, "No, I do not want to lose my flight back home, I do not need, I will sort it out when I go back in England." I am asking him, "How much you are sure? Are you sure?" He said, "one hundred percent.*" Qalilha li qabel ta' sikwiet gratlu l-Ingilterra. Kemm il-darba ghamel tahtu u qalilha li xejn allarmanti. Spjegat '*Every time I am asking him "We go doctor. Why are you wetting youself?" "This happening to me before" he say "in England.*" Beda jaghmel tahtu ghal xi erbat' (4) ijiem. Erbat' (4) ijiem wara li mar joqghod ghandha. Ikkonfermat li iltaqghu go bar, karaoke u li wara marret fil-lukanda tieghu. Mistoqsija filghodu x'ghamlet qalet li '*I go back to my home and in the morning he asked me to go with him to the breakfast. Then after he say when we will meet and he said that he will meet in the bus station in Qawra opposite from the police station, where is the bus station. Then we meet and we go to Valletta*'. Marret fl-appartament taghha u ghadet zewg iljieli fil-hotel fi kmamar separati. Qalet li rat xi haga fuq is-saqqu u dawru. Tghid li '*every time I am asking him "Are you ok?" he said "Champion", every time "Champion".*' Qalet li "*Are you sure? Are you ok?" he said "Champion! do not be a parrot" he is calling me a parrot.*" Pappagal ghax dejjem issaqsi "*Are you sure? You need soemthing? You want to go...*". Ghax tirrepeti l-istess affarijiet u li kien jghidilha "*Do not repeat me, I am bigger enough than you. I can be your father. Do not tell me what I have to do. Do not be a parrot. And do not ask me again.*' Spjegat li '*Maltese people told me 'miskina' bilfors put him ... 'call ambulance, if something happens to him you will go...*' Mistqsija ghala ma cemplitx ambulanza qalet li '*Because when I go upstairs he says "I am fine, champion" and I do not find something serious of somebody wetting...*' Qalet li huha dam sa erbatax (14) -il sena jaghmel tahtu u qal li kellu ftit stress. Hadet il-video ghax '*Maltese people told me "If soemthing happens to him they will blame you." And I am go upstairs and he says "Why you make it a big thing of this? This happening to me before often in UK. I will be ok.*' Qalet "*Sometimes my prostate is that I cannot keep my urine. Do not be a*

*parrot. I do not need hospital. I will sort it out when I go back in England next...*' Tghid li '*Only one time he made poo poo.*' Tikkonferma li fil-pamper. Meta xammet il-qalziet qalet li awrina kien. Fil-banju kif jidher fil-filmat ghamel 'poo poo'. Qalet li '*One time and I am show him that he make a poo poo that he is say "This is nothing" so he will be ok. He will be fine when I show him that he make poo poo.*" Darba biss kien hemm translator meta kelmuha l-pulizija. Ma qaluliex li kienet serja dwar xiex qed ikelmuha.

In kontro-ezami qalet li lil David Grant kienet tfakru biex jiehu l-pillolu. Ikkonfermat li David Grant miet fi frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Dwar li disa' (9) xhur wara li miet David Grant kienet fil-pussess tal-credit cards qalet li '*When that night that David Grant dies it was the police there, it was surġent lady. They are giving to me his credit card, for the health blue card...*' Hi cemplet il-bank u l-bank ghalaq il-card. Cemplet lil funeral director Guido Agius. Ma kelliex bzonn il-cards. Hadd ma ried jgborha ghalhekk zammitha. Ma setghetx tmur l-Ingilterra, il-bank ma kienx hawn Malta, kien bank Skocciz. Qalet li bhal souvenir zammitha. Qalet li '*I was afraid to live in my apartment because by sharing apartment in some case also can witness funeral director I have given that card if he can go and to take it in his bank to can be funeral pay, coffin and this thing.*'

Mistoqsija dwar kemm il-video sabu fil-ipad qalet li '*My tablet was break. That was why sometimes I make it more two because it was break.*' Qalet li '*I did not sure if it was recording. I wanted one time to record and there was recording a lot of times.*' Qalet '*I double because my screen was damaged.*' Fit-tablet taghha ta' David Grant kellha hafna ritratti fil-pub. Il-video biex turi t-tabib li qieghed minghajr bastun kien fuq il-mobile mhux laptop. Ma hemmx videos ta' ddavid Grant isaqsih jekk ok fuq it-tablet, izda fuq ilmobile. Ta' Neville Ayers kien hemm. Qalet li '*Just one video and when I click in my tablet to make it save it did not show me and I did not was sure how many time I make it.*' Tghid li fl-istess gurnata. Cemplet l-ambulanza darba u qalulha li cemplu il-barman it-tieni darba. Qalulha biex ma tinkwetax ghax cemplu darbtejn ghall-ambulanza. Kienet l-istess gurnata li miet Neville Ayers. Qatt ma cemplet qabel qalet '*For David Grant we went to hospital. For David Grant I call also ambulance. Myself I call ambulance for David Grant.*'

Il-flat fejn miet David Grant huwa fl-istess appartment ta' Mario Ciappara fejn miet Neville Ayers. It-tnejn mietu fl-istess appartament. David Garant kien jghix

Middlesbrough. Iltaqghet mieghu fil-karaoke. Erba' (4) snin qabel u meta ltaqghet mieghu kien fil-pub filghaxija u qalilha li huwa single u li ried joqghod biex jigi Malta. Qabel ma mar jghix maghha kien qieghed Santana Hotel. Ghamel tmien (8) xhur jghix maghha qabel ma miet. Qalet li '*Last time he went in from the Santana he go back in UK, ... UK, he come back after one (1) month. And he say he will stay all winter here and he come back and he stay all of winter in Malta because in England it is very cold and he is alone...*' Hallas il-kera biex ghex maghha u qasmu l-appartament. Ayers ma talbitux ihallas xejn u xtralha rigal ghal Milied u ghalilha li hi persuna '*very nice*'. Dwar hu David Grant qalet li '*When we meet he told me that five (5) years ago he had a stroke in England in Newcastle. They put him in hospital. His brother he never came to see him to visit him. His own family never came to see hi. And five (5) years before that he had a stroke. Then after he come and he said that he do not want to .. He.. They do no respect him. How his mummy passed away he was feel very lonely and he the last year he was asking me three (3) years before he keep going from Santana and come back we every time meet, every time we go out together, we was go to market, we was go different, we go to Gozo, to Comino...*' Ma tafux lil hu David Grant, Ian. Grant kien Santana Hotel u Ayers kien San Antonio St Paul's Bay. Dwar David Grant tghid li '*We was very close, very good friends, And he said on me he found a soul mate and he wanted to marry me.*' Kienu hbieb izda riedha bhala martu. Mistoqsija jekk kienux mahbubin qalet li '*Yes, very close friends we was, yes.*' Mistoqsija jekk kienet l-istess ma David wiegbet '*No! With Mr Ayers he was just a friend. When he saw me in the karake ... when he saw me in the seafront in the pub he is just asking me 'can I make him a company to go Valletta to see that he like my company when we went to the karaoke evening...*' Tghid '*Did I like him... I respected him like all the men. No.. I mean... No I am sorry...*' Hu kien tmienja u sebghin (78) u hi kienet tnejn u erbghin (42). Tghid li saqsiha tistax tmur mieghu l-Belt biex igib xi souvenir ta' huta ghal ohtu. Tghid li qatt ma messha, '*I never had naughty things I did with him. He never asked me.*' Qatt ma gabet nies ohra fl-appartment. Tghid li ma hemmx boghod minn Santana Hotel ghal flat, kemm parking. Damet tghix Santana ghal xahrejn shah. Mistoqsija jekk huwiex korrett li ma riditx lil David Grant imur lura l-Ingilterra ghax huh ma kienx se jaccettaha wiegbet li '*That is speculation. That is not true. That is lies one hundred per cent. I never saw him. I never spkoke until ... after that funeral director calling him and first time I talk with him on the phone.*' Neville Ayers tilef il-flight biex imur lura l-Ingilterra. Irrifjuta li jmur l-isptar. Kien fil-hin ghal flight izda ma riedx u qal li jdum gimgha ohra minhabba il-birthday jaghmlu Malta. Bis-sahha taghha kien fil-hin l-

airport ghax qalet lid-driver li ghandu jwasslu. Lil Neville Ayers iltaqghet mieghu tnax (12) il-gurnata qabel ma miet fuq is-seafront f'bar. Ghadda l-ahhar tmint (8) 'ijiem fl-appartament. Iltaqghet mieghu fl-ewwel (1) ta' Ottubru. u kellu jsiefer fl-erbgha (4) ta' Ottubru. Kien fit li jsiefer, kien gar il-baggalja tieghu. Mistoqsija kif kien dak in-nhar li miet qalet li '*He always was the same, he always was the same. He was always talking like he is drunk... like this he was talking, he always was like that. Till last moment he was smoking cigarettes. He was ok.*' Dwar li l-maangement ma rieduxhiex fil-hotel qalet li '*Speculaiton. This is lie.*' Qalet li '*I was with him in the hotel, nobody from the same hotel told me that I cannot stay with him. his is speculation. No. It is not true.*' Ma hijiex nurse. Ma tafx jekk kienux jiehdu l-pilloli. Qalet li taf li tal-blood pressure kellhom. Ikkonfermat li ma kinitx taf lil Dr Mario Scerri meta David Grant miet. Qaltlu il-medicina li kellu David Grant fuq il-komodina. Qatt ma kelmitu lil Dr Mario Scerri, haduha l-Qawra u qalulha li hi overstaying u ma kelmitu qatt it-tieni darba. Qalet li '*Dr Mario Scerri in the police station in Qawra told me "We will investigate very good" and I say "Of course doctor, you can investigate everything for him"*. Kelmitu fl-ghassa tal-pulizija biss. Kien qed jinteroga lil Bulgariz, kien qed ikelmu fl-Ghassa tal-Qawra.

Meta marret l-ispizetija il-Kalkara l-unika problema li kellu Neville Ayers kien fi kliem il-prosekuzzjoni '*could not do toilet*.' Gurnata ohra marret pharmacy fil-Hamrun ghax waqa fil-bus. Ghafset il-buttuna u waqfet fl-ewwel stage il-Hamrun ghax kellu d-demm hiereg minn idejh kellu idejh sensittitvi. F'tal-linja qalilha li kellu problema fl-istonku. Qalet li jista' jkun li Kappara mhux Kalkara. Neville kellu problema biex jipporga. Kellu anke problemi fl-Ingilterra ftit gimghat qabel ma gie Malta kif qalilha hu. Anke urina. Qalet '*Before he often he had in UK and he say to me "It is not alarm because this is happening to me before. It would be fine. I will be fine. Please do not ask me again I am fine. Champion. Do not ask me. Do not be a parrot.*" Tghid li ratu l-ahhar erbat' (4) ijiem. Qalet li '*I saw him the same. Just he poo poo, he make that, and he said that he make that often. That is nothing to worry about. I remember his words.*' It-tabib tal-Kalkara tah xi haga u wara ftit granet beda jigi. Qalet '*All the times he did not control. And they asking doctor from the chemist that he need the hospital and he says no he will be ok.*'

Mistoqsija mill-Qorti '*What made you not phone an ambulance? Because he told you "I am champion, there is no need"*. *Did you see him at any point weaker? A bit obviously if you have...*

*Let us be honest, if you have diarrhoea you start losing strenght. Did you see that in Ayers a bit maybe?*' wiegbet '*Your honour, diarrhoea he did not have have. He make it poo poo. And he said that when he drink a red wine he make usually poo poo before often happening to him in England.*' Cahdet li rat tibdil f'Ayers qalet li sal-ahhar mument kien qed ipejjep sigaretti. Ikkonfermat li waqa fil-kcina li '*He was walk on the door and one he lost his balance. And he fell down and when I saw that he fell and he hurting there his hands was very sensitive skin, on his both hands and when I saw there the blood and these I am calling that Bulgarian to come to help me to put him ont he bed.*' Nofs siegha wara li poggewh fis-sodda kienet qed tistenna l-ambulanza u miet. Ikkonfermat li cemplet l-ambulanza f'dik in-nofs siegha. Kien ghadu ma mietx meta cemplet l-ambulanza, tghid li anke t-tabib meta gie qal li miet ftit minuti qabel.

Cahdet li qatt sakret lil Neville Ayers fil-bathroom. Ikkonfermat li hemm bathroom wahda komuni. Hi tghid li kull kamra kellha shower ghaliha. Taghha biss le. Ir-ragel Bulgariz kellu shower ghalih u Fabrizio Faniello u l-mahbuba kellhom taghhom. Dwar it-tfajla ta' Fabrizio Faniello qalet li "*He does not want to come out from the bathroom.*" *Then she come. I calling her. And I say "It is enough time you stay in the shower". And she come and I calling her and the same moment he come out because he...*' Cahdet li beda jaqa' l-ahhar erbat' (4) ijiem qalet '*he was fell once in Birkirkara when he did not see the step on the street was because he put his leg like this. No! He did not was falling. No! this is not true.*' Qalet li ma gara xejn differenti fl-ahhar erbat' (4) ijiem. Tghid li everything normal anke lejliet li miet. Dak in-nhar li miet qam bhal kull gurnata ohra. Ikkonfermat li ghandha videos ta' Neville Ayers li '*When I try with laptop to... one did he make a poo poo. But I make it a lot of times because my laptop did not was working...*' Tablet ma jahdimx sew. Mistoqsija '*Were you helping him?*' '*Did he needed help?*' qalet '*Of course not. He did not ask for help. No.*' Li '*He did not need help.*' Qalet '*Because he was just wetting himself and he says that before in England his prostate like this and he could not keep the urine. But to not worry and he will be fine. He will sort it out when he go back to England.*' Ikkonfermat li marret tixtirlu pampers mill-Hamrun. Tghid li '*And this by chance we buy in Ħamrun because he was wet his pants.*' Mistoqsija dwar il-fatt li miet David u jekk ma kinitx koncernata li se jmut Neville ukoll, wiegbet '*No, of course not.*'

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti in breve kienu s-segwenti:

1. Illi David Grant kien jirrisjedi mal-appellanta ghal madwar tmien (8) xhur f'appartament u cioe' kamra f'dan l-appartament li kienet mikrija lill-appellanta;

2. Jirrizulta li David Grant kien jitlef il-bilanc u ghalhekk kien jaqa' ta' sikwiet skont dak dokumentat mill-appellanta stess permezz ta' filmati;

3. Illi David Grant miet fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn gie ccertifikat li miet mewta naturali u cioe' minhabba '*pulmonary thromboembolism*'[5];

4. Illi sussegwentement xhur wara, l-appellanta ghamlet erbat' ijiem fil-lukanda mat-tieni vittma Neville Ayers u wara li tawwal iz-zjara tieghu f'Malta huwa rrisjeda ghal tmint' ijiem fl-appartament fejn kamra kienet mikrija lill-appellanta;

5. Jirrizulta li Neville Grant kellu problema biex jipporga u susegwentement skont l-appellanta wara li nghata medicina mixtrija minghand l-ispizerija huwa beda jipporga minghajr kontroll;

6. Illi l-appellanta ddokumentat permezz ta' filmati u ritratti lil Neville Grant fil-banju minghajr ilma u bil-hmieg tieghu stess niezel mieghu. Hadet filmat iehor fejn Neville Grant jidher fis-sodda;

7. Neville Grant miet fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u cioe' jum wiehed qabel ma skont l-appellanta kellu jsiefer lura l-Ingilterra. Huwa gie ccertifikat li miet minhabba '*pneumonia*'[6].

8. Dr Mario Scerri kien appuntat bhala espert kemm fl-inkjesta dwar il-mewt ta' David Grant u anke fl-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Ayers. Ghalhekk meta huwa acceda fl-appartament ghat-tieni darba u cioe' wara l-mewt ta' Neville Ayers irrealiza li kien diga

[5] Skont ir-rapport a fol 28 et sequitur tal-process;
[6] Skont ir-rapport a fol 775 et sequitur.

acceda fl-istess appartament xi xhur qabel u fejn kien ukoll sab persuna Brittikanika mejta f'cirkostanzi simili;

9. Illi in segwitu tal-investigazzjoni, inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta. Jirrizulta li fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali, l-Avukat Generali ma indikax artikoli rigwardanti omicidju volontarju izda gie indikat l-artikolu rigwardanti omicidju involontarju u cioe' l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fost artikoli ohra inkluz l-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) Dr Peter Fenech ghall-appellanta irtira l-ewwel zewg aggravji. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-kumplament tal-aggravji mressqa mill-appellanta.

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju imressaq mill-appellanta jirrigwarda li l-Ewwel Qorti qatt ma kella tahtar bhala espert sabiex janalizza il-faxxikoli medici tal-allegat vittma fil-kumpilazzjoni, l-istess espert li kien inhatar fl-inkjesta peress li hu kien gja esprima ruhu fuq il-kaz, u kien hu li instiga l-proceduri odjerni.

L-appellanta tissottometti li l-Qorti insistiet li l-espert li kellu jinhatar sabiex waqt il-kumpilazzjoni, meta waslu l-files medici mill-Ingilterra, kien l-istess espert Mario Scerri li kien gia inhatar fl-inkjesta u li kien gja esprima ruhu dwar l-akkadut. L-iskop ta' dan l-analizi kien sabiex jigi konkluz l-istat li kienu fih il-vittmi qabel ma waslu Malta, minn xiex kienu qed ibatu u x'trattament mediku kellhom bzonn.

Tissottometti li d-difiza riedet espert kompletament indipendenti sabiex ikun liberu jikkontradixxi l-konkluzjonijiet tal-istess espert Mario Scerri izda li l-Qorti riedet terga tahtar lill-istess espert Dr Mario Scerri. Kienet id-difiza li oggezzjonat bil-qawwa kollha li Mario Scerri ma kienx espert indipendenti peress li kien hu li instiga dawn il-proceduri u kien hu li gja esprima l-fehma tieghu, kienet id-difiza li insistiet li jkun persuna totalment indipendenti, ghaliex smiegh xieraq hekk jirrikjedi, biss il-Qorti ma accettatx din it-talba. Baqghet targumenta mad-difiza sakemm fl-ahhar kkoncediet li

jkun hemm tlett (3) esperti nominati, biss wiehed minnhom kellu jkun l-espert Mario Scerri. Id-difiza rregistrat l-oggezzjoni taghha u dan minhabba li z-zewg esperti l-ohra ma kienux midhla tal-Qorti u Mario Scerri kien jaf il-kaz kollu, kien esprima ruhu u meqjus minn hafna bhala awtorita f'dawn ir-rapporti.

Tissottometti li d-difiza minkejja kollox, permezz mhux tar-rapport izda tal-kontro ezami li sar fuq ir-rapport, irnexxiela turi l-ingustizzja tal-akkuzi u twaqqghet dik tal-omicidju minnufih. Kellha tkun id-difiza li tigbed, ghal darba darbtejn l-attenzjoni tal-Qorti li dwar ir-rapport taghhom riedet tisma' l-esperti l-ohra u mhux lil Mario Scerri li kien gja esprima ruhu fuq dan il-kaz u kien ovvja li ma kienx ser jigi l-quddiem u jbiddel fehmtu.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie ivverbalizzat is-segwenti:

*'Il-prosekuzzjoni titlob sabiex il-Qorti testendi l-inkarigu ta' Dr Mario Scerri sabiex jirtira l-medical records esebiti kif ukoll is-CDs ga prezentati mill-Ispettur Fabian Fleri estratti mill-computers tal-imputata u jaghmel analizi ta' dak li jirrizulta kemm fis-CDs kif ukoll fil-medical records. Dan bil-ghan li wara li jigu analizzati filmati tal-allegat vittmi, jigu analizzati l-medical records mibghuta u jigi kkonstatat jekk id-dehra fizika taghhom hix riflessa fi stat ta' sahha li kienu fiha kif indikat fil-medical files. In oltre irid jigi determinat jekk minn dawn ir-records il-mejta kienux isofru minn xi kundizzjoni li minhabba fiha jidhru kif jidhru f'dawn il-filmati.*

*Dr Peter Fenech joggezzjona ghan-nomina proposta ta' Dr Mario Scerri izda ghandu jinhatar persuna li ma espremiex l-opinjoni professjonali tieghu f'dan il-kaz.*

*Il-Qorti tirribadixxi li ghandna pjena fiducja fil-kapacita' ta' Dr Mario Scerri bhala espert indipendenti u mhux suggett ghal bias ta' xi naha jew ohra. Madankollu tifhem li jkun l-istess Dr Mario Scerri la darba gie relevat dan il-punt li jitlob li mieghu jinhatar espert mediku iehor.*

*F'kwalunkwe kaz il-Qorti tara li jekk ghandu jkun sabiex jigi evitat kwalunkwe dewmien ulterjuri fi stadju iehor. Il-Qorti tinnomina lill-Profs Manuel Farrugia u Dr Peter Ferry.*'

Fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie vverbalizzat ukoll:

'*Il-prosekuzzjoni titlob sabiex b'zieda mat-talba taghha tal-5 ta' April 2018 li l-esperti nominati flimkien ma' Dr Mario Scerri jespletaw l-inkarigu lilhom moghti wara li jiehdu konjizzjoni ukoll tar-rapport prezentat minn Godwin Sammut dwar il-medicini mghoddija lilu fl-inkjesta magisterjali kif ukoll wara li jiehdu konjizzjoni tax-xhieda u r-rizultanzi tal-espert Mr Michael Scotthom moghtija llum quddiem din il-Qorti u jirrelataw kif ga mitlub.*'

Gie vverbalizzat ukoll li '*Dr Peter Fenech b'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni tal-lum stess ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal din iz-zieda.*' Il-Qorti laqghet t-talba u estendiet in-nomina tat-tlett tobba inkarigati sabiex jaghmlu dak rikjest mill-prosekuzzjoni.

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdu Dr Mario Scerri, il-Profs Emanuel Farrugia u Dr Peter Ferry u esebew Dok SFF. Dr Mario Scerri kien xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) precedentement fejn kien xehed li '*l-ewwel wiehed kien tal-Magistrat Monika Vella, inkjesta fejn instab mejjet David Grant, f'residenza f'San Pawl il-Bahar, nhar is-6 ta' Frar 2016, ezaminajtu, hattlu xi ritratti, kont prezenti ghall awtopsja...*' Xehed ukoll li '*Sussegwentement, nhar it-12 t'Ottubru 2016, mill-Magistrat Aaron Bugeja, gejt inkarigat biex nezamaina katavru ta' Neville Ayers u meta dhalt f'dir-residenza ftakart illi ftit xhur qabel kont dhalt u ftakart illi sibt ukoll anzjan, bhall ma sibt lill dan, Neville Ayers li kien mejjet u kellu xi lezjonijiet fuq gismu. Filfatt ezaminajt il-Neville Ayers dik il-gurnata, kont prezenti ghall-awtopsja, kellu ukoll xi lezjonijiet, hadt ix-xhieda ta Dragana Mijalkovic illi kienet qed tghix mieghu jew hu kien qed jghix maghha, u li kienet tghid illi tiehu hsiebu, bhall ma kienet qalet dak iz-zmien li kienet tiehu hsieb il-iehor...*'

Kien xehed ukoll li '*Grant ma nafx jekk morniex ghat-toxicology, ghax kif ghidtlek, dak kien l-ewwel wiehed, is-suspett qam il-ghaliex fi ftit xhur mort fl-istess residenza u kien hemm l-istess qishom cirkostanzi, zewg anzjani kollha kellhom lezjonijiet fuqhom, qishom certu element ta neglect u dejjjem kien hemm din l-istess common factor, dil-mara, din Dragana u t-tieni wiehed*

*ghallura qajjem is-suspetti. L-ewwel wiehed ghadda as a natural case.*' Mistoqsi jekk jiftakarx meta mar fuq il-post kif laqghatu l-imputata wiegeb '*Heq, Dr Mario, Dr Mario. Din darba iltqajt maghha. Igifieri kienet taf min jien ecetera u bdiet tispjegali x'gara u ma garax, igifieri kienet on the, on the, mhux defensive, qisha trid tghid ahfna affarijiet biex tiskolpa ruhha minn xi haga, qisha.*' Ikkonferma li din assunzjoni.

Ghalhekk jirrizulta li Dr Mario Scerri kien mahtur bhala espert forensiku fl-inkjesta dwar il-mewt ta' David Grant u kien sussegwentement rega mahtur fl-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Ayers. Jirrizulta li fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' David Grant kienet gietipprezentata relazzjoni tat-tabib Dr Mario Scerri. Dan jinsab a fol 32 et sequitur tal-atti. Jirrizulta li l-istess espert Dr Mario Scerri kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu ukoll fl-inkjesta dwar lil-mewt ta' Neville Ayers. Din ir-relazzjoni tinsab a fol 204.

Kien meta mar fuq il-post wara l-mewt ta' Neville Ayers li rrealizza li kien diga dahal fl-istess residenza xhur qabel fejn kien miet anzjan iehor u cioe' David Grant. Kif xehed l-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) '*Eventwalment is-suspetti gew Sur Magistrat, ghaliex Dr Mario Scerri kien mar fuq il-post u rrizulta illi fl-istess apartament fis-sitta ta' Frar tal-elfejn sittax (2016), jigu jigifieri disa' (9) xhur qabel, kien miet persuna ohra, certa David Grant ta' sebgha u sittin (67) sena, wkoll ta' nazzjonalita' Ingliza, detentur tal-passaport 514010219, imwieled Middlesborough l-Ingilterra, fit-tlieta u ghoxrin ta' Frar, nineteen forty eight (23/02/1948)....*'

Meta Dr Mario Scerri rega xehed flimkien maz-zewg esperti l-ohra Dr Peter Ferry u Profs Emanuel Farrugia fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fost affarijiet ohra intqal:

'*Dr: Mario Scerri: Niftakru illi Grant kien l-ewwel katavru, jien mort fuq Grant, u jien mort fuq il-katavru, kien Ottubru dak iz-zmien, kien il-bard, kien mal-art*
*Dr. Peter Fenech: Dan huwa rapport kongunt, jigifieri jien irrid nisma, ghalhekk tlajt ma nies indipendenti, Dr. Scerri bir-rispett kollu lejh diga qalhomna dawn l-affarijiet*
*Dr Mario Scerri: Iva diga ghidtu*

*Dr. Peter Fenech: Ma jistax jinfluwenza lill-ohrajn li from their own initiatives jghidu l-affarijiet taghhom. Jien il-Qorti diga taf x'pozizzjoni hadt fir-rigward fuq din is-sitwazzjoni u nerga nirrepetiha*
*Qorti: Iva imma xorta jibqa' espert u parti minn dawn it-tlieta*
*Dr. Peter Fenech: Mhux dak il-punt Sinjura Magistrat, il-punt huwa, rrid x'qed jghidu l-ohrajn u ma hemmx ghalfejn li jigi rippetut dak li diga qal Dr. Scerri'*

Wara li Dr Mario Scerri xehed dwar il-filmat, komplew jixhdu z-zewg esperti l-ohra u cioe' Dr Peter Ferry u Profs Emanuel Farrugia. Dr Mario Scerri ma kien mahtur mill-ebda mill-partijiet izda kien mahtur mill-Qorti l-ewwel fl-istadju taz-zewg inkjesti magisterjali cioe' dwar il-mewt ta' David Grant u l-mewt ta' Neville Ayers u sussegwentmenet mill-Ewwel Qorti matul il-kumpilazzjoni. Ma hemm l-ebda raguni ghala Dr Mario Scerri ma kellux ikun lejali ghar-rizultanzi u dan nonostante l-fatt li setgha kien gia ifforma opinjoni dwar l-istess appellanta. Id-dritt ghal smiegh xieraq gie accertat ukoll bil-fatt li l-Qorti wara li rat l-oppozizzjoni da parti tad-difiza ghan-nomina ta' Dr Mario Scerri, il-Qorti hatret lil zewg esperti ohra flimkien ma' Dr Mario Scerri u ghalhekk gie redatt rapport kongunt. Apparti l-fatti li dawn it-tlett esperti prezentaw rapport kongunt, huma anke xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk kienu fil-liberta' li jixhdu dwar dak li kkonstataw huma.

Dan it-tielet aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' aggravju jirrigwarda l-apprezzament zbaljata ta' liema stqarrijiet kienu legalment validi. L-appellanta issostni li l-ewwel zewg stqarrijiet kienu inammisssibli u l-osservazzjonijiet huma dwar it-tielet u r-raba' stqarrija.

Tissottometti li dwar it-tielet stqarrija u cioe' dik tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) filwaqt li l-imputata inghatat id-dritt li tikkonsulta Avukat, hi ma gietx infurmata li kellha dritt tkun assistita minn Avukat waqt l-interrogatorju kif sancit mill-Qorti tal-Appell. Skont l-appellanta, l-importanza ta' dan jikber meta wiehed jara l-mistoqsijiet li saru u kif saru lill-imputata waqt l-istess.

Skont l-appellanta, il-gravita hija riaffermata mill-fatt li l-pulizija, fl-interogazzjoni riferita uzaw l-informazzjoni li huma gabu mill-ewwel stqarrijiet, jew diskussjonijiet ohra li huma kellhom mal-imputata, stqarrijiet li kienu ddikjarati migbura kontra d-dettami ta' smiegh xieraq u uzawhom bhala bazi u aktar ghal dak mistoqsi f'din it-tielet stqarrija. Tissottometti li mill-fuq citat siltiet tal-istqarrija ma jistax ikun hemm dubju li ma sarx hekk. Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellanta qieghda tirreferi ghal siltiet mill-istqarrija li l-appellanta taghmel referenza ghalihom fil-parti tal-appell taht l-intestatura '*Il-provi*'. Skont l-appellanta, la darba dik l-informazzjoni ma setghetx tintuza, wiehed ma jistax jibni fuqha ghal stqarrija futura mehuda mill-istess investigaturi.

Dwar ir-raba' (4) stqarrija, dik mehuda fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-appellanta tissottometti li ma nghatatx id-drittijiet kollha skond il-ligi li tikkonsulta u li tkun assistita minn Avukat tal-fiducja taghha waqt l-interogazzjoni u waqt it-tehid tal-istqarrija.

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti qieset l-ewwel zewg stqarrijiet rilaxxati fit-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) bhala li ma ghandhomx aktar valur probatorju filwaqt li qieset dawk datati l-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) bhala ammissibli. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li sejra in linea ma dak deciz mill-Ewwel Qorti tqis l-istqarrijiet rilaxxati fit-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) bhala inammissibli, sejra tikkunsidra jekk l-ahhar zewg stqarrijiet u cioe' dawk tal-hdax (11) u tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) humiex ammissibli.

Fid-dikjarazzjoni a fol 14 u mmarkata bhala Dok FF2 datata il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) hemm imnizzel li '*After I Dragana Mijalkovic holder of Serbian Passport number 008678559 was informed that I was going to be interrogated in connection with the death of British national Neville Ayers on the 12th October 2016 and David Grant on the 6th February 2016 and was informed by Inspector Fabian Fleri that I have the right if I want*

*that before I am interrogated I speak to a lawyer in private either by telephone or personally for not more than one hour and <u>also have the right for a lawyer of my choice to be present during my interrogation</u> and any other procedure during my arrest, I declare that I am refusing to exercise this right*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti). Din id-dikjarazzjoni hija ffirmata mill-Ispettur Fabian Fleri, mill-appellanta, WPC 9 Abigail Fenech Pomroy u mill-interpretu Svetlana Kabanec.

B'zieda ma dan, jirrizulta li fit-tielet stqarrija u cioe' dik tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) senjatament a fol 666 hemm imnizzel:

'***Inspector Fabian Fleri****: Does she confirm that em when she came we you translated all her rights from the English language to the Serbian language and we gave her a written copy of the rights?*
***Ms Svetlana Kabanec and Dragana Mijalkovic****: Speaking in the Serbian language*
***Ms Svetlana Kabanec****: Yes she is confirming that*
***Inspector Fabian Fleri****: Does she confirm that she said that she does not eee want to seek advice from a lawyer and she signed this papers and she was also given a copy of this?*
***Ms Svetlana Kabanec and Dragana Mijalkovic****: Speaking in the Serbian language*
***Ms Svetlana Kabenec****: Yes she is confirming that*
***Inspector Fabian Fleri****: And can she confirm that she was informed about what we are going to interrogate her about, about the suspicious death of Mr Neville Ayers and Mr David Grant*
***Dragana Mijalkovic****: Yes*
***Inspector Fabian Fleri****: Does she confirm that?*
***Ms Svetlana Kabanec and Dragana Mijalkovic****: Speaking in the Serbian language*
***Ms Svetlana Kabanec****: Yes she is confirming that*
***Inspector Fabian Fleri****: So now we can start I will ask you the question. If there are any questions which you don't want, that she does not want to answer she just tells us that she does not want to answer*
***Ms Svetlana Kabanec and Dragana Mijalkovic****: Speaking in the Serbian language*
***Ms Svetlana Kabanec****: Ok ok ee she want to answer any question which you ask and she's open to that*'.

Fl-istess stqarrija u cioe' t-tielet wahda, senjatament a fol 724 hemm imnizzel ukoll:

'***Dragana Mijalkovic****: Inspector for me is more nice to open my heart and say everything*
***Inspector Fabian Fleri****: Yes but*
***Dragana Mijalkovic****: That's why I don't want lawyers*
***Inspector Fabian Fleri****: Dragana Dragana Dragana calm down tomorrow you will continue to open your heart, its no problem but for now we stop'*.

Meta xehdet Svetlana Kabanic fis-seduta tal-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ikkonfermat li kienet prezenti ghal interogazzjoni fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) li kienet qieghda taghmel traduzzjoni mill-Ingliz ghas-Serb. Ikkonfermat Dok FF2 a fol 14 u meta mistoqsija '*Can you confirm that she did not request legal assistance prior or during the interrogation?*' wiegbet '*Yes, she didn't request anyone who is a lawyer or anyone who will be present during the interrogation.*' WPS 9 Abigail Fenech Pomroy li xehdet fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet b'referenza ghal fol 14 li '*I recognize the refusal of legal assistance, which was signed by Inspector Fleri, myself, the accused and the interpreto*r.'

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellanta inghatat id-dritt li jkollha Avukat tal-fiducja taghha prezenti waqt l-interrogatorju tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) izda li l-appellanta rrifjutat dan id-dritt. Din l-istqarrija hija ghalhekk ammissibli kif korrettament iddeciediet l-Ewwel Qorti. Jirrizulta li fit-tielet stqarrija l-Ispettur Fabian Fleri qal li '*We spoke we spoke two time times*' u li '*And you told us exactly what happened, the whole story from when you met Neville Ayers and aalso David Grant*' u li '*Now, I have some particular questions*'. Il-fatt li l-investigaturi jibnu fuq dak li kien gia gie mistqarr mill-appellanta ma jfissirx li t-twegibiet tal-appellanta fl-istqarrija tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) huma inammissibli. Din il-Qorti tispjega li fejn l-Prosekuturi Investigattivi ghamlu referenza ghal dak li l-appellanta kienet precedentement stqarret fl-istqarrijiet precedenti li kienu gew dikjarati bhala inammissibli fejn fosthom per ezempju fejn l-Ispettur Fabian Fleri qal '*Ok now, when we spoke in October*' u kompla '*She said that she recorded Neville with the tablet*' u li '*When Neville was telling her that she does not want that he does not want to go to hospital*' u referenzi ohra ghal dak li qalet f'stqarrijiet precedenti mhumiex sejrin jigu kkunsidrati minn din il-Qorti u ghalhekk huma inammissibli , izda minn naha l-ohra ma jfissirx li l-

istqarrija tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija inammissibli fl-intier taghha. Ghalhekk dak li stqarret l-appellanta fl-istqarrija tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa ammissibli pero' din il-Qorti mhijiex sejra tqis partijiet li jaghmlu referenza ghal dak li l-appellanta kienet stqarret fl-istqarrijiet precedenti u cioe' fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) li gew iddikjarati bhala inammissibli.

Rigward ir-raba' stqarrija u cioe' dik tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), ma jirrizultax jekk inghatatx id-dritt li tkun assistita b'Avukat matul it-tehid tal-istqarrija. Skont ma jirrizulta senjatament minn fol 727 meta l-Ispettur Fabian Fleri qal '*I'm going to ask you some questions if you think that you don't have to answer any of these questions just tell me I don't want to answer*' u wiegbet '*No I'm going to answer every thing*' u li '*I don't want to hide*' izda ma jirrizultax li l-appellanta regghet iffirmat dikjarazzjoni li tikkonferma li kienet qieghda tirrifjuta d-dritt li tkun assistita b'Avukat matul l-ahhar interogazzjoni. Ghalhekk anke jekk id-dikjarazzjoni li tinsab a fol 14 u mmarkata bhala FF2 tipprovdi li '*also have the right for a lawyer of my choice to be present during my interrogation and <u>any other procedure</u> during my arrest, I declare that I am refusing to exercise this right*' (sottolinear mizjud minn din il-Qorti), din il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma ttiehdet l-ahhar stqarrija tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-appellanta kellha terga tigi infurmata dwar id-dritt taghha sabiex tkun asisstia minn Avukat tal-fiducja taghha u f'kaz li kienet qieghda terga tirrinunzja ghal dan id-dritt, kellha tiffirma dikjarazzjoni ta' rifjut ohra. Minghajr din id-dikjarazzjoni, din il-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh li l-appellanta regghet inghatat dan id-dritt anke jekk dan kien arrest wiehed u li l-interogazzjoni kompliet l-ghada.

Filfatt l-artikolu 355AUA(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum jaqra:

'*Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja* ***<u>għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih</u>****. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-*

*fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest.*' (Sottolinear u emfazi mizjuda minn din il-Qorti)

Ghalhekk gialadarba ma jirrizultax li l-appellanta regghet iffirmat dikjarazzjoni fejn kienet qieghda terga tirrifjuta l-assistenza legali matul l-ahhar interogazzjoni u cioe' dik tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), din l-istqarrija hija inammissibli u kwalunke referenza li setghet saret ghal kontenut ta' din l-ahhar stqarrija mix-xhieda hija wkoll inammissibli.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) aggravju jirrigwarda li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi, senjatament l-artikolu 257A meta kkonkludiet li l-appellanta kienet persuna li kellha l-kura u l-kustodja tal-vittmi. Tissottometti li dwar l-artikolu 257A li taghha instabet hatja l-appellanta jinghad li l-elementi necessarji huma li persuna xjentement iggieghel jew tippermetti persuna adulta issofri ugiegh fiziku u jew mentali jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna adulta tippermetti li l-persuna jew is-sahha taghhom ssirilhom il-hsara tkun fil-perikolu. Dwar l-ewwel parti tal-artikolu, skont l-appellanta l-elementi rikjesti huma li taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iggieghel jew tippermetti persuna adulta issofri ugiegh fiziku u jew mentali jew iggib fuq dawk il-persuni ugiegh fiziku jew tbaghtija mentali mhux gustifikabbli. Skont l-appellanta l-ewwel element jehtieg cirkostanzi li jwasslu ghall-offiza gravi fuq il-persuna jew mewt. Id-difiza tissottometti li l-imputata ma kkontribwiet ghall-ebda cirkostanzi li wasslu ghal xi offiza gravi jew il-mewt, ic-cirkostanzi li zviluppew, zviluppew b'mod naturali minhabba numru ta' cirkostanzi uhud minnhom lanqas identifikabbli b'certezza mill-konsulenti medici stess. Li t-tieni element jirrikjedi l-element tal-intenzjoni, il-ligi tuza l-kelma 'xjentement' fatt li ma giex ippruvat ghaliex kien nieqes. Tghid li kull meta kellu xi haga, l-imputata haditu spizerija, xtraw dak li kellu bzonn. Li ma ngabet ebda prova kuntrarja li l-imputata kkawzat hsara fizika jew morali lil vittmi. Dak li l-Qorti kellha tara kien biss jekk l-appellanta xjentement ippermettietx lil dawn isofru. Tissottometti li minkejja li huwa sottomess li ma kelliex obbligi ghajr li kienu fil-kumpanija taghha bil-limitazzjoni ta' azzjoni li dan legalment jgib mieghu, hi ghamlitilhom kull ma kellhom bzonn, wiehed

ma jistax jikkonkludi, sempliciment ghaliex *dato ma non concesso*, sejhet ghall-ambulanza tardivament, li hi ippermettiet li jsoffru ugiegh fiziku u dan ghax ma kienx hemm aktar x'taghmel in kwantu ghal Ayers ghajr tmur kontra d-decizjoni u x-xewqa tal-istess Ayers, haga li ghamlet hekk kif irrealizzat li hu ma kienx aktar f'pozizzjoni li jiehu din id-decizjoni.

Dwar it-tielet element li jirrikjedi l-intervent tal-appellanta sabiex tikkawzalhom ugiegh fiziku jew mentali, dan skont l-appellanta ma giex ippruvat mill-provi prodotti. Dwar it-tieni parti tal-artikolu, tissottometti li ma kelliex il-kura u l-kustodja tal-vittma. Li l-legislatur ried li sabiex persuna tinstab hatja ta' offiza simili taht dan l-artikolu, l-imputata jrid jkollha l-kura u l-kustodja. L-imputata tissottometti li ma kelliex il-kustodja tal-vittmi, ma setghet qatt tiffirma ghalihom jekk jidhlu l-isptar u jkun hemm bzonn ta' firem ghal xi intervent, ma hijiex in-*next of kin*, ma kellha l-ebda awtorita tiffirma ghalihom jew ghan-nom tahghhom, li kienet biss *room mate* ta' Neville Ayers ghal ftit jiem, qed tqatta hin ma Neville Ayers, legalment qatt ma seta' gab xi forma ta' kustodja fuqha. Tissottometti li lanqas fuq David Ayers ma kellha xi forma ta' kustodja. Ghalhekk skont l-appellanta it-tieni parti tal-artikolu 257A ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'(1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li persuna tkun persuna anzjana jew adult dipendenti jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik il-persuna hi persuna anzjana jew adult dipendenti.*

*(3) Meta bħala riżultat tal-imġiba mfissra fis-subartikolu (1), il-vittma ssofri offiża gravi fuq il-persuna, il-piena prevista fis-subartikolu (1) għandha tiżdied kif ġej:*

*(a) meta l-vittma tkun taħt l-età ta' sebgħin sena, bi grad jew żewġ gradi;*

*(b) meta l-vittma tkun ta' età 'l fuq minn sebgħin sena, b'żewġ jew bi tliet gradi.'*

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis it-tghallim gurisprudenzjali dwar dan l-artikolu kemmxejn gdid fil-ligi ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Johann J Fenech) vs Omissis**'[7] gie kkunsidrat li:

***'L-Artikoli 257A u 257C tal-Kap. 9***

*Dawn l-artikoli gew introdotti bl-Att XXXI tal-2014. Dan l-Att kien imfassal fuq il-kapitolu li jittratta Elder or Dependent Adult Abuse fil- Californian Penal Code. Dan l-istitut kien gie introdott specifikatament biex jipprotegi persuni anzjani u adulti dipendenti.*'[8]

Gie kkunsidrat ukoll li:

*'Ir-reat kontemplat taht dawn iz-zewg artikoli jintrabat ma'* ***persuna li hija anzjana jew adult dipendenti****. Mix-xhieda moghtija minn Dr Jean Pierre Giorgio hareg car li Omissis hija adult dipendenti. Infatti Dr Giorgio spjega li: "Din il-persuna [b'riferenza ghal Omissis] hija persuna b'disabilita intelletwali severa,* ***hija dipendenti hafna fuq carers taghha ghal bzonnijiet ta' kuljum****, verbalment tista' forsi tghid xi kelma 'l hemm u 'l hawn pero difficli tikkomunika maghha u minhabba dawn l-affarijiet hija assocjata ma mumenti ta' challenging behaviour minhabba frustrazzoni u dwejjaq."*[9]

*Iz-zewg artikoli fl-ahhar forma taghhom jaghmlu riferenza ghall- kuncett ta' kura li wiehed jista'*

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Lulju 2019 (Kumpilazzjoni numru: 500/2017)

[8] Ara sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dragana Mijalkovic, deciza fit-tnejn (2) ta' April 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata)

[9] Fol. 57 tax-xheida. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

*jkollu ta' persuna anzjana jew adult dipendenti: "Persuna ........waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara". Pero' filwaqt li l-artikolu 257A jitkellem fuq cirkostanzi jew kundizzjonijiet li minnhom infushom jistghu x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt, l-artikolu 257C jitkellem fuq cirkostanzi u kundizzjonijiet li x'aktarx ma jikkawzawx offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt. Infatti dawn huwa wkoll rifless fil-piena li hija stabbilita ghal dawn ir-reati. L-artikolu 257A jattira piena aktar severa mill-artikolu 257C.*

*Rigward l-artikolu 257A, il-Qorti tqis li l-azzjonijiet ta' sofferenza fizika u mentali li hargu mill-atti u n-nuqqas ta' kura adegwata – ghalkemm assolutament deplerevoli – ma kinux tali li setghu b'xi mod ikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew il-mewt taghha. Ghalkemm saret referenza li f'incident minnhom Omissis kellha bzonn xi punti wara li qasmet rasha in segwitu ghall- imbuttatura da parti tal-imputat, ma ttellghet l-ebda prova li tindika x'tip ta' griehi kienet soffriet Omissis f'dik l-okkazzjoni. Il-Qorti ghalhekk temmen li fic-cirkostanzi ma tistax issib htija taht l-artikolu 257A.*

*Mhux l-istess pero' jinghad ghall-artikolu 257C tal-Kap. 9. Kif gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti m'ghandix dubju li l-incidenti li ghalihom ghamlu riferenza x-xhieda Omissisu Omissisverament sehhew u twettqu mill-imputat. Tali azzjonijiet kienu intizi sabiex Omissis issofri kemm fizikament u anke mentalment u dawn l-azzjonijiet assolutament ma kinux gustifikabbli.*

*L-imputat fil-kaz odjern kien marbut bid-duty of care li jaghmel riferenza ghalih dan l-artikolu; dan id-duty of care kien intimament marbut mal-fatt li huwa kien gie impjegat bhala support worker ma' dawn in-nies vulnerabbli u mhux ghax assumieh hu volontarjament ghax spicca f'xi cirkostanza partkolari. Ir-rwol tieghu fic-Centru ta' Hal Far kien necessarjament jimplika li huwa jezercita dan id-duty of care fil-konfront tal-persuni li jigu assenjati lilu. Kif hareg mill-atti u gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, huwa car li dan id-duty of care l-imputat ma onorahx u l-atteggjament tieghu kien fl-ahhar mill-ahhar intiz biex jarreka hsara lil Omissis. Omissis fl-ahhar mill- ahhar kienet dipendenti fuq l-imputat bhala wiehed mill-carers taghha. L-imputat mhux talli ma onorax dan l-obbligu tieghu izda talli bl-azzjonijiet u l-atteggjament tieghu gieghel lil Omissis tbati bla bzonn. Dan l-atteggjament – ghalkemm serju u kundanabbli – ma kienx tali li seta' ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew inkella ikkaguna l-mewt taghha. Ghalhekk din il-Qorti sejra issib htija fl-artikolu 257C u mhux taht l-artikolu*

*257A.'*

L-artikolu 257F(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi ukoll is-segwenti tifsiriet li japplikaw ghall-artikolu 257A, u cioe':

*"persuna anzjana" tfisser persuna li għalqet l-età ta' sittin sena;*
*"adult dipendenti" tfisser persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi umentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età u tinkludi kullpersuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika'.*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal minuti tal-laqgha numru 34 tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) tal-Kamra tad-Deputati, Kumitati Permanenti ghall-kunsiderazjoni ta' abbozz ta' ligi inkluz dwar l-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta inghad ukoll:

**'ONOR. JUSTYNE CARUANA:** *Fi klawsola 3 qed indaħħlu Sub-titolu ġdid li jittratta dwar l-abbuż fuq persuni anzjani jew persuni dipendenti. Se nispjega l-artikoli ġodda, minn 257A sa 257F, li qed jiġu introdotti b'dan is-Sub-titolu.*

*F'subartikolu 257A(1) qed nipprovaw inwessgħu l-mod ta' kif nistgħu nipproteġu persuna anzjana jew inkella adult indipendenti minn kull abbuż li jista' jsofri. Hawnhekk il-konċett huwa li kemm jista' jkun inkopru diversi ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu fil-kura tal-anzjani u tal-persuni dipendenti u qed nitfgħu ċertu piż ukoll fuq min għandu l-kura tal-anzjani. Kif wieħed jista' jara hawnhekk il-pieni huma pjuttost sostanzjali u l-iskop ewlieni ta' dan l-Abbozz huwa li nżidu l-pieni tal-abbuż li jseħħ fuq il-persuna anzjana.*

*F'subartikolu 257A(2) imbagħad qed indaħħlu konċett pjuttost differenti fejn qed ngħidu li għall-fini ta' dan l-artikolu persuna li qed twettaq l-abbuż imissha tkun taf li dik il-persuna hija anzjana jew hija adult dipendenti u allura qed inpoġġu piż fuq dik il-persuna li tkun hi li tipprova li kienet diliġenti biżżejjed fl-eżerċizzju tagħha.'*

Illi ghalhekk l-elementi kostituttivi tar-reat kif kontemplat bl-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma li:

1. Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti;

2. taht cirkostanzi jew kondizzjoniet li x'aktarx jikkawzaw offizi gravi fuq il-persuna jew mewt;

3. xjentement iggieghel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru jew iggib fuq dawk il-persuni ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli.

Il-ligi fl-istess artikolu tipprospetta ukoll is-segwenti cirkostanzi:

4. jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti,

5. xjentement iggieghel jew tippermetti li l-persuna jew is-sahha tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirlhom hsara;

6. jew xjentement iggieghel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqieghdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghhom tkun fil-periklu.

Mill-provi jirrizulta li r-reati *non si tratta* ta' att ta' kommissjoni fejn per ezempju persuna issawwat anzjan, izda att ta' ommissjoni li huwa xorta wahda reat, bhal per ezempju meta persuna ma ssejjahx ghal kura medika meta jkun evidenti li hija mehtiega jew meta persuna iccahhad persuna anzjana jew dipendenti minn affarijiet bazici bhal ikel u xorb. L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li '*mhemmx dubbju li Dragana kien taf sew l-eta' ta' David u Neville. Lanqas hemm xi farka dubbju li l-imputata kienet konxxja li kienu mhux biss anzjani izda anke adulti dipendenti meta tistaqsi lil Grant jekk kienitx qed tiehu hsiebu sew u kienet qed taghmel minn kollox mieghu, waqt li lil Ayers turieh li ma kienx kapaci jnehhi l-hmieg tieghu stess. Hi stess taghti l-eta' taghhom fix-xhieda taghha meta ssemmi li meta ltaqghet ma Grant 4 snin qabel kellu "Sixty-three (63)."*[10] filwaqt li Ayers "*He told me seventy-eight (78), he will be seventy-nine (79).*"[11]

[10] Fol. 1530 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata bhala mitejn u wiehed u hamsin (251) fis-sentenza appellata)
[11] Fol. 1541(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata bhala mitejn u tnejn u hamsin (252) fis-sentenza appellata)

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta kellha l-kura u l-kustodja ta' dawn l-anzjani. Jirrizulta li l-appellanta kienet ila taf lil David Grant ghal snin u fejn dan kien gej u sejjer Malta, jirrizulta ukoll li kien ilu jghix fl-appartament taghha ghal tmien (8) xhur, fi kliemha '*After I met him, two years, then we went in the flat and we stayed eight (8) months in the flat.*' Fix-xhieda taghha moghtija lil Dr Mario Scerri in segwitu tal-mewt ta' David Grant hija xehdet li '*I am David Grant's partner.*' Filwaqt li dwar Neville Ayers xehdet quddiem il-Qorti li kienet ila mieghu ghal '*Twelve (12) days, four (4) days in his hotel and eight (8) days in my apartment.*' Fl-istess xhieda giet mistoqsija:

*'The Court: Ok. And the relationship, I want to understand about these relationships. With David Grant you were planning to marry him.... Or he wanted you to marry him....*

*The witness: We was very close friends, very good friends. And he said to me he found a soul mate and he wanted to marry me.*

*The Court: So you were than friends, am I correct?*

*The witnesss: Yes, he wanted me to be husband and wife. Yes.*

*The Court: So you and David were lovers.*

*The witness: Yes, very close friends we was, yes.*

*The Court: You were. And with Ayers, was it the same as with David?*

*The witness: No! With Mr Ayers he was just a friend. When he saw me in the karaoke... when he saw me in the seafront in the pub he is just asking me "can I make him a company to go Valletta to see that he like my company when we went to the karaoke evening...*

*The Court: Did you like him also?*

*The witness: Sorry?*

*The Court: Did you like him?*

*The witness: Did I like him.... I respected him like all the men. No... I mean.... No I am sorry...*

*The Court: No, because in order to.... A person you have just met...*

*The witness: Yes.*

*The Court: You go and stay with him in the hotel. Then you bring him home. All right he was seventy eight (78)... and you were forty..... how much?*

*The witness: Forty-two (42).*'

Tghid ukoll '*He never touch me...*' u li '*I never had naughty things I did with him. He never asked me.*' Ghalhekk fix-xhieda taghha taghti x'tifhem li r-relazzjoni taghha ma' Neville Ayers kienet ta' hbieb. Nonostante dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta kienet assumiet ir-responsabbilta' kemm ta' David Grant u sussegwentement ta' Neville Ayers u li ghalhekk kellha *l-'kura u kustodja'* kif imsemmija fl-artikolu 275A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirrikjedix persuna tkun iben jew bint l-anzjan jew id-dipendent, lanqas ma hemm il-htiega li persuna tkun il-mahbub jew mahbuba jew li tkun *next of kin* jew li jkollha xi setgha tiffirma ghal interventi medici jekk ikun hemm il-bzonn. Izda l-fatt li persuna tkun accettat persuna ohra fir-residenza li f'dan il-kaz kienet qieghda tikri u kienu qeghdin jghixu taht l-istess saqaf huwa konferma li kienet accettat ir-responsabbilta' ta' dawn iz-zewg anzjani u li ghalhekk kellha l-kura u l-kustodja taghhom. Il-kura ghax kellha tiehu hsieb dak li kellhom bzonn u l-kustodja ghax kienu qeghdin jghixu fl-istess kamra taht l-istess saqaf. Ghalkemm jirrizulta li fl-istess appartament kienu qeghdin jghixu persuni ohra f'kmamar ohra, jirrizulta li kienet l-appellanta li hadet ir-responsabbilta' ta' dawn iz-zewg anzjani u hadd aktar.

Interessanti hija x-xhieda ta' Haralan Matev moghtija fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) permezz ta' interpretu quddiem il-Qorti fejn xehed li '*He confirms that visibly this man needed help. Yes, he needed help. However he did not offer any help, in fact he refused to help Dragana because he had known her for over 2 years and from the knowledge, from the experience that he had with her, there was a period in time that he was not talking to her and he was sharing the apartment simply because he had no other place to go. But he was not willing to get involved. Besides she had made it clear to him that she is taking care of this person and she doesn't want anyone to get involved.*'

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellanta kellha l-kura u l-kustodja kemm ta' David Grant u sussegwentement ta' Neville Ayers *ai fini* tal-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tikkunsidra l-kuncett ta' kura u kustodja kif jissemma f'dan l-artikolu bhala simili tal-kuncett ta' *duty of care*. F'dan ir-rigward, din il-Qorti

bhall-Ewwel Qorti terga taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. ...omissis... Concetta Decelis Jason Louis Paul Decelis</u>**[12]' fejn inghad:

*'"Jien ma hassejtnix li hemm in-need li ncempel gustizzji u ambulanzi u hekk ghax jiena fit-tifel li huwa ibni u demmi qatt ma cempilt la ambulanzi u lanqas pulizija jigifieri, dejjem ghamilt il-will tieghi kollu jigifieri biex hu kien jigi f'postu. Li kieku jiena kelli intention u forsi kelli l-icken hsieb li din ser tmut all right, imma jien tabiba m'inhix, ghamilt all the will li stajt, kif ezatt ghamilt mat-tifel ghamilt maghha, stmajtha qisha binti, qghadt bilqieghda ma' genbha l-lejl kollu, ma ccaqlaqtx minn hdejha, bdejt nitlob il-hin kollu, bdejt nghidilha 'Rachel binti qum ha nitkellmu', jigifieri."*[13]

*Din hi dikjarazzjoni cara u inekwivoka li l-appellanti arrogat fuqha nnifisha d-dover li tiehu hsieb lil Rachel Bowdler. Fl-istess hin pero` ammettiet li mhijiex tabiba u aktar 'il quddiem fix-xiehda taghha tikkontradici lilha nnifisha dwar li l-kondizzjoni ta' Bowdler kienet l-istess bhalma kienet tkun ta' binha meta tghid, in kontro-ezami, mistoqsija x'kellu t-tifel bhal Rachel Bowdler, kellux overdoses, hija wiegbet "Le t-tifel ma nghidlux li kien OD jiena, it-tifel kien johrogli all right u jidhol bhala dizzy"*[14]*. Dan hu certament a far cry minn kondizzjoni ta' overdose bhalma kienet fiha Rachel Bowdler. Inoltre, ghalkemm fil- bidu tal-kontro-ezami ghall-mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk it-tifel kienx ikollu bhal Bowdler tharhir u bil-bzieq minn halqu twiegeb fl-affermattiv,*[15]*aktar 'il quddiem waqt l-istess kontro-ezami tghid li "t-tharhira ma kinitx tkun bhal taghha, kien qisu b'xofftejh."*[16]

*Jigifieri certament il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu mhux biss li l-appellanti kienet volontarjament assumiet a duty of care izda wkoll li volontarjament ommettiet milli ssejjah ghajnuna medika nonostante li l- kondizzjoni ta' Rachel Bowdler kienet tidher aghar minn dik li kien ikun fiha t-tifel taghha.*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru, 2008 (Numru 6/2004)

[13] Tape 14 Side A p. 6. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hdax (11) fis-sentenza citata)

[14] Tape 13 Side B p. 4. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnax (12) fis-sentenza citata)

[15] Tape 13 Side B p. 4. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) fis-sentenza citata)

[16] Tape 13 Side B p. 7. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) fis-sentenza citata)

*Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju wkoll li l-appellanti kienet taf dwar il-perikli ta' overdose u li overdose jista' anke jwassal ghall-mewt. Ukoll waqt il-kontro-ezami tghid li familjari ma' l-espressjoni OD "ghax jiena kont qed immur il-meetings il-CARITAS u l-iehor, is-SEDQA, jigifieri kollox jispjegawlna."[17] U, mistoqsija tafx li jekk tiehu overdose l-probabbilta` jekk ma tittattrahiex li tmut, twiegeb: "Nifhem jien, mhux dejjem, skond il-kwantita` tad-droga." U "Inti qed tghid kont taf min jiehu OD bil- probabbilta` li ser imut? Le mhux bil-probabbulta` li ser imut ghax dan hadd ma jkun jaf ghax tiehu OD jigifieri ser imut, ghax jekk inti ser ittihom the help they need mhux bilfors imutu, skond il-kwantita` tad-drug li jkunu hadu."*

*Mela aktar u aktar l-appellanti ma jmissha qatt iddecidiet li tiehu f'idejha r-responsabbilta` ghall-kura ta' Rachel Bowdler u kien indikat li ssejjah l-ghajnuna medika sabiex tezimi ruhha minn kull responsabbilta`. L-appellanti zgur ma kinitx taf x'kienet hadet u kemm setghet hadet droga Rachel Bowdler, izda xorta hadet dak ir-riskju meta kjarament kienet qed tara l-mewt bhala xi haga assocjata ma' l-istat li fiha kienet l-istess Bowdler u mal-fatt li ma tissejjahx ghajnuna medika.*

*Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jinghad mill-awturi Timothy H. Jones u Michael G. A. Christie fil-ktieb taghhom **Criminal Law** mis-serje **Greens Concise Scots Law**[18] dwar il-kuncett ta' duty of care jew duty to act:*

*"There are also instances where the common law would probably impose a duty to act. This will be the case where an individual has undertaken to do something upon which the health and safety of others depends. Examples of this are the cases of **William Hardie**, where a charge of culpable homicide brought against an Inspector of Poor who had ignored the deceased's application for poor relief was held to be relevant, and an English case, **R. v. Instan**, where a fatal omission by a niece to provide food and medical attention for her invalid aunt resulted in a manslaughter (equivalent to culpable homicide) conviction. The crimes in these two examples were committed by failing to fulfil a legal duty. In **William Hardie** the legal duty was derived from a contract. The failure to act was not just a breach of contract with his employer, however, but provided the basis for a conviction: the duty of care also extended to members of the public he*

[17] Tape 13 Side B p. 4. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fis-sentenza citata)

[18] W. Green/Sweet & Maxwell, Edinburgh 1996, p. 46. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fis-sentenza citata)

*was paid to protect. In **Instan** the duty had been assumed voluntarily. This would seem to imply that if someone agreed to look after a neighbour's child and the child drowned in the bath while that child-minder was watching television, then a conviction for culpable homicide could ensue. This scenario could be analysed either in terms of a voluntary assumption of a duty of care or of a contractual obligation."*

*U f'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw[19]:*

*"If a person voluntarily undertakes to care for another who is unable to care for himself as a result of age, illness or other infirmity, he may thereby incur a duty to discharge that undertaking, at least until such time as he hands it over to someone else. In **Instan** [1893] 1 QB 450, D lived with her aunt, who was suddenly taken ill with gangrene in her leg and became unable either to feed herself or to call for help. D did not give her any food, nor did she call for medical help, even though she remained in the house and continued to eat her aunt's food. She was convicted of manslaughter. The principle laid down in **Instan** was applied and extended in **Stone** [1977] QB 354. Stone's sister, Fanny, came to live with him and his mistress, Dobinson. Fanny was suffering from anorexia, but was initially able to look after herself. Gradually, however, her condition deteriorated, until she became bed-ridden. She needed medical help, but none was summoned and she eventually died in squalor, covered in bed sores and filth. Stone and Dobinson were each convicted of her manslaughter and the Court of Appeal upheld their convictions. Because they had taken Fanny into their home, they had assumed a duty of care for her and had been grossly negligent in the performance of that duty.*

*The fact that Fanny was Stone's sister was merely incidental to this."*
*Imbaghad f'**Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2006**[20] jinghad dwar id-duty of care:*

*"The duty of care belongs more to the fields of contract and tort than to this work. However, the following should be noted.*

*"(a) It is in general for the judge to decide whether there is evidence capable of giving rise to a*

[19] Para. A1.14 p. 9. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fis-sentenza citata)

[20] p.1799 -1800, para. 19-111. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmintax (18) fis-sentenza citata)

*duty of care, and, if there is, it is for the judge to give the jury appropriate directions, but it is for the jury to decide, in the light of those directions, whether the defendant in fact owed the deceased a duty of care; but there might be exceptional cases where a duty of care obviously existed, as between doctor and patient or where Parliament had imposed a statutory duty, and, in such cases, the judge could properly direct the jury as to the existence of the duty:* ***R. v. Willoughby*** *[2005] 1 Cr.App.R. 29, CA. See also* ***R. v. Khan and Khan, ante****, and* ***R. v. Sinclair****, 148 N.L.J. 1353, CA (978400/2/4 Yf).*

*"(b) A person may become liable for manslaughter by neglect of a positive duty arising from the nature of his occupation:* ***R. v. Lowe*** *(1850) 3 C. & K. 123 (an engineer in charge of the lift in a mine left it in the care of an ignorant boy);* ***R. v. Markus*** *(1864) 4 F. & F. 356 (a doctor absenting himself for the purpose of sport or some similar activity left unattended a patient whom he knew to be in a precarious condition);* ***R. v. Curtis*** *(1885) 15 Cox 746 (a local authority officer neglected to provide medical assistance to a destitute person). To hold that a person who supplied controlled drugs to another, owed the other a duty of care when the other, having consumed the drugs in his presence, was in obvious need of medical attention, would undoubtedly enlarge the class of persons to whom a duty of care was owed:* ***R. v. Khan and Khan, ante. Cf. R. v. Sinclair, ante****: whilst there is no authority holding that a medically unqualified person is under a duty to render assistance to a stranger or could come under such duty by virtue of the passage of time, a person who had been instrumental in his friend obtaining a fatal overdose of drugs, and who remained with him throughout the period of unconsciousness might come under such duty; and* ***R. v. Ruffell*** *[2003] 2 Cr.App.R.(S.) 53, CA: where the appellant, an experienced drug user, and the deceased, a friend who had been clean for some time, went to the appellant's family home, after an evening's drinking and there injected themselves with heroin, following which the deceased became ill, whereupon the appellant took steps to revive him, it had been open to the jury to find that the appellant had assumed a duty of care towards the deceased."'*

Ghalhekk ghalkemm naturalment din is-sentenza citata ghandha fatti kompletament differenti ghal dawk odjerni, din il-Qorti tqis li t-tghalim ta' Blackstone dwar id-duty of care ghalkemm juza l-kelma '*may*' huma applikabbli ghal kaz odjern u ghalhekk din il-Qorti tqis li l-kliem 'kura u kustodja' fl-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala simili ghal principju ta' *duty of care*. Ghalhekk la darba l-appellanta iddecidiet li zzomm lil dawn iz-zewg anzjani fir-residenza maghha, hija kienet assumiet dan l-irwol.

Dan huwa anke kkonfermat mill-appellanta stess fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti meta mistoqsija ghala hadet il-filmat ta' Neville Ayers fejn spjegat '*when I am go and put down the pampers and I say to all people there my neighbours, Maltese people, I told them this old man he does not want to go to hospital and he is wetting himself and I ... ... sometimes I carry the bags and they can see pampers, and they told me, Your Honour, "miskina, if something happen to him, they will blame you.*"..' Ghalhekk huwa evidenti li kienu mhux biss fil-kustodja taghha izda li l-appellanta kienet anke assumiet il-kura taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) -vs- Salvatore Chircop, detentur tal-karta tal-identita` numru 972446M; u Stanley Chircop, detentur tal-karta tal-identita` numru 239372M'**[21] ghalkemm rigwardanti reat ta' qtil involontarju, gie kkunsidrat li:

'*Fil-fehma tal-Qorti meta Salvatore u Stanley ghazlu li Serafina ma tigix riferuta l-isptar, izda ddecidew li minkejja l-istat fragili li kienet fih jibqghu 'jiehdu hsiebha' huma f'darhom, huma assumew doza ferm akbar tad-duty of care li kellhom fuq persuna li kienet tghix maghhom; Salvatore Chircop tenna "Kien hemm jien carer maghha".*[22] *Aktar milli semplici residenta f'darhom din kienet omm imputat wiehed u mart l-iehor. Altru` li kellhom duty of care lejn Serafina Chircop.*'

L-appellanta tissottometti li l-Qorti skartat il-fatt li hawn kelek adult david grant li kien qiegehd jitlef il-bilanc fuq sajagh u li t-tieni vittma Nevilel Ayers kien konxju sa ftit minuti qabel il-mewt, kellu titjira lura d-dar l-ghada tal-mewt tieghu, li t-titjira kienet prenotata fuq insistenza u bl-ghajnuna tal-istess imputata u li l-vittma ma riedx jimru l-isptar Malta u mxiet ma' dak li ried il-vittma. Dan u dak li xehdu l-esperti mahtura mill-Qorti, din il-Qorti sejra tikkunsidrah il-Qorti fis-sitt aggravju sabiex tqis il-fatti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li l-appellanta kienet hatja taht l-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Fl-istess hames (5) aggravju, l-appellanta tissottometti ukoll li l-apprezzament zbaljat ta' ligi sar ukoll dwar l-ammissibilita tar-recordings li ffurmaw l-unika prova li

---

[21] Deciza mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Marzu, 2019 (Kumpilazzjoni numru: 118/2016)
[22] *Fol.211* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u tnax (112) fis-sentenza citata)

effettivament ressqet il-prosekuzzjoni fil-kaz odjern. L-aggravju huwa imressaq minhabba li r-recordings issemghu ghall-ewwel darba fl-istqarrijiet li kienu gew dikjarati li ma kellhomx valur probatorju, ergo inammissibli. Dan il-punt tqajjem quddiem il-Qorti biss il-Qorti sostniet li abbazi tal-artikolu 349 subinciz 2 tal-Kapitolu 9 dawn kienu permessibli. Il-Qorti strahet ukoll fl-interpretazzjoni taghha ta' dan l-artikolu fuq il-fatt li regghet ghamlet referenza ghal dawn il-filmati fil-kors tal-istqarrijiet taghha tal-hdax (11) u tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017).

L-appellanta tissottometti li l-Qorti ma waslitx ghal interpretazzjoni korretta tal-ligi. Tissottometti li fl-ewwel lok, dawn ma ssemghux mill-akkuzata izda b'mod dirett giet mistoqsija dwarhom minhabba li kienu gabru l-informazzjoni fl-istqarrijiet precedenti u fit-tieni lok l-interpretazzjoni tal-artikolu 349 hija zbaljata u jekk le tincidi fuq nuqqas ta' smiegh xieraq.

L-Ewwel Qorti qieset li:

*'Illi fit-tieni lok, l-abbli difiza ssottomettiet li din il-Qorti ghandha tiskarta l-filmati in kwantu dawn issemmew mill-imputata fil-kors tal- interrogazzjoni taghha meta ma kienitx assistita minn rapprezentant legali. Din il-Qorti tissottolineja li filwaqt li d-dritt penali procedurali taghna ma jabbraccjax ir-regola tal-fruit of the forbidden tree,*[23] *u ghalhekk fi kwalunkwe mod tali filmati jibqghu ammissibbli bhala prova, l- imputata regghet ghamlet riferenza ghal dawn il-filmati fil-kors tal- istqarrijiet taghha tal-11 u tat-12 ta' Jannar, 2017, li kif inghad huma ammissibbli bhala prova in kwantu huma konformi mad-dettami ta' dak li jipprovdi l-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.*[24] *Ghaldaqstant mhemmx dubbju li l-filmati huma ammissibbli u*

[23] Il-Kodici Kriminali jipprovdi: **349.** (1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk i-ssetgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-dispożizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. (2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa. It-Titolu li is-subartikolu (2) citat jirreferi ghalih hu dak *'Fuq is-Setgħat u d-Dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-Proċedimenti Kriminali'* li jinkludi *inter alia* is-Sub-titolu IX li jittratta *'Drittijiet tal-Persuna Miżmuma'* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza appellata)

[24] Vide **Dok.FF2** a fol.14 u stqarrija taghha a fol. 666. Vide wkoll konferma mill- interpretu Svetlana Kabanec a fol.114-115 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza appellata)

*ghandhom valur probatorju.'*

Jirrizulta li fl-inkjesta rigwardanti l-mewt ta' Neville Ayers, il-Magistrat Inkwirenti skont ma jirrizulta a fol 138 et sequitur innomina lil Dr. Steven Farrugia Sacco bhala espert fil-qasam tal-informatika u t-telefonija fejn fost inkarigi ohra huwa kellu *'janalizza kwalunkwe mobile phone u sim card li jistgħu jinstabu u li huma tal-kull persuna relatata ma din l-investigazzjoni u joħroġ minnhom l-informazzjoni kollha li jikkontjenu filwaqt u li tkun rikonduċibbli dieattament jew indirettament ma din l-investigazzjoni kif ukoll li li jottjeni l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand is-service providers dwar il-mobile phone/s u sim cards relattivi nonche' dwar il-kntijiet miftuha f'isem id-decuius jew persuni relatati ma din l-investigazzjoni u/jew numri telefoniċi reġistrati f'isimhom, kif ukoll li jottjeni l-profiles kollha dwar l-istess decuius u persuni reatati u li jgib 'localisation data'*; u sabiex *'janalizza kwalunkwe apparat ieħor li setgħa kien jinstab fuq il-post fejn seħħet is-sejba tal-kadavru inkluż computers, tablets jew apparat ieħor li jista' jikkontjeni informazzjoni jew data u li jinstab li setgħa kienet rilevanti għal din l-investigazzjoni kemm jekk ikunu tad-decuius kemm jekk ikunu ta' persuna oħra rlatata mad-decuius u rilevanti għal din l-investigazzjoni.'* Fl-istess process-verbal tnizzel li Dr Steven Farugia Sacco gie mghoddi telefon cellulari kif ukoll tablet tal-marka Samsung.

Mir-relazzjoni ta' Dr Steven Farrugia Sacco a fol 153 et sequitur jirrizulta li l-espert kien mghoddi ic-cellulari u tablet. Dawn gew mghoddija fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar. Minn-naha l-ohra jirrizulta li l-ewwel stqarrija u cioe' dik tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) rilaxxata minn l-appellanta bdiet ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs inhar.

Ghalhekk lil hin mill-applikazzjoni o meno tal-artikolu 349(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-fatt li dawn il-filmati ssemghu mill-appellanta fl-istqarrijiet li gew dikjarati inammissibli u li ghalhekk il-pulizija giet a konjizzjoni ta' dawn il-filmati ghax kienet l-appellanta stess li infurmathom dwar dawn il-filmati, jirrizulta li mal-hatra tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco, dawn il-filmati instabu fit-tablet u/jew mobile phone mghoddija lill-istess espert. Ghalhekk dawn il-filmati xorta wahda kienu sejrin jitressqu bhala prova u cioe' bhala rizultanzi ta' dak li nstab fit-tablet u t-telefon cellulari irrespettivament tal-fatt li kienu anke ssemmew mill-appellanta fl-istqarrijiet taghha li l-Qorti ddikjarathom bhala inammissibli. In oltre, jirrizulta li l-appellanta quddiem l-

Ewwel Qorti xehdet ukoll dwar dawn il-filmati. Ma hemmx dubju li r-recordings huma ammissibli u ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi s-sitt (6) aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanta x-xhieda migbura ma twasslax sal-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-akkuzata li taghha instabet hatja. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca</u>**[25]:

'*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**.[26]" ; "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>** [27]" ; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[28]"; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[29]" u ohrajn.*' (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti f'dik is-sentenza, kompliet tikkunsidra:

'*Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**<u>R. v. Cooper</u>**"[30] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu

[25] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[26] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[27] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;
[28] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[29] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[30] [1969] 1 QB 276

aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna):-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[31]). (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

L-appellanta tissottometti li l-Qorti ghamlet diversi osservazzjonijiet dwar meta issejhet l-ambulanza ghal Neville Ayers u li l-konkluzjoni tal-Qorti dwar id-dewmien hija fattwalment skorretta. Tissottometti li Haralan Matev jghid li telaq l-appartament bejn is-sitta u nofs (6:30pm) u s-sebgha (7:00pm), skond hu dak il-hin kien ghadu fil-kcina fuq is-siggu. Matev jghid li l-imputata niezlet ssejjah ghall-ghajnuna fil-bar madwar nofs siegha wara. Marilyn Mizzi dahlet fl-appartament tiehu shower u sakemm telqet, ftit minuti wara kollox deher normali. Tissottometti li dwar Neville Ayers, t-telefonata l-isptar Mater Dei dahlet fit-tmienja u zewg minuti (20.02) skont ix-xhieda ta' Doris Vella Cassia, u dahlet telefonata ohra fil-Mosta Health Clinic fid-disgha neqsin kwart (8:45pm) skont ix-xhieda ta' Dr Ivan Vella. Li l-ambulanza waslet fuq il-post wara d-disgha u kwart (9:15pm) jew wara ghaliex Dr Joseph Saliba iccertifikah mejjet fid-disgha u ghoxrin (9:20pm). Li l-imputata marret isfel issejjah l-ghajnuna darbtejn. Il-Puliizija PS 419 Anton Buttigieg jghid li l-imputata marret l-ghassa tal-Pulizija fit-tmienja u nofs (8:30m) ghall-ghajnuna. Skont l-appellanta dan il-hin bilfors huwa zbaljat, bil-fors kien aktar tard ghaliex l-imputata niezlet fil-bar ghall-ghajnuna it-tieni darba ftit qabel d-disgha neqsin kwarti (20:45pm) ghaliex kien dak il-hin meta dahlet it-tieni telefonata din id-darba il-Mosta heath Clinic ghall-ambulanza ghalhekk isegwi li marret ghand il-pulizija meta kienu madwar id-9pm. Skont l-appellanta l-Qorti fixklet l-iter tal-ghajnuna li giet imfittxija mill-imputata dak inhar li miet Neville Ayers. Jirrizulta li l-imputata kellha ragun, l-ambulanza waslet tard hafna fuq il-post, damet

[31] (1991) , p. 1392

tal-anqas siegha u kwart skorruti, l-ewwel telefonata dahlet fit-tmienja u zewg minuti (20:02) u t-tabib iccertifika lil Ayers mejjet fid-disgha u ghoxrin (21:20).

Ikkunsidrat;

Illi skont ix-xhieda ta' Haralan Matev moghtija quddiem il-Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa qal li '*When I went downstairs I was near the bar. I am usually around the bar at this time because an hour later, at around 8, I usually go for my dinner in the restaurant.*' Xehed li '*Approximately between 30 minutes to an hour, after I went down by the bar, Dragana came down and she was shouting and screaming and asking me to go up and help her...*' Meta dan Haralon Drumev Matev xehed quddiem l-espert Dr Mario Scerri skont kif jidher a fol 47 et sequitur tar-relazzjoni li tinsab f'envelope a fol 204 tal-process, huwa spjega kif '*Today I saw him in the kitchen at 6.30pm. Dragana was with him in the kitchen. She told me to come to help her. I do not know why but I did not go because every day she used to ask me to help him out of the toilet and take him in the room but I never did.*' Jghid li '*I left the apartment at about 6.30pm or 7.00pm. I saw Fabrizio Faniello in the street at about 7.30pm.*' Marilyn Mizzi xehdet quddiem il-Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjegat li '*I was at work and I think that from work it was about 7:45 in the evening, I went upstairs and just showered because I had a hen party. So I showered quickly and went out. So actually I don't see them at that time and I just went to the party.*' Fabrizio Faniello li kien xehed fl-istess seduta quddiem il-Qorti xehed kif '*on that day I wasn't there so, I was working, I had a show and praactically that day I got in just for 15 to 30 minutes. So when that incident happened I wasn't present.*' Fix-xhieda moghtija minn Fabrizio Faniello quddiem l-espert Dr Mario Scerri kif tinsab fir-relazzjoni a fol 45 et sequitur li tinsab fl-envelope a fol 204 tal-process fejn qal li '*Illum jien hrigt ghall- habta tal- 10:00am mat-tfajla jisimha Marilyn Mizzi li tghix fil-kamra mieghi. Irritornat hi l- ewwel ghall- habta tas- 7.00pm u jien wasalt xi 10 minuti warajha. Kollox kien kwiet. Ma smajtx storbju. Hrigna flimkien ghall- habta tas- 7.15 jew 7.20pm.*'

Doris Vella Cassia li xehdet fid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) prezentat Dok DVC 2 fejn jirrizulta li t-telefonata dahlet fil-tmienja u zewg minuti (20:02) u l-ambulanza kienet *dispatched* fit-tmienja u tmien minuti (20:08), hemm imnizzel disgha neqsin tlettax-il minuta u cioe' '*20.47' Dr. Micallef contacted to go on site from MHC*'. Skont ic-certifikat a fol 282 gie ccertifikat mejjet fid-disgha u ghoxrin (9:20).

PS 419 Anton Buttigieg li xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*at about 20:30, complainant Miss Dragana Mijalkovic, which I am recognizing her as the person over there, she entered the Police Station, shouting for help and we tried to calm her down, and asked her what had happened.*'

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

'*L-ahhar li rah lil Ayers Matev kien ftit hin biss qabel mewtu ghall-habta ta' bejn is-6:30-7pm.*[32] *li l-espert forensiku jikkonkludi li l-mewt ta' Ayers grat ghall-habta tas-7pm:* [33] *Skond l-istess xhud, Dragana nizlet issejjah l-ghajjut meta kienu saru xi 8pm u fil-fatt it-telefonata ghall-ambulanza dahhlet fil-20:02hrs.*[34] *Dragana marret l-ghassa xi 20:30hrs.*[35] *Sinifikanti hu d-dettal li jirrizulta mill-Current Incident Report meta waslu fuq il-post il- pulizija, li kien ftit wara li l-imputata marret titlob l-ghajnuna, il- kadavru kien gja kesah "his body had gone cold".*[36] *X'gara f'dak it- trapass ta' hin minn meta rah Matev f'kondizzjoni tant fragili sal- hin li l-imputata nizlet tfittex ghajjut u titlob lin-nies biex icemplu ambulanza? U ghaliex ma cemplitx hi izda minflok iddelegat lil haddiehor? Meta gie ppruvat li kellha mobile u setghet facilment iccempel ghall-ghajnuna? Ghaliex l-ambulanza ma ssejhietx meta kien jidher bic-cjar li sahhet Ayers kienet tant iddeterjorat li kien jinhtieg attenzjoni medika u mhux jithalla fi stat daqtant pjetuz u mizeru?:...*'

Fil-fehma ta' din il-Qorti *ai fini* tal-artikolu 275A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex daqstant importanti jekk il-hinijiet ta' meta ssejhet l-ambulanza humiex korretti, filfatt jirrizulta li l-ambulanza damet ma tasal fuq il-post. In oltre ghalkemm hemm imnizzel fir-rapport tal-pulizija li '*his body had gone cold*', kellhom ikunu l-esperti li

[32] Fol.47-48 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u erbgha u sebghin (174) tas-sentenza appellata)

[33] Fol. 53 tar-Relazzjoni a fol.204 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u hamsa u sebghin (175) tas-sentenza appellata)

[34] **Dok.DVC2** a fol.281 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u sitta u sebghin (176) fis-sentenza citata)

[35] **Dok.FF9** a fol.90 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u sebgha u sebghin (177) fis-sentenza citata)

[36] Fol.91 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u tmienja u sebghin (178) fis-sentenza citata)

jaghtu tifsira ghal dan u sabiex jindikaw kemm kien ilu mejjet Neville Ayers. Filfatt mir-rapport mediku ta' Dr Mario Scerri pprezentat fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Ayers li jinsab fl-envelop a fol 204 tal-process senjatament a fol 4 tar-relazzjoni hemm imnizzel li '*l-esponent wasal fuq il-post imsemmi fil-* *11.10pm* *fejn hemm huwa sab kadavru mal- art fil- kamra tas- sodda*'. Filwaqt li a fol 53 tal-istess relazzjoni tnizzel li '*6. Illi mill- evidenza ta' rigor mortis li kien prezenti fil-muskoli kollha w ta' hypostasis li ma kienx fiss, l-esponent hu tal- opinjoni li Ayers kien ilu mejjet madwar erba' sieghat mill- hin tal- ezami medikolegali;*' Ghaldaqstant din il-Qorti minn din il-konkluzjoni tal-espert, tifhem li huwa kkonstata li Neville Ayers miet madwar is-seba' u ghaxra ta' filghaxija (7:10pm). Ghalkemm dan jista' jkun li mhuwiex preciz, din il-Qorti ma tqis li dan id-dettal huwa wiehed sinifikanti, bhal kif lanqas ma thoss li ghandha tislet inferenza negattivi fil-konfront tal-appellanta ghal fatt li l-ambulanza ssejhet minn persuni ohra u dan stante li ma hemmx dubju li kienet l-appellanta li gibdet l-attenzjoni ta' terzi persuni sabiex icemplu l-ambulanza u li anke sahansitra telqet l-ghassa kif rat li l-ambulanza baqghet ma waslitx. Dak li huwa importanti ghal din il-Qorti huwa sabiex jigi stabbilit jekk l-appellanta ippermettietx li l-persuna jew is-sahha tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara u jekk kelliex titlob ghal ambulanza fil-mumenti li dehru fil-filmati li hadet l-appellanta stess u ghalhekk hafna aktar qabel minn ftit sieghat qabel ma mietu. Ghalhekk il-fatt li talbet l-ghajnuna fil-bar u hadd ma ccaqlaq huwa rrelevanti ukoll u dan stante li dak li huwa importanti huwa li jigi stabilit jekk l-appellanta bhala l-persuna li kellha l-kura u l-kustodja tal-vittmi kelliex titlob l-ghajnuna tat-tobba fl-istat li dehru fil-filmati li ma kienx ftit minuti qabel ma mietu izda granet.

L-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar jew anzjan li jkun f'cirkostanzi jew kondizzjoni li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, li xjentement iggieghel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru jew iggib fuq dawk il-persuni ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iggieghel jew tippermetti li l-persuna jew is-sahha ssirilhom hsara. Ghalhekk l-appellanta ma nstabitx hatja ta' omicidju involontarju tant li ma giex stabbilit nexus bejn in-negligenza u l-mewt izda instabet hatja ghal fatt li ppermettiet lil dawn il-persuni isofru meta kellha tirrikorri ghal ghajnuna medika. Ghalhekk anke jekk

trombosi setghet tigri lil kulhadd, dak li huwa ta' importanza ai fini tal-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa mhux ir-raguni ghala miet izda jekk ipperpettietx li ssirilom hsara jew li jitqieghda f'sitwazzjoni li l-persuna jew sahha taghhom tkun fil-periklu.

Ikkunsidrat;

L-appellanta taghmel sottomissjonijiet dwar il-fatt li Ayers kien fil-banju bla ilma gurnata qabel ma miet, li nehiet l-ilma sakemm johrog, li kienet okkazjoni ta' darba ghaliex kien ilu ftit jiem biss fl-appartament u sahtu marret lura fl-ahhar jumejn. Din il-Qorti lil hin mill-fatt li Ayers jidher fil-banju minghajr ilma, jirrizultalha ukoll li dan ghandu anke l-hmieg tieghu stess niezel ma' saqajh u l-appellanta ghazlet li tiehu dawn il-filmati u ritratti ta' din il-persuna f'dik il-qada li kien jinsab fiha minflokk ma qabdet u ghenitu jitnaddaf u johrog mill-banju filwaqt li ccempel ghall-assistenza medika.

Dwar il-filmati in kwistjoni, l-imputata fix-xhieda taghha tat is-segwenti ragunijiet meta mistoqsija ghala hadet dawn il-filmati:

*'Dr Peter Fenech: Now, let us go about these films that you took, the video that you took of Neville Ayers. Ok?*

*The witness: Ok.*

*Dr Peter Fenech: Tell the Court in Serbian or in Maltese or in a bit of both so we understand you please, why you took it.*

*The witness: Yes. Dr. Fenech, when I am go and put down the pampers and I say to all people there my neighbours, Maltese people, I told them this old man he does not want to go to hospital and he is wetting himself and I ... ... sometimes I carry the bags and they can see pampers, and they told me, Your Honour, "miskina, if something happen to him, they will blame you." Then, Your Honour Magistrata, I go upstairs on my apartment and record him "I am asking you want to go hospital? Call ambulance?" He say, "No, I do not want to lose my flight back home, I do not need, I will sort it out when I go back in England." I am asking him, "How much you are sure? Are you sure?" He said, "one hundred percent."'*

Kompliet tispjega:

'*The Court: Now you were saying also that he did not want to go to hospital not to lose his flight.*

*The witness: Your Honour, every time I am asking him "Are you ok?" he said "Champion", every time "Champion".*

*The Court; "Champion" and then he is dead.*

*The witness: Yes. "Are you sure? Are you ok?" he said "Champion! do not be a parrot" he is calling me a parrot.*

*The Court: A parrot.*

*The witness: Parrot.*

*Dr Peter Fenech. No. A what?*

*The witness: A parrot.*

*The Court: Paranoid?*

*The witness: No, a parrot. Pappagall.*

*The Court: Paranoid?*

*The witness: No, a parrot. Pappagall.*

*The Court: Pappagall għandha raġun...*'

L-appellanta kompliet tispjega:

'*The witness: Because always I am asking him "Are you sure? You need something? You want to go to..."*

*The Court: Ah! because you keep repeating the same thing.*

*The witness: Yes. And he say to mme "Do not repeat me, I am bigger enough than you. I can be your father. Do not tell me what I have to do. Do not be a parrot. And do not ask me again."*'

Meta l-Qorti staqsitha '*But if someone is wetting himself, it is a common problem with old*

*people, why did you have to think to take a video in case something happens? Because it is not like someone who tries to cut himself with a knife all the time.'* Wiegbet:

'*The witness: Your Honour, Maltese people told me 'miskina' bilfors put him ... call ambulance, if something happens to him you will go...*

*The Court: Why didn't you call ambulance then?*

*The witness: Because when I go upstairs he says "I am fine, champion" and I did not find something serious of somebody wetting...'*

Spjegat ukoll li '*because Maltese people told me "If something happens to him they will blame you". And I am go upstairs and he says "Why you make it a big thing of this? This happening to me before often in UK. I will be ok.'* u li kien jghidilha '"*Sometimes my prostate is that I cannot keep my urine. Do not be a parrot. I do not need hospital. I will sort it out when I go back in England next..."*

Dwar David Grant meta fix-xhieda taghha mistoqsija '*So you took this video so that when you go with David you show the doctor, you show him, "Look Doctor, he is not obeying!"* wiegbet '*After that he stopped to walk with no stick. Always he carry stick.'* U li '"*I will show to your brother, I will show to doctor that you ignoring the doctor when we go for appointment because you never hear his advice to carry the stick." Sometimes he walk with, no need it, but sometimes he- ...'*

Din il-Qorti hija tal-fehma li minflokk l-appellanta ghadet tiehu l-filmati, setghet facilment cemplet l-ambulanza. Dwar David Grant jirrizulta li hadet filmati tieghu wara li waqa u interrrogatu biex jaghti raguni ta' kif waqa u staqsitu ripetutament ghala ma uzax bastun u kemm il-darba waqa'. Jirrizulta ukoll li kien qed isib diffikulta biex jispjega ruhu. Jirrizulta filmat fejn meta dan David Grant gie mistoqsi jekk haditx hsiebu huwa wiegeb fl-affermattiv, fejn qal li jhobbha u kkonferma li ried jizzewigha. Din il-Qorti tifhem li dan kien jum wiehed biss qabel ma miet. Din il-Qorti izda ma tistax tqis dan bhala konferma li l-appellant ma ppermettietx lil David Grant isofri, twegibijiet ghal mistoqsija bhal jekk haditx hsiebu ikollhom importanza meta persuna facilment tinftiehem u mhux meta persuna bilkemm ghandu sahha jgholli rasu biex iwiegeb. In oltre', waqt li David Grant kien malart, setghet l-ewwel tghinu jqum u wara tistaqsih kif u come waqa' u mhux tissogettah ghal interrogatorju waqt li kien malart.

Minn naha l-ohra dwar Neville Ayers, jirrizultaw filmati fejn jinstab fil-banju minghajr ilma bilkemm jiflah jitkellem. Jirrizulta ukoll apparti filmati, ritratti tieghu bil-hmieg tieghu stess niezel mieghu, hmieg li kif anke iddeskrivew it-tobba esperti kien ta' kulur iswed u li ghalhekk kien jindika li kellu bzonn kura medika. Jirrizulta ukoll filmat fejn l-appellanta qieghda ripetutament tistaqsih jekk iridx imur l-isptar, jekk riedx li ccempel ambulanza u bhal donnu jwiegeb fin-negattiv u cioe' li ma riedx imur l-isptar.

Fir-rapport kongunt tal-esperti Prof Emanuel Farrugia, Dr Peter Ferry u Dr Mario Scerri, senjatament a fol 1469 tnizzel li '*Illi jidher illi l- apparenza fizika, l-cachezia u l-frailty huma definittivament aktar mill wiehed kien jistenna wara li tittiehed in konsiderazzjoni l-ahhar entry fl- istorja medika tieghu u r- ritratti li ttiehdu qabel, indikazzjoni ta' deterjorazzjoni mghaggla fis-sahha fizika ta' Grant;*

*Illi waqt l- awtopsja ma rrizultax li Grant kellu xi evidenza ta' carcinoma;*

*Illi f' dan il-kaz ezamijiet tossikologu ma sarux ghaliex kien hemm raguni plawzibbli tal- kawza tal- mewt u dak iz- zmien ma kienx hemm xi suspetti ta' foul play;*'

Fost kunsiderazzjonijiet ohra, dwar Nevile Ayers tnizzel '*Illi mill- ezami tal-video jidher l-imputata issaqsi lil Neville Ayers jum wiehed biss qabel ma miet jekk hu jridx imur l- isptar u hu jirrispondi fin- negattiv b' lehen dghajjef u pjuttost dysyarthic. Jidher illi Ayers kellu ippurgar iswed (melaena), u jidher minghajr sahha wara li waqa' fil- kamra tal- banju u ma setax iqum minghajr assistenza;*

*Illi l- ezamijiet tossikologic li nhadmu minn Dr. Michael Scott-Ham fuq kampjuni li ttiehdu mill- katavru ta' Ayers wara li dan miet appunta gurnata biss wara li ttiehed il- video ikkonfermaw li dan ma kienx taht xi effetti ta' sedation jew medicinali ohrajn. Ghalhekk fil-video jidher car kemm l-istess Ayers kien dghajjef, b' nuqqas ta' drive, inkapaci li jiehu hsieb u li jghin lilu nnifsu u li certament kellu bzonn attenzjoni medika urgenti. Certament postu ma kienx tad-dar.*' L-esperti ikkonkludew li '*kien mistenni illi persuni li juru sinjali evidenti ta' distress bhal meta ikunu mal- art rizultat ta' waqgha u fil- banju imcappsin bi ppurgar iswed, wiehed jistenna l- persuna tkun assistita u mhux jittiehdulha ritratti u l- filmati f' dak l- istat;*'

Ikkonkludew ukoll li '*minkejja li l-imputata tinstema' ghal darba tnejn tistaqsi lil Neville*

*Ayers jekk hu jridx imur l- isptar b' Ayers jirrispondi fin-negattiv, wiehed jistenna li l-imputata kellha tiehu l- inizjattiva f' idejha u ccempel ghall-assistenza.'* Gie konkluz ukoll illi *'certament Ayers li rrizulta li ma kienx taht l-effetti ta' xi sedation ma kienx kapaci li jiddeciedi ghalih innifsu u ghahekk gie mcahhad mill-attenzjoni medika.'* Meta xehed Dr Mario Scerri fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa xehed li *'Bazikament dawk li sibna minghandhom jigifiri imbaghad rajna l-fimati. Il-filmati jidhru t-tnejn li huma frail, specjalment Ayers kien bl-ippurgar iswed nghidulu Melaena, possibilment bleeding li jista' jigi mill-istonku, tal-eta' ukoll, hu kien frail hafna u haga li nnutajna li huwa waqt li kien frail daqshekk ibatu bil-Parietal Vascular Disease, dawn it-tnejn, waqt li kien f'dik il-kundizzjoni bil-Melaena, bl-ippurgar ma' kullimkien, l-imputata deheret li ma haditx azzjoni, fis-sens illi sejhet ghall-ghajnuna medika, le le osservazzjoni taghna, anzi haditlu l-filmat u tghidlu fejn waqajt, kif waqajt, ghidilna kif waqajt. Din ahna, t-tlieta li ahna ma rajnhiex haga li tregi li hija normali fic-cirkostanzi li kin fihom Ayers.'*

Dwar David Grant, Dr Peter Ferry xehed li *'Il-video specjalment dak tal-5th February 2016, jigifieri l-gurnata qabel ma miet, jien innutajt li kien astenic, kien batut, frail, kellu low body mass index hafna, kien hemm jidhru fuq il-filmat xi sinjali ta' tbengil fuq mohhu u partijiet ta' gismu....'* Xehed ukoll li *'Jigifieri jien ikkonkludej fin-nuqqas ta' sahha, ahna fil-geratrija nghidulha frialty, kien iktar frail milli stajt nara fuq in-noti medici u anke xi ritratt li ttiehed qabel, ma kelliex xid-data tieghu jigifieri ddeterjora, l-istat ta' sahha tieghu tidher li ddeterjorat.'* Xehed ukoll li *'Jien li laqatni fit-tieni filmat li kien hemm, t-tieni persuna Neville Ayers, l-aktar li laqtitni li kellu ppurgar iswed, niezel mieghu waqt li kien fil-banju li ghalija ghax jien tabib, ma nafx ghal min mhux tabib xi tfisser imma ppurgar iswed'*, il-Qorti kompliet *'Ppurgar iswed tfisser hija xi haga alarm bells'*. Kompla li *'Ghalija zgur li hekk'*. Qal li *'F'ritratt zgur jidher li hemm ppurgar iswed u dan jidher li qieghed fil-banju jiprova jqum u ma jistax'*. Xehed ukoll li *'il-medicina, per ezempju, l-asperina tista' tkun kawza tal-Melaena jigifieri l-fatt ghandu l-ippurgar iswed jista' jkun tkun il-kawza tal-medicina li kien qed jiehu'*.

Meta Dr Peter Ferry gie mistoqsi *'Fejn hu posthom?'* wiegeb *'Id-dar posthom imma mbaghad, ovvjament, generalment ikollhom kura kontinwa ma' jew specjalista' jew tabib tal-familja, jigifieri meta kienu l-Ingilterra kellhom noti mhux hazin, kienu jmorru regolarment ghand it-tobba'*.

Interessanti ukoll huwa dak li xehed il-Profs Emanuel Farrugia u cioe' fejn spjega *'Li laqatna li kien li ghandek zewg Inglizi anzjani, t-tnejn morda, t-tnejn morda mhux hazin,*

*jigifieri dawn kemm ha jghixu nahseb illi, ghalina t-tobba mhux sorpriza li jaqa' u jmut, jigifieri ghalina dik hija mportanti u s-similarity bejn iz-zewg kazijiet, fejn ghandna dawn iz-zewg kazijiet jixbhu daqshekk lil xulxin, dik kienet unusual, u t-tieni haga li kienet unusual illi meta dawn kienu qeghdin litteralment f'poverta ta' moviment, litteralment mal-art illi ghalina l-aktar haga semplici kienet taqbad it-telefon u cempel l-ambulanza u ghalkemm jidher il-pazjent jghid kemm il-darba li ma rridx immur l-isptar, hemmekk hemm diffikulta' jekk inti whether you over rule the person or not, u ddiskutejniha hafna ahna u qbilna li at that point in time we would have over ruled what the patient was saying. Din mhux qed nghiduha lightly, ghax nemmnu hafna li l-pazjent ghandu dejjem the last say, pero' jkun hemm mumenti u nahseb li dika kien wiehed minnhom li dan il-pazjent ghandu jigi rikoverat f'dak l-istadju li kien'*. Xehed ukoll li '*Jekk tkun marid xi daqqiet lanqas tkun taf x'qed tghid*'. Fil-kontro-ezami mistoqsi dwar li cemplet ghall-ambulanza wiegeb li '*Jekk ghamlet hekk naqlala l-kappell*'. Din il-Qorti izda tikkunsidra li l-ambulanza giet imsejha meta kien tard wisq u ma jirrizultax li ssejhet meta ttiehdu l-filmati u cioe' jum qabel jew aktar kmieni.

Meta Dr Peter Ferry in kontro-ezami gie mistoqsi '*fuq l-ewwel wiehed li minkejja l-informazzjoni li ghandna l-ftit informazzjoni inkluza fil-filmat, inti ma tistax tghid b'certezza illi kwalsiasi nuqqas ta' trattament kienet il-kawza ta' dik il-mewt*' wiegeb '*Assolutament ma tistax tghid b'certezza ghandek ragun*'. L-istess ikkonferma dwar it-tieni vittma. Spjega ukoll li '*Ahna li qeghdin nghidu li missha cemplet l-ambulanza, ma ahniex qeghdin nghidu fuq miet il-mewt ma semmejniex mewt, kif gie il-mewt*'. Xehed li '*Ahna qed nghidu li allavolja staqsiet il-persuna, it-tieni wiehed, ghax l-ewwel wiehed ma jidhirlix, avolja staqsiet lill-persuna jekk tridx tmur l-isptar, ahna nahsbu, issa ahna tobba, ma ahniex members of the public, jigifieri jekk jien nara xi hadd bil Melaena, niehdu jien l-isptar jigifieri, imma nassumi li jekk xi hadd jara lil xi hadd hekk, qed jaqa' ta' spiss u ma jistax iqum u jaqa' jerga u bl-ippurgar iswed niezel mieghu u jiddajjef, jien nipprova nikkonvicih li jfittex ghajnuna, hekk qed nghidu*'. Meta mistoqsi '*U jekk jibqa' jinsisti li ma jridx l-ghajnuna, what a lay person can do?*' wiegeb li '*Dik difficli ghax ahna ma stajniex nezaminaw il-kapacita*', *jien bhala geriatrician ikolli hafna nies anzjani li ghandhom per ezempju dimensia u ma jistghux jiddeciedu ghalihom infushom. Dawk imbaghad trid tistmaghhom qishom tfal u tehodhom. F'dan il-kaz mill-informazzjoni li ghandna ma nistghux nidditerminawha*'.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta kellha tiehu d-decizjoni li titlob ghajnuna medika, in-nuqqas li taghmel dan u li thallihom f'dak l-istat hija omissjoni li waslet biex

ippermetiet li persuna ssofri jew li ssirilha hsara. Ghall-appellanta, l-esperti ma setghux jiddeterminaw l-lay person f'dawn ic-cirkostanzi x'kellha taghmel, kelliex tmur kontra l-volonta tal-persuna, u minkejja l-parir tal-esperti taghha stess l-Qorti issib il-htija proprju fuq dan il-punt, nuqqas tal-obbligu tad-duty of care. L-appellanta tissottometti li l-Qorti izda ikkonkludiet li Ayers ma kienx kapaci jiddeciedi ghalih, ma kienux l-esperti li qalu dan u ghalhekk gie imcahhad minn attenzjoni medika. Konkluzjoni ghal kollox gratwita. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta dwar dan. L-anqas haga u l-iktar haga ovja li kellha taghmel l-appellanta kien li ssejjah ghal ghajnuna mediku, dan ma ghamlitux fiz-zmien opportun, sehh meta kien tard wisq. In oltre', it-tehid ta' filmati ta' dawn iz-zewg persuni f'dik il-qada hija fiha nfisha hazina u ma kellha qatt issehh. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li '*t-tehid tal-filmat wahdu jammonta ghall-forma ta' distress, tbghatija mentali inflitta kapriccozament u ratwitament, meta minflok fittxet li tghinhom* ***xjentement hallithom ikkrepati mal-art jew f'banju mghawwgin u mghakksin****...*'

L-appellanta taghmel sottomissjonijiet dwar li l-Bulgaru Matev ma qalx il-verita' meta qal li ma ghenx lil Neville Ayers u li kien hu li ghen lill-appellanta ggorru mill-kcina ghal fuq is-sodda. Fix-xhieda moghtija minn Haralon Drumev Matev quddiem l-espert Dr Mario Scerri, liema xhieda tinsab a fol 47 et sequitur tar-relazzjoni li tinsab fl-envelope a fol 204 tal-atti fejn huwa qal li '*I do not know whether she used to take care of him. This was not my problem but hers.*' pero' ma jaghtix daqstant dettalji daqs kemm ta' meta xehed quddiem il-Qorti. Minn naha l-ohra, Matev jichad li kellu xi involviment, anzi jammetti li ghalkemm l-appellanta talbet l-ghajnuna tieghu, hu ma gheniex. Dwar fejn waqa Ayers tghid li kien waqa fil-kcina u tghid li l-Bulgaru ghena tpoggih fis-sodda. Xehdet li '*He left. He just helped me to put him there and I asked him, "Please call somebody to help me! Please call an ambulance." He never called nobody.*' Tghid li '*I go myself, I leave Neville alone int he room and I go down to call ambulance.*' Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 92 inghad li '*victim was on his bed and all a sudden he fell on the floor without, moving and on seeing this she shouted for help, called an ambulance and after half an hour she ran to the police station.*' Ghalhekk mix-xhieda tal-imputata jirrizulta li ghalkemm Neville Ayers kien waqa fil-kcina ftit tal-hin qabel, meta sejhet ghall-ghajnuna u susswegentement marret l-Ghassa tal-Pulizija peress li l-ambulanza kienet ghada ma waslitx, huwa kien fil-kamra tas-sodda. Fir-rapport tal-Pulizija senjatament a fol 92

hemm imnizzel li '*When spoken to, the P.F.R. stated that she had last seen him in the room about 5 minutes earlier, just before she scrambled and ran to the Police Station, however he was still on the bed, rather than on the floor, as he was found by the Police.*' Irrespettivament ta' kif waqghu u mietu dawn iz-zewg persuni, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta f'li ssib lill-appellanta hatja taht l-artikolu 257A(1) u 257(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. La darba l-appellanta accettat li zzomhom fir-residenza jew kamra mikrija lilha, kienet hi responsabbli u kellha l-obbligu li mhux biss iccempel ghall-ghajnuna medika izda li ma thallihomx f'dak l-istat li kienu fiha. Bil-fatt li ma sejhitx ghajnuna medika meta kien hemm il-htiega, hija pperikolat is-sahha ta' dawn il-persuni u dan nonostante li ma hemmx nexus bejn il-kawza tal-mewt u tal-agir jew nuqqas ta' agir taghha. Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*<u>Bl-ebda mod ma jirrikjedi li l-awtur ikun jaf jew imissu kien jaf x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi tal-azzjoni jew ommissjoni tieghu</u>, altrimenti hawn jirrizultaw reati ohra u cioe' dawk ravvizati bl-artikoli 211 jew 225 tal-Kodici.*'

Il-Profs Marie-Theresa Camilleri Podesta li xehdet fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar David Grant qalet li '*kellu ferita fuq ir-right eyelid, kellu abrasions fuq ghonqu, kellu pressure points fil-right upper right knee, bed sores over the left buttock and lateral aspect of the left knee. Igifieri dana he was only 67. His general condition was very poor.*' Dwar Neville Ayers xehdet li '*ghandu 78 years, he is much older igifieri mill-iehor, and penumonia is a killer, anke in younger people. Kellna nies ta 60 sena li mietu bil pneumonia. Issa, again, dana kellu, kellu bruising fil-gilda, fuq mohhu, fil-forhead, fl-upper eyelid, lacero contused wound fl-upper eyelid, lascerations of the forearm and medial border of the left forearm. Kellu hadn igifieri, bruises, u superficial lascerations. Pero, the immediate cause of dealth kienet il-pneumonia.*' Fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Ayers senjatament a fol 53 tar-relazzjoni tieghu li tinsab fl-envelop a fol 204 tnizzel ukoll li:

'3. *Illi fuq dan il- kadavru kien jidher li kien hemm numru ta' tbengil, lacerazzjoni taht is- supra orbital ridge tal- lemin, abrazjonijiet u tbengil iehor kompatibbli ma' blunt trauma;*

*4. Illi definittivament kien hemm evidenza ta' neglect;*

*5. Illi l- lacerazzjoni deskritta fuq il- widna kienet kompatibbli ma' blunt trauma wkoll;*'

Filwaqt li fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' David Grant tnizzel fost konkluzjonijiet ohra:

*'5. Illi fuq il- kadavru kien hemm tbengila fuq in- naha tal- lemin tal- ghonq maghmula minn pressure tal-ghonq tal- flokk fuq l-ghonq;*

*6. Illi ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il- kadavru ta'* ***Grant****;*

*7. Illi dik l- abrazjoni deskritta fuq is- supra orbital ridge tal- lemin kienet kompatibbli ma' blunt trauma meta dan waqa' u seta' habat rasu mal- art;'*

Interessanti li meta l-appellanta kienet mistoqsija fl-istqarrija taghha tal-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) dwar ghala ma cemplitx ghal ambulanza meta Neville Ayers kien f'dak l-istat qalet li '*he said yes I am fine I am fine what i have to do he said he's fine*'.

Meta mistoqsija:

***'Inspector Fabian Fleri****: Ok so if he was your father*

***Dragana Mijalkovic****: Yes*

***Inspector Fabian Fleri****: You would have done the same*

***Dragana Mijalkovic****: If my father say to me he don't want hospital*

***Inspector Fabian Fleri****: You leave him like that*

***Dragana Mijalkovic****: Not leave like that*

***Inspector Fabian Fleri****: What would you do?*

***Dragana Mijalkovic****: But I'm his daughter*

***Inspector Fabian Fleri****: What do you do?*

***Dragana Mijalkovic****: Imma he's didn't want to go to hospital inspector*

***Inspector Fabian Fleri****: You are not answering my question. If your father is in that state and you tell he tells you I don't want to go to hospital you leave him like that or you call an ambulance even if he does not want to?*

***Dragana Mijalkovic****: My father*

***Inspector Fabian Fleri****: Yes*

***Dragana Mijakovic****: But if my father was in that situation I call ambulance but he didn't want*

***Inspector Fabian Fleri****: Even if he say "no I don't want"?*

***Dragana Mijalkovic****: Because I'm his daughter*

***Inspector Fabian Fleri****: Ok you had the responsibility of that person because you invited him in your apartment*

***Dragana Mijalkovic****: No I'm sorry no I didn't invite him he wanted to stay Sir I'...*

Ghalhekk din il-Qorti thoss li dak li l-appellanta hasset li kellha taghmlu lil missierha li kieku kien fil-qada ta' Neville Ayers, kellha taghmilha ma' dawn iz-zewg persuni u ghalhekk issejjah ghal ghajnuna medika hafna aktar kmieni minn meta fattwalment hadet l-azzjoni u sejhet ghall-ghajnuna medika. Jirrizulta skont ix-xhieda tal-appellanta li kienet hadet lil Neville Ayers f'spizerija darba meta kien waqa fuq tal-linja u darba ohra meta ma setghax jipporga izda jibqa' l-fatt li ma talbtix assistenza la meta David Grant kien qieghed jaqa' ta' sikwiet u lanqas meta Neville Ayers kien qieghed jipporga bla kontroll. Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li Neville Ayers kien sejjer isiefer l-ghada li miet, fil-qada li kien fiha huwa evidenti li ma kienx ser ikun possibli ghalih li jsiefer lura l-Ingilterra. Minkejja l-ispjegazzjonijiet li l-appellanta taghti dwar ghala hadet il-filmati in kwistjoni, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-fatt li ttiehdu dawn il-filmati meta dawn il-persuni kienu f'dik il-qada hija fiha nfisha deplorabbli u hija konferma li l-appellanta anke jekk dan ma tikkonfermahx, hasset li f'dawk l-istanzi kellha ssejjah ghal ghajnuna medika u li ghalhekk il-filmati ttiehdu sabiex fil-fehma taghha ikunu prova biex tiskolpa ruhha jekk ikun hemm il-htiega. Ghalhekk it-tehid tal-filmati jikkonfermaw ix-xjenza tal-appellanta li bin-nuqqas li ssejjah ghal ghajnuna medika, kienet qieghed tippermetti li ssir hsara fizika.

Bin-nuqqas ta' azzjoni, bil-fatt li l-appellanta kienet ben konsapevoli tal-kundizzjoni medika taz-zewg anzjani, l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssib li taht ic-cirkostanzi jew kondizzjoni li x'aktarx jikawzza offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt, xjentement ippermetiet li jsofru, li ippermeiet li s-sahha taghhom ssirilhom f'sara u fejn jitqieghdu

f'sitwazzjoni l-persuna jew is-sahha taghhom tkun fil-periklu. Ma hemmx dubju li d-diversi waqghat u cioe' l-fatt li kif anke tikkonferma l-appellanta David Grant kien qieghed jitlef il-bilanc u bil-fatt li Neville Ayers kien qieghed jipporga minghajr kontrol setgha wassal sabiex jigu kkawzati offiza gravi jew il-mewt. Ghalhekk ma hemmx ness bejn il-kawza tal-mewt u l-azzjoni jew in-nuqqas taghha da parti tal-appellanta, jirrizulta li l-appellanta xorta ippermietiet li s-sahha taghhom issirilhom hsara..'

Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija taht l-artikolu 257A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Is-seba' aggravju mressaq mill-appellanta jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza u cioe' tal-kont relatat mar-relazzjoni tal-espert Marisa Cassar fejn jirrizulta kont ta' disat'elef, tlett mija u hamsa u erbghin ewro u sittin centemzu (€9,345.60)[37]. Skont l-appellanta dawn huma spejjez li hadd ma jikkontrolla ghajr l-espert innifsu, li jaghmel dawk it-testijiet kollha li jidhirlu hemm bzonn, ma jitlobx awtorizazzjoni fuq in-numru ta' testijiet li ser jeffettwa, jirredigi l-kont tieghu, il-kont ma jigiex kontestat u spejjez mhux marbutin mal-akkuzi li rinfaccjat l-akkuzata, imposti awtomatikament u a tenur tal-artikolu 533.

Tisottometti ukoll li dan il-kont ifisser sena habs minghajr mal-akkuzata jkollha l-ebda kontroll fuqhom u tghid li dawn l-ispejjez kienu ukoll fatur determinanti l-ghaliex il-partijiet waslu sa fejn qeghdin illum.

Skont l-appellanta dawn kienu kollha rrelevanti ghal fini tal-artikoli li l-Avukat Generali spicca biex ipprezenta fil-konfront tal-imputata. Li ma ntuzat l-ebda minn l-analizi u lanqas ma saret referenza ghalihom. Tghid li dawn l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-imputata biss jekk fl-ewwel lok jirrizultaw rilevanti ghall-akkuzi li wiehed jispicca biex jirrinfaccja u jekk jintuzaw fil-proceduri fil-konfront tieghu u mhux ghax sempliciment saru fl-investigazzjoni jigu awtomatikament addebitati lilu. Dak li qieghda tishaq l-appellanta huwa biss dawk minnhom li ma jkunux rilevanti ghall-akkuzi li jirrinfacca akkuzat ma ghandhomx jigu awtomatikament addebitati lilu.

---

[37] A fol 203 tal-atti.

Fl-inkjesta dwar il-mewt ta' Neville Ayers jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti kien hatar fost esperti ohra '*Lil Marisa Cassar u lil Dott Michael Scott Ham bhala esperti teknici fil-qasam tal-kimika, u b'mod partikolari Dr. Marisa Cassar bħala esperta fis-seroloġija u tal-analiżi u profilassi tad-DNA, u Dr. Scott-Ham bħala tossikologu, minbarra li, jekk ikun meħtieġ jaċċedu fuq il-post tas-sejba tal-kadavru u f'kull lok ieħor rilevanti għal din l-inkjesta, jagħmlu dawk il-prelevamenti u dawk l-eżamijiet kollha li jidhrilhom xierqa, inkluż fuq il-post ta fejn seħħet is-sejba tal-kadavru u f''kull fond u jew ambjent ċirkostanti, kif ukoll fuq il-kadavru jew minn kampjuni meħuda mill-istess kadavru, kif ukoll fuq kull dokument ieħor rilevanti u relatat ma dan il-każ, u għal dan il-għan huma qegħdin jiġu awtorizzati sabiex jagħmlu dak kollu li huwa meħtieġ skont ix-xjenza u s-sengħa tagħhom sabiex iwetqu l-inkarigu tagħhom b'mod komplet u sħiħ u skont il-Liġi.*' L-espert Marisa Cassar gabret numru ta' kampjuni mid-diversi kmamar li gew ezaminati u gabret kampjuni orali u nail scrapings minghand l-imputata u minghand Neville Ayers.

L-Ewwel Qorti qieset li '*f'dak l-istadju kienet qed tigi investigata mewt potenzjalment kawza ta' omicidju volontarju w l-ezamijiet u analizi li saru kienu f'dak l-isfond, fejn ab initio ma jista' jigi eskluz xejn u fejn ghandu jigi nvestigat kull aspett inkluz involvimentta' terzi. Lanqas ma hu minnu li ma kienx hemm ezami komparattiv tant li ttiehduu nail scrappings tal-imputata kif ukoll ta' Ayers.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) v. Louis Portelli'**[38] inghad li:

'*In kwantu ghat-**tieni aggravju**, izda, din il-Qorti hi tal-fehema li l-appellant ghandu, ghalkemm mhux ghal kollox, sostanzjalment ragun fis-sens li l-ispiza piuttost ingenti li giet inkorsa meta l-perit tekniku thalla fil-liberta' kollha jiddetermina l-andament tal-perizja u jintilef f'accessi, pjanti u ritratti u f'indagni komplessa li ma kienetx necessarja tenut kont tal-imputazzjoni u l-fattispeci tal-kaz ma kienetx ghal kollox ragonevoli u gustifikata. Din il-Qorti ghalhekk tilqa' in parte dan l-aggravju u konsegwentement ser tirriduci b'mod konsiderevoli l-ammont li l-appellant ghandu jhallas mill-ispejjez inkorsi ghall-perizja li giet ordnata.*'

Din il-Qorti taqbel mal-appellanta f'dan ir-rigward. L-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju indika l-artikoli 225, 257A, 257C, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-Ewwel Qorti sabet htija taht l-artikolu 17, 31 u 257A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti thoss li la darba mhux talli l-Avukat Generali ma gabx il-

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru, 2011 (Numru 251/2011)

quddiem l-akkuza ta' omicidju volontarju izda lanqas ma nstabet htija ta' omicidju involontarju, l-appellanta ma kelliex tigi kkundannata thallas l-ispejjez relatati mal-inkarigu u r-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jintlaqa.

Ikkunsidrat;

It-tmien aggravju jirrigwarda l-piena u cioe' li skont l-appellanta hija eccessiva u mhiex ekwa. Tissottometti li l-Qorti ma semmiet xejn ghal fatt li l-appellanta hija first time offender. Kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-appellanta, jirrizulta li l-Qorti qieset li '*Ghalkemm l-imputata ser tigi kkunsidrata bhala first-time offender, tenut kont li ma giex soddisfacentement ppruvat li gewwa s-Serbja ghandha criminal record, il-vittmi f'dan il-kaz kienu tnejn. Ittiehed kont tal-fatt li lanqas ma gie attribwit lill-imputata r-reat kontinwat.*'

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti, hawnhekk si tratta ta' zewg vittmi, li b'din is-sentenza ghandu jintbaghat messagg car li jservi ta' deterrent generali, l-appellanta kienet mistennija li minflokk ma tiehu filmati ta' persuni f'dik il-qada prekarja, kellha tiehu azzjoni immedjata sabiex dawn il-persuni jircievu kura medika. Ghalkemm hawn *non si tratt ta' reat* ta' kommissjoni izda ta' ommissjoni, din l-ommissjoni kienet tali li ppermettiet li ssir hsara fuq is-sahha jew il-persuni ta' dawn l-anzjani. Il-piena ta' prigunerija ghandha tkun effettiva abbazi tal-fatt li l-appellanta naqset fid-*duty of care* versu z-zewg persuni li hija accettat li zzomm fir-residenza maghha u meta naqset milli tghajjat ghal ghajnuna medika meta rat liz-zewg persuni f'dak l-istat tant fragli. In oltre', l-fatt li l-appellanta hadet il-filmati jikkonferma li kienet konsapevoli tal-fatt li dawn iz-zewg persuni kienu fi stat fragli. Din il-Qorti izda in vista tal-fatt li ma giex stabbilit nexus bejn il-kawza tal-mewt taz-zewg vittmi u l-fatt li l-appellanta naqset fid-*duty of care*, sejra tnaqqas il-piena ta' prigunerija imposta mill-Ewwel Qorti ta' hames snin u nofs ghal erba' snin effettivi .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti kkunsidrat ir-raba' stqarrija datata t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) bhala ammissibli u minflokk tiddikjaraha inammissibli, tqis ukoll bhala inammissibli partijiet tat-tielet stqarrija datata l-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) limitatament fejn din taghmel referenza ghal partijiet ta' stqarrijiet

moghtija mill-appellanta fit-tlettax (13) u erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), qieghda tikkonfermaha fil-htija. Rigwardanti l-piena imposta mill-Ewwel Qorti, qieghda tirrevoka fejn il-Qorti ordnat prigunerija effettiva ghal perjodu ta' hames snin u nofs u qieghda minflokk tikkundanna lill-appellanta ghal erba' snin prigunerija, minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellanta ghamlet taht arrest preventiv.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka ukoll fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-ispejjez peritali relatati mal-inkarigu ta' Dr Marisa Cassar u ghalhekk qieghed tirrevoka fejn ordnat il-hlas ta' erbatax-il elf, hames mija u erbatax il-ewro u tmienja u erbghin centezmu (€14,518.48) u qieghda minflokk tordna l-hlas ta' hamest'elef, mija u tmienja u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€5168.88) rapprezentanti l-ispejjez peritali rimanenti. Il-Qorti tikkonferma l-ordni li jekk dawn l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu konveritit f'terminu ta' prigunerija *ai termini* tal-ligi.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn in vista tal-fatt li rrizulta li l-hatja ma ghandhiex permess tirrisjedi Malta, tirrakomanda li hekk kif tkun skontat is-sentenza imposta fuqha, jittiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lill-Ufficjal Principali Ghall-Immigrazzjoni *ai termini* tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-akkuzata titnehha minn dawn il-Gzejjer.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur